SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża)

6 ta' April 2022 * [i]

"Għajnuna mill-Istat – Skema ta' għajnuna implimentata mill-Gvern tal-Ġibiltà rigward it-taxxa fuq il-kumpanniji – Eżenzjoni fiskali għal dħul iġġenerat minn interessi u minn royalties ta' proprjetà intellettwali – Deċiżjonijiet fiskali antiċipati favur impriżi multinazzjonali – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern – Obbligu ta' motivazzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Vantaġġ selettiv – Dritt li jiġu ppreżentati osservazzjonijiet"

Fil-Kawża T-508/19,

**Mead Johnson Nutrition (Asia Pacific) Pte Ltd**, stabbilita f'Singapor (Singapor),

**MJN Global Holdings BV**, stabbilita f'Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi),

**Mead Johnson BV**, stabbilita f'Nijmegen (il-Pajjiżi l-Baxxi),

**Mead Johnson Nutrition Co.**, stabbilita f'Chicago, Illinois (l-Istati Uniti),

irrappreżentati minn C. Quigley, barrister, M. Whitehouse u P. Halford, solicitors,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn L. Flynn, B. Stromsky u P. Němečková, bħala aġenti,

konvenuta

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/700 tad-19 ta' Diċembru 2018, dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.34914 (2013/C) implimentata mir-Renju Unit rigward l-Iskema tat-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv f'Ġibiltà (ĠU 2019, L 119, p. 151),

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża),

komposta minn V. Tomljenović (Relatriċi), Presidenta, F. Schalin, P. Škvařilová-Pelzl, I. Nõmm u G. Steinfatt, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Reġistratur: I. Pollalis, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

## I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

### A. L-adozzjoni tal-Income Tax Act tal-2010 u l-għoti tad-deċiżjoni fiskali antiċipata ta' MJN GibCo tal-2012

1 Fl-1 ta' Jannar 2011, l-Income Tax Act tal-2010 (il-Liġi dwar it-Tassazzjoni tal-Kumpanniji ta' Ġibiltà tal-2010, iktar 'il quddiem l-"ITA 2010"), daħlet fis-seħħ u ħassret lill-Income Tax Act tal-1952 (il-Liġi dwar it-Tassazzjoni tal-Kumpanniji ta' Ġibiltà tal-1952, iktar 'il quddiem l-"ITA 1952"). L-ITA 2010 stabbilixxiet rata ġenerali ta' tassazzjoni tal-kumpanniji ta' 10 %. Sal-emenda tal-ITA 2010, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2013 fir-rigward tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi, u sussegwentement fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena f'dak li jirrigwarda d-dħul iġġenerat minn royalties (iktar 'il quddiem l-"emenda tal-2013 tal-ITA 2010"), dan id-dħul ma kienx inkluż fil-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010.

2 Sax-xoljiment tagħha, fis-16 ta' Ottubru 2018, MJN Holdings (Gibraltar) Ltd (iktar 'il quddiem "MJN GibCo") kienet kumpannija stabbilita f'Ġibiltà, li tappartjeni lill-grupp internazzjonali Mead Johnson Nutrition (iktar 'il quddiem il-"grupp MJN"), attiv fil-manifattura ta' prodotti nutrizzjonali infantili jew intiżi għat-tfal. L-attività ta' MJN GibCo kienet tikkonsisti fiż-żamma, bħala soċju akkomandanti, ta' sehem fil-kapital ta' Mead Johnson Three CV (iktar 'il quddiem "MJT CV"), soċjetà in akkomandita sempliċi rregolata mid-dritt Olandiż (commanditaire vennootschap, iktar 'il quddiem "CV Olandiża"), stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi sax-xoljiment tagħha, fil-15 ta' Diċembru 2017.

3 MJT CV kellha liċenzji ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali (b'mod partikolari privattivi, trade marks u informazzjoni teknika) li fuqhom hija kienet tagħti, permezz tal-ħlas ta' royalties, sottoliċenzji lil Mead Johnson BV (iktar 'il quddiem "MJ BV"), kumpannija rregolata mid-dritt Olandiż.

4 L-azzjonisti ta' MJT CV kienu, minn naħa, MJN GibCo (b'99.99 %) u, min-naħa l-oħra, MJN Asia Pacific Holding LLC (b'0.01 %), kumpannija b'responsabbiltà limitata rregolata mid-dritt Amerikan. Is-sehem ta' MJN GibCo fil-kapital ta' MJT CV kien jagħtiha dritt għal 99.99 % tal-profitti ta' din tal-aħħar.

5 Sa Ġunju 2017, il-kumpannija omm tal-grupp MJN kienet Mead Johnson Nutrition Co. (iktar 'il quddiem "MJN US"), kumpannija stabbilita f'Delaware (l-Istati Uniti). Mead Johnson Nutrition (Asia Pacific) Pte Ltd, stabbilita f'Singapor (Singapor) u li għandha bħala attività l-manifattura u l-bejgħ ta' prodotti nutrizzjonali infantili, kienet, min-naħa tagħha, il-kumpannija omm 100 % ta' MJN GibCo, sax-xoljiment ta' din tal-aħħar.

6 Fil-11 ta' Settembru 2012, wara talba mressqa fl-istess jum mill-avukati ta' MJN US, il-kumpannija omm tal-grupp MJN (iktar 'il quddiem it-"talba għal deċiżjoni fiskali antiċipata"), l-awtoritajiet tat-taxxa ta' Ġibiltà taw lil MJN GibCo deċiżjoni fiskali antiċipata li tikkonferma n-nuqqas ta' tassazzjoni, fir-rigward ta' MJN GibCo, tad-dħul ta' MJT CV iġġenerat minn royalties (iktar 'il quddiem id-"DFA ta' MJN GibCo tal-2012").

7 It-talba għal deċiżjoni fiskali antiċipata kienet tippreċiża li MJT CV kienet meqjusa bħala soċjetà in akkomandita taħt id-dritt fiskali ta' Ġibiltà. Skont l-awturi tat-talba għal deċiżjoni fiskali antiċipata, peress li tali kumpannija kienet trasparenti fir-rigward tat-tassazzjoni ta' Ġibiltà, kull dħul iġġenerat minn royalty miġbura minn MJT CV kellu jitqies bħala li huwa rċevut direttament minn MJN GibCo. Madankollu ġie indikat li, fil-fehma tagħhom, kull dħul iġġenerat minn royalties li jista' jiġi rċevut ma jaqax taħt il-kategoriji ta' dħul taxxabbli taħt l-ITA 2010 ("heads of charge taxable under the ITA 2010"). Għalhekk, l-awtoritajiet ta' Ġibiltà ntalbu jikkonfermaw din l-interpretazzjoni tal-ITA 2010 kif ukoll il-fatt li kull dħul iġġenerat minn royalties rċevut minn MJN GibCo, minħabba s-sehem tagħha f'MJT CV, ma jkun jagħti lok għal ebda ssuġġettar għat-taxxa.

8 Permezz tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, l-Uffiċċju tat-Taxxa fuq id-Dħul (Income Tax Office) wieġeb li, "abbażi tal-fatti u taċ-ċirkustanzi ppreżentati fit-[talba għal deċiżjoni fiskali antiċipata], [kien] ikkonfermat, f'isem il-Kummissarju [tat-Taxxa fuq id-Dħul ta' Ġibiltà], li [...] id-dħul futur iġġenerat minn royalties rċevut minn [MNJ GibCo] ma [kienx ser ikun] suġġett għat-taxxa skont id-dispożizzjonijiet ta[l-ITA 2010]".

## B. Il-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni

9 Fl-1 ta' Ġunju 2012, ir-Renju ta' Spanja ressaq ilment quddiem il-Kummissjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat allegatament rċevuta mill-kumpanniji offshore ta' Ġibiltà fil-kuntest tas-sistema fiskali stabbilita mill-ITA 2010.

10 Fis-16 ta' Ottubru 2013, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura"), sabiex tivverifika jekk in-nuqqas ta' tassazzjoni ("eżenzjoni fiskali" fit-test tal-imsemmija deċiżjoni) tad-dħul iġġenerat mill-interessi passivi u mir-royalties ta' proprjetà intellettwali, previst mill-ITA 2010, kienx jagħti vantaġġ selettiv lil ċerti impriżi, bi ksur tar-regoli tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat.

11 Fl-1 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni informat lir-Renju Unit bid-deċiżjoni tagħha li testendi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) TFUE sabiex tiġi inkluża fiha l-prattika tad-deċiżjonijiet fiskali antiċipati f'Ġibiltà u, b'mod iktar partikolari, l-adozzjoni ta' 165 deċiżjoni fiskali antiċipata (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' estenzjoni tal-proċedura").

## C. Id-deċiżjoni kkontestata

12 Fid-19 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni (UE) 2019/700 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.34914 (2013/C) implimentata mir-Renju Unit rigward l-Iskema tat-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv f'Ġibiltà (ĠU 2019, L 119, p. 151, iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni kkontestata"). Essenzjalment, il-Kummissjoni kkonstatat, minn naħa, li l-"eżenzjoni" tad-dħul iġġenerat mill-interessi passivi u mir-royalties, applikabbli f'Ġibiltà bejn l-2011 u l-2013 skont l-ITA 2010, kienet tikkostitwixxi skema ta' għajnuna mill-Istat implimentata illegalment u inkompatibbli mas-suq intern u, min-naħa l-oħra, li

t-trattament fiskali mogħti mill-Gvern ta' Ġibiltà abbażi ta' deċiżjonijiet fiskali antiċipati mogħtija lil ħames kumpanniji stabbiliti f'Ġibiltà li għandhom sehem f'CV Olandiżi u li jirċievu dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties ta' proprjetà intellettwali (iktar 'il quddiem il-"ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati" kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat individwali illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

### *1. "Eżenzjoni" tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties (skema ta' għajnuna)*

13 Fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet, fuq bażi preliminari, li l-"eżenzjoni" tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi (iktar 'il quddiem in-"nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi) u l-"eżenzjoni" tad-dħul iġġenerat minn royalties (iktar 'il quddiem in-"nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties") kienu jikkostitwixxu, kull waħda minnhom, skema ta' għajnuna. Sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-emenda tal-2013 tal-ITA 2010 li abbażi tagħha d-dħul iġġenerat minn royalties u minn interessi passivi ġie inkluż fost il-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010, li seħħet wara d-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni limitat il-kamp ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata għad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties rċevut jew li għandu jiġi rċevut bejn id-dħul fis-seħħ tal-ITA 2010 (fl-1 ta' Jannar 2010) u t-30 ta' Ġunju 2013 (għad-dħul iġġenerat minn interessi passivi) jew il-31 ta' Diċembru 2013 (għad-dħul iġġenerat minn royalties).

14 Fir-rigward tal-analiżi tal-kriterju tal-vantaġġ, il-Kummissjoni kkonstatat, essenzjalment, li d-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties rċevut minn impriża f'Ġibiltà kien normalment mejqus bħala ġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà u, għalhekk, kien normalment suġġett għat-taxxa f'Ġibiltà bis-saħħa tal-prinċipju ta' territorjalità. Għaldaqstant, hija kkonkludiet li din l-"eżenzjoni" kienet tintroduċi tnaqqis tat-taxxa li l-impriżi li jibbenefikaw minnha kienu nkella jkollhom iħallsu (premessi 81 sa 83 tad-deċiżjoni kkontestata).

15 Fir-rigward tal-analiżi tas-selettività, skont il-ġurisprudenza dwar is-selettività materjali ta' miżuri fiskali, il-Kummissjoni, qabelxejn, qieset li l-qafas ta' riferiment li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi eżaminat in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties kien l-ITA 2010, li l-għan tagħha kien il-ġbir tat-taxxa fuq id-dħul mingħand il-kontribwenti li jirċievu dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà. Barra minn hekk, hija ppreċiżat li l-"eżenzjoni" tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties ma kinitx tirriżulta minn eżenzjoni formali prevista mis-sistema fiskali, iżda min-nuqqas ta' inklużjoni ta' dan id-dħul fil-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Gibiltà elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010, fi kliem ieħor minn "eżenzjoni impliċita" (premessi 89 sa 93 tad-deċiżjoni kkontestata).

16 Sussegwentement, il-Kummissjoni eżaminat jekk in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties kienx jagħti lok għal trattament fiskali differenti lil impriżi li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli. Hija rrilevat li, fl-assenza tal-"eżenzjoni" tad-dħul iġġenerat minn royalties u minn interessi passivi, dan kien ikun suġġett għat-taxxa f'Ġibiltà b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità.

17 Barra minn hekk, wara li indikat li, meta l-miżura eżaminata ma kinitx tirriżulta minn deroga formali mis-sistema fiskali, kien hemm lok li jitqiesu l-effetti tagħha, sabiex jiġi evalwat jekk din kinitx tagħti vantaġġ sinjifikattiv lil grupp ta' impriżi partikolari, il-Kummissjoni qieset, abbażi ta' ċifri, li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties kien jagħti vantaġġ lil kumpanniji li jappartjenu lil gruppi multinazzjonali li jeżerċitaw attivitajiet bħall-għoti ta' self fi ħdan il-grupp jew ta' drittijiet għall-użu tal-assi intanġibbli. Peress li dawn

l-impriżi kienu jinsabu, fir-rigward tal-għan tal-ITA 2010, fl-istess sitwazzjoni legali u fattwali bħall-impriżi l-oħra li jirċievu dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà, il-Kummissjoni minn dan ikkonkludiet li dawn il-miżuri kienu *a priori* selettivi (premessi 94 sa 104 tad-deċiżjoni kkontestata).

18 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qieset li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties ma kienx iġġustifikat mil-loġika intrinsika tas-sistema fiskali tal-ITA 2010. Hija ċaħdet, b'mod partikolari, il-ġustifikazzjonijiet invokati mill-awtoritajiet tar-Renju Unit bħall-ġestjoni amministrattiva tajba (premessi 105 sa 109 tad-deċiżjoni kkontestata). Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li dawn il-miżuri kienu kull waħda minnhom jikkostitwixxu skema ta' għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

## *2. Il-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati (miżuri ta' għajnuna individwali)*

19 Fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, il-Kummissjoni kienet identifikat 165 deċiżjoni fiskali antiċipata mogħtija mill-awtoritajiet tat-taxxa ta' Ġibiltà, li fir-rigward tagħhom hija kienet ikkonkludiet, b'mod preliminari, li dawn kienu materjalment selettivi u li dawn kienu potenzjalment jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

20 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li 160 mill-165 deċiżjoni fiskali antiċipata analizzati kienu jikkorrispondu għal applikazzjoni normali tas-sistema fiskali tad-dritt komuni ta' Ġibiltà, mingħajr ma tista' tiġi konkluża l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, għal raġuni oħra (premessi 132 sa 150 tad-deċiżjoni kkontestata). Għall-kuntrarju, hija qieset li l-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati, fosthom id-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, li kellhom jiġu eżaminati kienu jikkostitwixxu miżuri ta' għajnuna individwali. Permezz tal-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati, li kienu baqgħu fis-seħħ wara l-emenda tal-2013 tal-ITA 2010, u inkluż wara awditi mwettqa fl-2015, l-awtoritajiet tat-taxxa ta' Ġibiltà kienu kkonfermaw lid-destinatarji tagħhom li d-dħul iġġenerat minn royalties fil-livell ta' CV Olandiżi li huma kellhom ishma fihom ma kienx taxxabbli abbażi tal-ITA 2010.

21 Qabel kollox, il-Kummissjoni indikat, fil-premessa 153 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati kienu ġeneralment jirrigwardaw l-istruttura ta' grupp sussegwenti:




22 Il-Kummissjoni ppreċiżat li, skont il-komunikazzjonijiet tal-awtoritajiet tar-Renju Unit, l-awtoritajiet tat-taxxa ta' Ġibiltà kienu jqisu li d-dħul rċevut minn CV Olandiżi kien direttament rċevut mill-impriżi ta' Ġibiltà li kellhom sehem fl-imsemmija CV. Hija żiedet li, sa fejn, wara l-emendi tal-ITA 2010, id-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties ġie inkluż fil-kategoriji ta' dħul elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010 u kien sar taxxabbli f'Ġibiltà, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, tali dħul kien sar taxxabbli fil-livell tal-imsieħba stabbiliti f'Ġibiltà. Il-Kummissjoni għalhekk identifikat, fil-premessi 161 u 162 tad-deċiżjoni kkontestata l-ishma tal-profitti li jirriżultaw minn dħul passiv jew minn royalties ta' proprjetà intellettwali li kien imisshom ġew integrati fil-bażi taxxabbli tal-ħames impriżi benefiċjarji ta' dawn id-deċiżjonijiet, stabbiliti f'Ġibiltà, u intaxxati skont ir-regoli ta' tassazzjoni "normali ta' Ġibiltà". Fir-rigward ta' MJN GibCo, hija indikat li din kellha 99.99 % tal-ishma u li l-profitti taxxabbli tagħha f'Ġibiltà kienu jammontaw għal 330 785 918.10 dollaru Amerika (USD) għall-2014, għal USD 254 328 564.60 għall-2015, u għal USD 232 375 224.15 għall-2016. Fil-fehma tagħha, dawn l-ishma kien imisshom ġew integrati fil-bażi taxxabbli ta' MJN GibCo u intaxxati skont ir-regoli ta' tassazzjoni ta' Ġibiltà.

23 Fir-rigward tal-vantaġġ selettiv, il-Kummissjoni, qabelxejn, qieset li l-qafas ta' riferiment rilevanti għall-eżami tas-selettività kien l-ITA 2010 u rreferiet, f'dan ir-rigward, għall-kunsiderazzjonijiet żviluppati fit-Taqsima 7.1.3.1 tad-deċiżjoni kkontestata, dwar l-eżami tas-selettività tal-iskemi ta' għajnuna li jikkonsistu fin-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties. Hija żiedet li kien ikun neċessarju, skont ir-regoli tal-common law, li jittieħed

inkunsiderazzjoni s-sehem tal-profitti jew tal-qligħ kapitali miksuba minn CV, inkwantu impriża msieħba, daqs li kieku dan is-sehem kien jirrappreżenta l-profitti jew il-qligħ kapitali tal-impriża stabbilita f'Ġibiltà.

24 Sussegwentement, il-Kummissjoni kkonstatat, għall-perijodu preċedenti għall-emenda tal-2013, li d-deċiżjonijiet fiskali antiċipati kienu japplikaw skemi ta' għajnuna li jipprevedu l-eżenzjoni tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties, li kienu ġew eżaminati fit-Taqsima 7 tad-deċiżjoni kkontestata. Għall-perijodu sussegwenti għal din l-emenda, hija rrilevat li l-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati kienu jawtorizzaw lill-benefiċjarji tagħhom ikomplu jibbenefikaw mill-iskemi ta' eżenzjoni tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties u minn dan ikkonkludiet li l-awtoritajiet tat-taxxa ta' Ġibiltà kienu estendew l-eżistenza ta' din l-iskema f'ħames każijiet individwali, fatt li kien jikkostitwixxi deroga mis-sistema fiskali ordinarja.

25 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qieset li l-ħames kumpanniji ta' Ġibiltà li bbenefikaw mill-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati kienu jinsabu f'sitwazzjoni legali u fattwali paragunabbli ma' dik tal-kumpanniji kontribwenti kollha, li jiġġeneraw dħul f'Ġibiltà jew minn Ġibiltà, suġġetti għat-taxxa f'Ġibiltà, u li din id-deroga ma setgħetx tiġi ġġustifikata min-natura u mil-loġika tas-sistema.

26 Fir-rigward tal-benefiċjarji tal-miżuri ta' għajnuna identifikati, il-Kummissjoni qieset li l-kumpanniji omm, proprjetarji tal-kumpanniji msieħba stabbiliti f'Ġibiltà, kienu, fl-aħħar mill-aħħar, benefiċjarji ta' dawn il-miżuri. Hija rrilevat li l-ħames kumpanniji ta' Ġibiltà li jibbenefikaw mill-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati, inkluża MJN GibCo, kienu jagħmlu parti minn gruppi internazzjonali kbar u li l-istruttura tal-gruppi li kienet tinkludi CV Olandiża kienet tivvantaġġja lill-kumpanniji omm, billi tippermettilhom jiġġeneraw profitti permezz tal-isfruttament ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali, mingħajr ma dawn jiġu intaxxati. Il-Kummissjoni żiedet li l-istruttura tal-grupp ta' impriżi li tinkludi kumpannija b'responsabbiltà limitata Olandiża, CV Olandiża, kumpanniji msieħba ta' Ġibiltà u kumpannija omm kienet tikkostitwixxi l-istess unità ekonomika waħda, fis-sens tal-ġurisprudenza, b'mod li dawn il-kumpanniji differenti kellhom kollu jitqiesu bħala l-benefiċjarji tal-miżura ta' għajnuna li din l-impriża kienet ibbenefikat minnha.

## D. Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata

27 Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata jipprovdi kif ġej:

*"Artikolu 1*

1. L-iskema ta' għajnuna mill-Istat fil-forma tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu għall-imgħax passiv applikabbli f'Ġibiltà skont l-[ITA]tal-2010 bejn l-1 ta' Jannar 2011 u t-30 ta' Ġunju 2013, u mdaħħla fis-seħħ b'mod illegali f'Ġibiltà fi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat hija inkompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

2. L-iskema ta' għajnuna mill-Istat fil-forma tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu mir-royalties applikabbli f'Ġibiltà taħt l-[ITA] tal-2010 bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013, u mdaħħla fis-seħħ b'mod illegali f'Ġibiltà fi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat hija inkompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

*Artikolu 2*

L-għajnuniet mill-Istat individwali mogħtija mill-Gvern ta' Ġibiltà, fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet tat-taxxa […] lil ħames kumpaniji f'Ġibiltà b'interessi fi [CV] Netherlandiżi […] li jirċievu introjtu minn royalties u imgħax passiv, li ddaħħlu fis-seħħ mir-Renju Unit fi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, huma inkompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

[…]

*Artikolu 5*

1. Ir-Renju Unit għandu jirkupra l-għajnuna inkompatibbli kollha mogħtija fuq il-bażi tal-iskemi ta' għajnuna li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1 jew fuq il-bażi ta[l-ħames] deċiżjonijiet tat-taxxa li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2, mill-benefiċjarji tal-għajnuna.

2. Kwalunkwe għajnuna individwali mogħtija fuq il-bażi ta[l-ħames] deċiżjonijiet tat-taxxa li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2 li ma tistax tkun irkuprata mill-kumpanija ta' Ġibiltà inkwistjoni għandha tkun irkuprata minn entitajiet oħra li jiffurmaw unità ekonomika unika ma' dik il-kumpanija ta' Ġibiltà, jiġifieri l-BV Netherlandiża, is-CV Netherlandiża jew il-kumpanija parent rilevanti tal-kumpanija ta' Ġibiltà.

[…]"

## II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

28 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Lulju 2019, ir-rikorrenti, Mead Johnson Nutrition (Asia Pacific), MJN Global Holdings BV, MJ BV u MJN US ippreżentaw dan ir-rikors.

29 B'applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti, fis-27 ta' Marzu 2020, ressqu talba motivata għal seduta għas-sottomissjonijiet orali.

30 Fuq proposta tat-Tieni Awla, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regoli tal-Proċedura, li tibgħat il-kawża quddiem kulleġġ ġudikanti estiż.

31 Fit-12 ta' Mejju 2021, il-Qorti Ġenerali għamlet mistoqsijiet bil-miktub lill-partijiet permezz ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, prevista fl-Artikolu 89(3) tar-Regoli tal-Proċedura. Il-partijiet laqgħu t-talba tal-Qorti Ġenerali fit-terminu mogħti.

32 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali nstemgħu waqt is-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021.

33 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla l-Artikolu 1(2), l-Artikolu 2 u l-Artikolu 5(1) u (2) tad-deċiżjoni kkontestata inkwantu dawn japplikaw għalihom;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

34 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli jew infondat;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż

## III. Id-dritt

35 B'mod preliminari, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni rrinunċjat, fil-kontroreplika tagħha, milli tinvoka l-inammissibbiltà tar-rikors bħala tardiv.

### A. Fuq l-istruttura tar-rikors

36 Hekk kif jirriżulta mid-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata u mill-punti 13 sa 26 iktar 'il fuq, id-deċiżjoni kkontestata tirrigwarda, l-ewwel, żewġ skemi ta' għajnuna, jiġifieri, minn naħa, in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi, imsemmi fl-Artikolu 1(1) tal-imsemmija deċiżjoni, u, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties, imsemmi fl-Artikolu 1(2) tal-istess deċiżjoni, u, it-tieni, ħames miżuri individwali mogħtija abbażi tal-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati, imsemmija fl-Artikolu 2 ta' din l-istess deċiżjoni.

37 Il-klassifikazzjoni tal-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati bħala miżuri ta' għajnuna individwali, għall-perijodu sussegwenti għall-31 ta' Diċembru 2013 (data li minnha ntemmu l-iskemi ta' għajnuna), hija totalment indipendenti mill-klassifikazzjoni tan-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties bħala skema ta' għajnuna. Id-deċiżjoni kkontestata fiha għaldaqstant żewġ taqsimiet separati li fihom id-diversi kriterji ta' eżistenza ta' għajnuna mill-Istat huma eżaminati separatament.

38 Barra minn hekk, l-Artikolu 5(1) u (2) tad-deċiżjoni kkontestata jirrigwarda l-irkupru tal-miżuri ta' għajnuna msemmija fl-Artikoli 1 u 2 ta' din l-istess deċiżjoni.

39 Permezz tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu l-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata u, b'mod iktar partikolari, l-annullament tal-Artikolu 1(2), tal-Artikolu 2 kif ukoll tal-Artikolu 5(1) u (2) tal-imsemmija deċiżjoni inkwantu dawn japplikaw għalihom.

40 Ir-rikors huwa maqsum fi tliet partijiet separati. L-ewwel parti tar-rikors hija intiża għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, inkwantu l-Kummissjoni kklassifikat bħala skema ta' għajnuna n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kif ukoll tal-ordni ta' rkupru marbuta ma' din il-miżura. It-tieni parti tar-rikors hija intiża għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, inkwantu l-Kummissjoni kkonkludiet li MJN GibCo kienet ibbenefikat minn miżuri ta' għajnuna, għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2013, u, għall-perijodu sussegwenti għal dik id-data, abbażi tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, kif ukoll tal-ordni ta' rkupru marbuta ma' dawn il-miżuri. It-tielet parti tar-rikors hija intiża, min-naħa tagħha, għall-annullament tal-Artikolu 5(2) tad-deċiżjoni kkontestata, inkwantu l-Kummissjoni ordnat l-irkupru tal-miżuri ta' għajnuna mingħand MJN GibCo u, fin-nuqqas ta' dan, mingħand ir-rikorrenti.

41 Għaldaqstant għandha tiġi eżaminata suċċessivament kull waħda minn dawn il-partijiet.

42 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li, sabiex dan ir-rikors jintlaqa', ir-rikorrenti għandhom jikkontestaw b'mod effettiv kemm l-Artikolu 1(2) kif ukoll l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, hija tenfasizza li, anki jekk ir-rikors jintlaqa' parzjalment, il-kontestazzjoni tal-ordni ta' rkupru fformulata fl-Artikolu 5 tad-deċiżjoni kkontestata tista' tiġi aċċettata biss fir-rigward tal-parti tal-għajnuna li fir-rigward tagħha r-rikors ikun intlaqa' u biss sa fejn ikunu kkonċernati r-rikorrenti. Min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li peress li r-rikors jinkludi partijiet separati li huma intiżi li jikkontestaw artikoli differenti tad-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata, huma jistgħu jirbħu l-kawża fuq wieħed miż-żewġ artikoli jew fuq iż-żewġ artikoli li huma s-suġġett tar-rikors.

43 Skont il-ġurisprudenza, is-sempliċi fatt li l-Qorti Ġenerali tqis motiv invokat mir-rikorrent insostenn tar-rikors tiegħu għal annullament bħala fondat, ma jippermettilhiex tannulla awtomatikament l-att ikkontestat fit-totalità tiegħu. Fil-fatt, annullament totali ma jistax jiġi aċċettat meta jkun jidher b'mod ċar li dak il-motiv, li jirrigwarda biss aspett speċifiku tal-att ikkontestat, jista' jwassal biss għal annullament parzjali (sentenza tal-11 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Département du Loiret, C-295/07 P, EU:C:2008:707, punt 104).

44 Madankollu, l-annullament parzjali ta' att tal-Unjoni jkun possibbli biss jekk l-elementi li l-annullament tagħhom ikun qiegħed jiġi mitlub ikunu jistgħu jinfirdu mill-bqija tal-att. Dan ir-rekwiżit ta' firda ma jkunx issodisfatt meta l-annullament parzjali ta' att ikollu l-effett li jimmodifika s-sustanza tiegħu (ara s-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Département du Loiret, C-295/07 P, EU:C:2008:707, punti 105 u 106 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li d-diversi partijiet tar-rikors huma kull waħda minnhom intiżi għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata u jirrigwardaw partijiet differenti tad-dispożittiv ta' dik id-deċiżjoni li kull waħda minnhom jirrigwardaw miżuri ta' għajnuna totalment separati u indipendenti, b'mod li, jekk uħud mill-motivi invokati insostenn ta' dawn il-partijiet kellhom jintlaqgħu, dawn jistgħu jwasslu biss għal annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata. Sussegwentement, hekk kif ir-rikorrenti kkonfermaw waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, ir-rikors tagħhom huwa intiż biss għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata inkwantu dan jirrigwarda l-għajnuna mogħtija lil MJN GibCo u mhux l-għajnuna individwali mogħtija lill-benefiċjarji tal-erba' deċiżjonijiet fiskali antiċpati l-oħra, b'mod li, jekk il-motivi intiżi għall-annullament ta' dan l-artikolu kellhom jintlaqgħu, dan ikun iwassal biss għall-annullament tal-imsemmi artikolu inkwantu dan jirrigwarda l-miżura ta' għajnuna favur MJN GibCo u r-rikorrenti. Barra minn hekk, jekk l-ilmenti intiżi għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata jew tal-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni, inkwantu dan japplika għar-rikorrenti, kellhom jintlaqgħu, dan ikollu bħala konsegwenza l-annullament tal-Artikolu 5 tad-deċiżjoni kkontestata inkwantu dan huwa intiż għall-irkupru tas-somom imħallsa bħala miżuri ta' għajnuna msemmija f'dawn il-partijiet differenti tad-dispożittiv.

### B. Fuq l-ewwel parti tar-rikors, intiża għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata dwar in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kif ukoll tal-ordni ta' rkupru marbuta ma' din il-miżura

46 Insostenn tal-ewwel parti tar-rikors tagħhom, intiża għall-annullament tal-Artikolu 1(2) kif ukoll tal-Artikolu 5(1) tad-deċiżjoni kkontestata, inkwantu dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw għar-rikorrenti, dawn essenzjalment iqajmu tliet serji ta' motivi.

47 L-ewwel motiv huwa bbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, fuq ksur tal-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi, stabbilit fl-Artikolu 5 TUE, fuq ksur tal-prinċipju ta' awtonomija fiskali u ta' sovranità fiskali tal-Istati Membri kif ukoll fuq eċċess ta' poter tal-Kummissjoni (Taqsima B tal-ewwel parti tar-rikors).

48 It-tieni, it-tielet u r-raba' motiv huma bbażati fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, inkwantu l-Kummissjoni ma stabbilixxietx l-eżistenza ta' vantaġġ, u lanqas in-natura selettiva tiegħu (Taqsima C, D u E tal-ewwel parti tar-rikors).

49 Il-ħames motiv huwa bbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu [108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339), inkwantu l-Kummissjoni qieset li l-iskema ta' eżenzjoni kienet tikkostitwixxi għajnuna eżistenti (Taqsima F tal-ewwel parti tar-rikors).

50 Barra minn hekk, fit-Taqsima A tal-ewwel parti tar-rikors, ir-rikorrenti jidentifikaw diversi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni f'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ITA 2010 u tal-ITA 1952, li jsir riferiment għalihom fid-diversi motivi intiżi għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata.

51 Il-Qorti Ġenerali ser teżamina suċċessivament id-diversi motivi identifikati fil-punti 47 sa 49 iktar 'il fuq, u ser tqis, f'dan il-kuntest, id-diversi żbalji identifikati fit-Taqsima A tal-ewwel parti tar-rikors.

### *1. Fuq il-motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, fuq ksur tal-Artikolu 5 TUE, fuq ksur tal-prinċipju ta' sovranità fiskali u fuq eċċess ta' poter (l-ewwel motiv, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata)*

52 Fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħhom, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi previst fl-Artikolu 5 TUE, li abbażi tiegħu l-qasam tat-tassazzjoni diretta jaqa' taħt is-sovranità u l-kompetenza tal-Istati Membri, u wettqet eċċess ta' poter, fid-dawl tal-Artikolu 17(1) TUE, billi użat is-setgħat tagħha fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat sabiex tiġġieled kontra eżenzjoni doppja apparenti. Il-Kummissjoni għalhekk qiegħda tevita l-proċedura prevista fl-Artikolu 116 TFUE, li tippermettilha taġixxi meta hija tikkonstata li diskrepanza eżistenti bejn id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi tal-Istati Membri toħloq distorsjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq intern.

53 Ir-rikorrenti jenfasizzaw li l-istħarriġ tal-għajnuna mill-Istat huwa bla ħsara għas-setgħa tal-Istati Membri li jagħżlu s-sistema fiskali li huma jqisu l-iktar xierqa u, f'dan il-kuntest, li jiddeterminaw b'mod sovran il-kategoriji u l-metodu ta' kalkolu tad-dħul u tal-profitti taxxabbli (il-bażi fiskali). Mill-ġurisprudenza jirriżulta b'mod ċar li l-eżistenza ta' vantaġġ għandha tiġi stabbilita fir-rigward tat-tassazzjoni msejħa "normali", hekk kif iddefinita mir-regoli fiskali nazzjonali, inkwantu l-Kummissjoni ma għandhiex kompetenza li tippermettilha tiddefinixxi b'mod awtonomu t-tassazzjoni msejħa "normali". Għalhekk, għalkemm l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom fil-qasam fiskali b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni, dan ma jagħtix lill-Kummissjoni s-setgħa li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli fiskali normali li jikkostitwixxu l-qafas ta' riferiment rilevanti, u lanqas li tinterferixxi mad-deċiżjonijiet sovrani ta' Stat Membru lil hinn mit-tneħħija tad-derogi mir-regoli li jikkostitwixxu l-imsemmi qafas.

54 Issa, minn naħa, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta qieset li l-għan tal-ITA 2010 huwa li jiġu ntaxxati l-kumpanniji fuq l-ammont totali tal-profitti tagħhom jew tal-qligħ kapitali tagħhom u billi qieset li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul (passiv) iġġenerat minn royalties jikkostitwixxi deroga mill-ITA 2010. Min-naħa l-oħra, huma jsostnu li l-Kummissjoni applikat b'mod estensiv wisq l-Artikolu 107(1) TFUE u l-prinċipju li għajnuna mill-Istat għandha tiġi ddeterminata permezz tal-effetti tagħha u li l-każ inkwistjoni huwa distint minn dawk li taw lok għas-sentenzi tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit (C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732), u tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981), invokati fid-deċiżjoni kkontestata.

55 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

56 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 5 TUE, għandu jitfakkar li, barra mill-oqsma li fihom id-dritt fiskali tal-Unjoni huwa s-suġġett ta' armonizzazzjoni, id-determinazzjoni tal-karatteristiċi li jikkostitwixxu kull taxxa taqa' taħt is-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri, b'osservanza tal-awtonomija fiskali tagħhom, fejn din is-setgħa għandha, fi kwalunkwe każ, tiġi eżerċitata b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni. Dan japplika wkoll, b'mod partikolari, għall-għażla tar-rata tat-taxxa, li tista' tkun proporzjonali jew progressiva, iżda wkoll għad-determinazzjoni tal-bażi taxxabbli tagħha u tal-fatt taxxabbli tagħha (sentenza tas-16 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-562/19 P, EU:C:2021:201, punt 38).

57 Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, minkejja li t-tassazzjoni diretta taqa', fl-istat attwali tal-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni, taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, dawn tal-aħħar għandhom xorta waħda jeżerċitaw din il-kompetenza b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-269/09, EU:C:2012:439, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'hekk, l-interventi tal-Istati Membri, fl-oqsma li ma ġewx armonizzati fl-Unjoni, bħat-tassazzjoni diretta, ma humiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-istħarriġ tal-għajnuna mill-Istat.

58 Fil-fatt, l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom fil-qasam fiskali b'konformità mad-dritt tal-Unjoni u, f'dan il-kuntest, jastjenu milli jieħdu kull miżura li tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-487/08, EU:C:2010:310, punt 37).

59 Għaldaqstant, il-Kummissjoni tista' tikklassifika miżura fiskali bħala għajnuna mill-Istat sakemm il-kundizzjonijiet għal tali klassifikazzjoni jkunu ssodisfatti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Lulju 1974, L-Italja vs Il-Kummissjoni, 173/73, EU:C:1974:71, punt 28; tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, C-182/03 u C-217/03, EU:C:2006:416, punt 81; u tal-25 ta' Marzu 2015, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, T-538/11, EU:T:2015:188, punti 65 u 66).

60 Issa, fir-rigward tal-kundizzjoni li l-miżura inkwistjoni għandha tagħti vantaġġ ekonomiku, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, għandhom jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat l-interventi li, taħt kwalunkwe forma, jistgħu jiffavorixxu direttament jew indirettament lil impriżi, jew li għandhom jitqiesu bħala li jagħtu vantaġġ ekonomiku lill-impriża benefiċjarja li din ma kinitx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq (ara s-sentenza tat-2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Deutsche Post, C-399/08 P, EU:C:2010:481, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, Ministerio de Defensa u Navantia, C-522/13, EU:C:2014:2262, punt 21).

61 B'mod iktar preċiż, miżura li permezz tagħha l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu lil ċerti impriżi trattament fiskali vantaġġuż li, għalkemm ma jinvolvix trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, iqiegħed lill-benefiċjarji f'sitwazzjoni finanzjarja iktar favorevoli minn dik tal-kontribwenti l-oħra tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (sentenza tal-15 ta' Marzu 1994, Banco Exterior de España, C-387/92, EU:C:1994:100, punt 14; ara wkoll, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2011, Paint Graphos *et*, C-78/08 sa C-80/08, EU:C:2011:550, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, fil-każ tal-miżuri fiskali, l-eżistenza nnifisha ta' vantaġġ tista' tiġi stabbilita biss jew fir-rigward ta' tassazzjoni msejħa "normali" (sentenza tas-6 ta' Settembru 2006, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-88/03, EU:C:2006:511, punt 56), jew fir-rigward tar-regoli fiskali ddefiniti mill-Istat Membru skont l-awtonomija fiskali tiegħu.

62 Konsegwentement, l-awtonomija fiskali tal-Istati Membri ma tfissirx li kull miżura fiskali, li taffettwa b'mod partikolari l-bażi taxxabbli meħuda inkunsiderazzjoni mill-awtoritajiet tat-taxxa, ma taqax taħt l-applikazzjoni tal-Artikolu 107 TFUE. Fil-fatt, jekk miżura fiskali twettaq, fil-fatt, diskriminazzjoni bejn kumpanniji li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli fir-rigward tal-għan imfittex mis-sistema fiskali normali, li tikkostitwixxi l-qafas ta' riferiment li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni u, minħabba f'hekk, tagħti lill-benefiċjarji tal-miżura vantaġġi selettivi li jiffavorixxu lil "ċerti" impriżi jew lil "ċerti" produzzjonijiet, din tista' titqies li hija għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punt 104).

63 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, peress li l-Kummissjoni għandha l-kompetenza sabiex tiżgura l-osservanza tal-Artikolu 107 TFUE, hija ma marritx lil hinn mill-kompetenzi tagħha meta hija eżaminat in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties sabiex tivverifika jekk din il-miżura kinitx tikkostitwixxi skema ta' għajnuna u, fl-affermattiv, jekk din kinitx kompatibbli mas-suq intern, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

64 Ebda wieħed mill-argumenti tar-rikorrenti ma huwa ta' natura li jirribatti din il-konstatazzjoni.

65 L-ewwel, mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 57 iktar 'il fuq jirriżulta, ċertament, li l-Kummissjoni ma għandhiex, f'dan l-istadju tal-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni, il-kompetenza li tippermettilha tiddefinixxi b'mod awtonomu t-tassazzjoni msejħa "normali" ta' impriża billi tinjora r-regoli fiskali nazzjonali. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest tal-analiżi tal-kriterji tal-vantaġġ u tas-selettività, il-Kummissjoni rreferiet għad-dispożizzjonijiet tad-dritt fiskali applikabbli f'Ġibiltà, jiġifieri għad-dispożizzjonijiet tal-ITA 2010 u, b'mod partikolari, għall-Artikoli 11, 16 u 74 tal-imsemmija liġi u għall-Anness 1 tagħha, kif ukoll għall-osservazzjonijiet tar-Renju Unit u tal-awtoritajiet ta' Ġibiltà intiżi li jiċċaraw il-kontenut u l-prinċipji gwida tas-sistema ta' tassazzjoni stabbilita mill-ITA 2010. B'hekk, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, il-Kummissjoni ma ddefinixxietx b'mod awtonomu t-tassazzjoni msejħa "normali" u ma setgħetx kisret, f'dan il-każ, il-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi.

66 It-tieni, il-Kummissjoni ma tistax tinjora l-kompetenza rriżervata tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta billi tinterpreta d-dispożizzjonijiet fiskali applikabbli f'Ġibiltà. Fil-fatt, il-Kummissjoni hija f'pożizzjoni, bħala parti mill-istħarriġ tal-miżuri fiskali fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, li tevalwa hija stess id-dispożizzjonijiet fiskali nazzjonali, evalwazzjoni li tista', jekk ikun il-każ, tiġi kkontestata mill-Istat Membru kkonċernat jew minn eventwali partijiet interessati fil-kuntest ta' rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali.

67 Għandu jiġi enfasizzat f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni bbażat l-evalwazzjoni tagħha tad-dispożizzjonijiet fiskali applikabbli f'Ġibiltà fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-awtoritajiet tar-Renju Unit u ta' Ġibiltà. B'mod partikolari, hekk kif jirriżulta mill-premessa 93 tad-deċiżjoni kkontestata u min-nota ta' qiegħ il-paġna 46 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddefinixxiet il-qafas ta' riferiment, li jinkludi l-prinċipji gwida ta' tassazzjoni normali, kif ukoll l-għan ta' dan il-qafas fuq il-bażi tal-informazzjoni li ġiet ikkomunikata lilha mill-awtoritajiet tar-Renju Unit fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva.

68 It-tielet, hekk kif tirrileva l-Kummissjoni fil-punt 75 tar-risposta, is-setgħa tagħha li tistħarreġ l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat fil-qasam fiskali ma hijiex limitata għall-każ fejn tkun teżisti deroga formali mir-regola fiskali nazzjonali. Fil-fatt, it-teknika leġiżlattiva ma hijiex importanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-effetti ta' miżura nazzjonali fir-rigward tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 79). B'hekk, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, il-Kummissjoni ma marritx lil hinn mis-setgħat tagħha meta eżaminat in-nuqqas ta' tassazzjoni ta' kategorija ta' dħul, jiġifieri n-nuqqas ta' inklużjoni tiegħu fil-kategoriji ta' dħul taxxabbli, fid-dawl tal-prinċipji gwida tas-sistema ta' tassazzjoni stabbilita mill-ITA 2010.

69 Ir-raba', l-iżbalji ta' evalwazzjoni u ksur allegati mir-rikorrenti, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-identifikazzjoni tal-għan u tal-prinċipji gwida tal-ITA 2010, l-assenza ta' prova ta' eventwali diskriminazzjoni kif ukoll l-applikazzjoni, għall-każ inkwistjoni, tas-sentenzi tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit (C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732), u tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981), huma ineffettivi għall-finijiet li jiġi stabbilit l-eventwali nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni. Tali argumenti huma intiżi, għall-kuntrarju, sabiex jiġu stabbiliti jew żbalji manifesti ta' evalwazzjoni kif ukoll ksur, mill-Kummissjoni, tal-Artikolu 107 TFUE, jew żbalji u ksur imwettqa fil-kuntest tal-eżerċizzju stess tal-kompetenza tagħha.

70 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma kisritx l-Artikolu 5 TUE billi adottat id-deċiżjoni kkontestata.

71 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-allegazzjoni ta' użu ħażin ta' poter, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, att ikun ivvizzjat b'użu ħażin ta' poter biss jekk ikun jirriżulta, fuq il-bażi ta' provi oġġettivi, rilevanti u konkordanti, li dan ġie adottat biss, jew għall-inqas b'mod deċiżiv, għal finijiet differenti minn dawk iddikjarati jew bil-għan li tiġi evitata proċedura prevista speċifikament mit-Trattat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' April 2013, Spanja u L-Italja vs Il-Kunsill, C-274/11 u C-295/11, EU:C:2013:240, punt 33, u tat-12 ta' Lulju 2018, PA vs Il-Parlament, T-608/16, mhux ippubblikata, EU:T:2018:440, punt 42).

72 Issa, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li wettqet użu ħażin ta' poter billi adottat id-deċiżjoni kkontestata, li, fi tmiem fażi ta' investigazzjoni formali, hija intiża li tikkonstata li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern.

73 Barra minn hekk, is-sempliċi affermazzjoni li l-Kummissjoni użat is-setgħat tagħha fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat sabiex tiġġieled kontra eżenzjoni doppja apparenti ma tikkostitwixxix numru ta' provi oġġettivi, rilevanti u konkordanti li jippermettu li jiġi kkonstatat li hija fittxet li tevita l-proċedura prevista fl-Artikolu 116 TFUE. Minbarra l-fatt li d-deċiżjoni kkontestata ma

hijiex intiża li tikkontesta l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li l-analiżi li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties jikkostitwixxi miżura ta' għajnuna ma tiħux inkunsiderazzjoni l-kwistjoni dwar jekk dan id-dħul huwiex intaxxat jew le f'ġurisdizzjonijiet fiskali oħra u hija bbażata biss fuq ir-regoli fiskali applikabbli f'Ġibiltà. Min-naħa l-oħra, mid-deċiżjoni kkontestata ma jirriżultax li l-Kummissjoni ppruvat tallinja d-dritt fiskali applikabbli f'Ġibiltà fuq id-drittijiet applikabbli fid-diversi Stati Membri.

74 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqitx użu ħażin ta' poter.

75 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel motiv intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi miċħud.

*2. Fuq il-motivi bbażati fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE (it-tieni, it-tielet u r-raba' motiv, intiżi għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata)*

76 Essenzjalment, it-tieni, it-tielet u r-raba' motiv, intiżi għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, huma bbażati fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, inkwantu l-Kummissjoni qieset li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarji tiegħu. Ir-rikorrenti jikkontestaw, l-ewwel, l-analiżi tal-vantaġġ (it-tieni motiv, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata), it-tieni, il-konklużjonijiet dwar is-selettività (it-tielet motiv, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata) u, it-tielet, il-portata tal-vantaġġ selettiv ikkonstatat mill-Kummissjoni (it-tielet motiv, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata). Id-diversi motivi mqajma mir-rikorrenti jirreferu għall-iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni dwar il-kontenut u l-portata tad-dritt fiskali ta' Ġibiltà, identifikati fit-Taqsima A tal-ewwel parti tar-rikors.

***a) Kunsiderazzjonijiet preliminari***

*1) Fuq il-miżura ta' għajnuna li hija s-suġġett tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata*

77 B'mod preliminari, għandu jitfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-premessi 28, 33, 82 tad-deċiżjoni kkontestata, il-miżura li hija s-suġġett tal-Artikolu 1(2) tal-imsemmija deċiżjoni hija n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties, ikklassifikat mill-Kummissjoni bħala "eżenzjoni mit-taxxa fuq [id-dħul iġġenerat minn]royalties". Hekk kif irrilevat il-Kummissjoni fil-premessi 28, 33 u 93 tad-deċiżjoni kkontestata, dan in-nuqqas ta' tassazzjoni jirriżulta min-nuqqas ta' inklużjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties fil-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010, li jindika b'mod eżawrjenti l-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà.

78 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li mid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura (ara, b'mod partikolari, il-premessa 34 tal-imsemmija deċiżjoni), li fid-dawl tagħha għandha tinqara d-deċiżjoni kkontestata, jirriżulta li l-miżura li hija s-suġġett tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata hija, b'mod iktar preċiż, in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties bħala dħul passiv ("passive income"). Tali qari jirriżulta wkoll mill-premessa 76 tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien man-nota ta' qiegħ il-paġna 25 tal-imsemmija deċiżjoni, li fiha l-Kummissjoni spjegat li l-evalwazzjoni li tinsab fid-deċiżjoni kkontestata kienet tirrigwarda biss id-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties u li din ma kinitx tkopri kategoriji oħra

ta' dħul passiv. Min-naħa l-oħra, hekk kif ġie ppreċiżat fil-premessa 76 tad-deċiżjoni kkontestata, l-eżami tan-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jirrigwarda biss il-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013.

79 Issa, l-ewwel, sa fejn ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni kklassifikat b'mod żbaljat in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties bħala "eżenzjoni impliċita" u injorat il-fatt li, skont l-Artikolu 11 tal-ITA 2010, huwa biss id-dħul li jaqa' taħt waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness 1 li kien suġġett għat-taxxa f'Ġibiltà, għandu jiġi rrilevat li, fil-premessa 93 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni effettivament ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li, skont l-Artikolu 11 tal-ITA 2010, huwa biss id-dħul li jaqa' taħt waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010 li kien suġġett għat-taxxa f'Ġibiltà. Fil-fatt, hija kkjarifikat, fid-deċiżjoni kkontestata, li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties ta' proprjetà intellettwali kien jikkostitwixxi "eżenzjoni impliċita", inkwantu d-dħul iġġenerat minn royalties ma kienx inkluż fil-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà elenkati fl-Anness 1 u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema fiskali tal-ITA 2010. Mill-premessi 28, 32 u 33 kif ukoll min-nota ta' qiegħ il-paġna 17 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta wkoll li l-Kummissjoni effettivament ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li, bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013, id-dħul iġġenerat minn royalties ma kienx inkluż fil-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010 u ma kienx suġġett għat-taxxa.

80 Barra minn hekk, għandha titfakkar, f'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza stabbilita li skontha l-Artikolu 107(1) TFUE ma jagħmilx distinzjoni skont il-kawżi jew l-għanijiet tal-interventi statali, iżda jiddefinixxihom skont l-effetti tagħhom, u għaldaqstant indipendentement mit-tekniki użati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punt 87u l-ġurisprudenza ċċitata).

81 B'hekk, il-fatt li d-dħul iġġenerat minn royalties ma huwiex suġġett għat-taxxa fuq id-dħul f'Ġibiltà, minħabba n-nuqqas ta' inklużjoni tiegħu fil-kategoriji ta' dħul elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010, kien jipproduċi l-istess effetti daqslikieku din il-kategorija ta' dħul kienet elenkata fl-imsemmi anness, iżda kienet tibbenefika formalment minn eżenzjoni mit-taxxa. Fil-fatt, hekk kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Wereldhave Belgium *et* (C-448/15, EU:C:2016:808, punti 40 u 42), fil-każijiet ta' nuqqas ta' ssuġġettar, il-fatt taxxabbli ma jseħħx, filwaqt li, fil-każijiet ta' eżenzjoni, dan iseħħ. F'dawn l-aħħar każijiet, l-obbligu fiskali prinċipali jitnissel, fit-teorija, iżda l-persuna taxxabbli hija eżentata bil-liġi mill-ħlas sħiħ jew parzjali, li, fl-aħħar mill-aħħar, ma jistax jintalab mingħandha. B'hekk, in-"nuqqas ta' ssuġġettar" u l-"eżenzjoni" jipproduċu l-istess effetti, jiġifieri n-nuqqas ta' tassazzjoni. Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni ma wettqitx żball billi kklassifikat in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties bħala "eżenzjoni impliċita".

82 It-tieni, sa fejn ir-rikorrenti jikkontestaw l-affermazzjoni inkluża fil-premessa 33 tad-deċiżjoni kkontestata, li d-dħul iġġenerat minn royalties qatt ma kien taxxabbli bis-saħħa tal-ITA 2010 u jsostnu li tali dħul kien jaqa', anki qabel l-emenda tal-2013 tal-ITA 2010, taħt il-kategorija A ta' dħul elenkata fl-Anness 1 tal-ITA 2010, jiġifieri profitti "tan-negozju, kummerċjali u professjonali", għandu jiġi rrilevat dan li ġej.

83 Hekk kif jirriżulta mill-punti 77 u 78 iktar 'il fuq, il-miżura li hija s-suġġett tal-Artikolu 1(2) tal-imsemmija deċiżjoni hija n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties, ikklassifikat mill-Kummissjoni bħala "eżenzjoni mit-taxxa fuq [id-dħul iġġenerat minn]royalties", hekk kif jirriżulta min-nuqqas ta' inklużjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties fil-kategoriji ta'

dħul taxxabbli f'Ġibiltà elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010. Din il-miżura tirrigwarda speċifikament id-dħul iġġenerat minn royalties, inkwantu dan jikkostitwixxi dħul passiv. Issa, ir-rikorrenti jammettu huma stess li d-dħul minn royalties "purament passivi", li ma jirriżultax minn attività ta' impriża, ma kien jaqa' taħt ebda kategorija ta' dħul elenkata fl-Anness 1 tal-ITA 2010 sad-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2014, tal-emendi tal-2013 tal-ITA 2010 u ma kienx, minħabba f'hekk, taxxabbli f'Ġibiltà.

84 Minn dan jirriżulta li l-iżbalji allegati mir-rikorrenti ma humiex ta' natura li jikkontestaw il-konstatazzjoni li d-dħul iġġenerat minn royalties, li jikkostitwixxi dħul passiv, ma kienx bħala prinċipju inkluż fil-kategoriji ta' dħul elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010, fil-verżjoni tagħha preċedenti għall-1 ta' Jannar 2014, u lanqas, konsegwentement, taxxabbli f'Ġibiltà. Konsegwentement, dawn l-argumenti ma humiex ta' natura li jikkontestaw il-legalità tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata u għandhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi.

85 Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta ddikjarat li d-dħul iġġenerat minn royalties ma kienx taxxabbli f'Ġibiltà, mingħajr ma eżaminat jekk dan id-dħul setax jiġi ntaxxat taħt il-kategorija A tad-dħul elenkat fl-Anness 1 tal-ITA 2010.

86 Fil-fatt, l-awtoritajiet tar-Renju Unit u ta' Ġibiltà kkonfermaw b'mod kostanti, fl-osservazzjonijiet differenti tagħhom ippreżentati fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva, li d-dħul iġġenerat minn royalties ta' proprjetà intellettwali ma kienx taxxabbli f'Ġibiltà b'applikazzjoni tal-ITA 2010, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013. Barra minn hekk, ir-Renju Unit spjega b'mod ċar, fil-preżentazzjoni tal-ITA 2010 annessa mal-osservazzjonijiet tiegħu tal-14 ta' Settembru 2012, li d-dħul iġġenerat minn tali royalties ma kienx inkluż fil-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010 u, b'mod partikolari, li dan ma setax jitqies bħala profitti tan-negozju jew kummerċjali li jaqgħu taħt il-kategorija A ta' dħul elenkata fl-imsemmi anness.

87 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-interpretazzjoni tal-ITA 2010 li d-dħul iġġenerat minn royalties qatt ma kien taxxabbli f'Ġibiltà hija kompatibbli mal-kontenut tat-talba għal deċiżjoni fiskali antiċipata, tal-11 ta' Settembru 2012, li abbażi tagħha ngħatat id-DFA ta' MJN GibCo tal-2012. Fil-fatt, f'dak id-dokument, ir-rikorrenti stess kienu indikaw li, fil-fehma tagħhom, kull dħul iġġenerat minn royalties, rċevut minn MJN GibCo, ma kien jaqa' taħt ebda waħda mill-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010.

88 Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta qieset li d-dħul iġġenerat minn royalties ma kienx taxxabbli f'Ġibiltà bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013, u lanqas meta eżaminat jekk tali miżura ta' nuqqas ta' tassazzjoni setgħetx tagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarji tagħha u, għalhekk, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

*2) Fuq l-eżami tal-kriterji tal-vantaġġ u tas-selettività*

89 Skont il-ġurisprudenza, il-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat teħtieġ li l-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artikolu 107 TFUE jkunu issodisfatti. Għalhekk, huwa stabbilit li, sabiex miżura tkun tista' tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, l-ewwel għandu jkun hemm intervent mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, it-tieni, dan l-intervent għandu jkun jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, it-tielet, dan għandu jagħti vantaġġ

selettiv lill-benefiċjarju tiegħu u, ir-raba', dan għandu jwassal għal distorsjoni jew għal theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck, C-524/14 P, EU:C:2016:971, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

90 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest tal-analiżi tal-miżuri fiskali mill-perspettiva tal-Artikolu 107(1) TFUE, kemm l-eżami tal-kriterju tal-vantaġġ kif ukoll ta' dak tas-selettività jimplika, b'mod preliminari, li jiġu ddeterminati r-regoli normali ta' tassazzjoni li jikkostitwixxu l-qafas ta' riferiment rilevanti għal dan l-eżami.

91 Minn naħa, fil-każ tal-miżuri fiskali, l-eżistenza nnifisha ta' vantaġġ tista' tiġi stabbilita biss fir-rigward ta' tassazzjoni msejħa "normali" (sentenza tas-6 ta' Settembru 2006, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-88/03, EU:C:2006:511, punt 56). Fil-fatt, tali miżura tagħti vantaġġ ekonomiku lill-benefiċjarju tagħha inkwantu din tnaqqas il-piż li normalment jaqa' fuq il-finanzi ta' impriża u, minħabba dan, mingħajr ma hija sussidju fis-sens strett tal-kelma, hija tal-istess natura u għandha effetti identiċi (sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, Ministerio de Defensa u Navantia, C-522/13, EU:C:2014:2262, punt 22). Għalhekk, hija preċiżament it-tassazzjoni msejħa "normali" li hija stabbilita mill-qafas ta' riferiment.

92 Min-naħa l-oħra, il-klassifikazzjoni ta' miżura fiskali nazzjonali bħala selettiva tippreżumi, qabel kollox, l-identifikazzjoni u l-eżami minn qabel tas-sistema fiskali komuni jew normali applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat (sentenza tat-8 ta' Settembru 2011, Paint Graphos *et*, C-78/08 sa C-80/08, EU:C:2011:550, punt 49).

93 Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkjarifikat l-interpretazzjoni tagħha tal-kunċett ta' qafas ta' riferiment fl-Avviż tagħha dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE (ĠU 2016, C 262, p. 1). Dan l-avviż, għalkemm ma jistax jorbot lill-Qorti Ġenerali, jista' madankollu jservi bħal sors ta' ispirazzjoni utli (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni, C-696/15 P, EU:C:2017:595, punt 53).

94 Fil-punt 133 tal-Avviż dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat huwa b'mod partikolari indikat li s-sistema ta' riferiment hija magħmula minn sett konsistenti ta' regoli li japplikaw b'mod ġenerali – fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi – għall-impriżi kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħha kif iddefinit mill-għan tagħha. Fl-imsemmi punt tal-Avviż dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat huwa ppreċiżat li, tipikament, dawn ir-regoli ma jiddefinixxux biss il-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema, iżda wkoll il-kundizzjonijiet li taħthom tkun tapplika s-sistema, id-drittijiet u l-obbligi tal-impriżi suġġetti għaliha u t-teknikalitajiet tal-funzjonament tas-sistema.

95 F'dan il-każ, għalkemm ir-rikorrenti ma jikkontestawx li l-Kummissjoni qieset b'mod korrett li l-ITA 2010 kienet tikkostitwixxi r-regoli normali ta' tassazzjoni li jikkostitwixxu l-qafas ta' riferiment rilevanti sabiex jiġi eżaminat n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties, huma jikkontestaw, insostenn tat-tieni sar-raba' motiv, intiżi għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, l-interpretazzjoni adottata mill-Kummissjoni fir-rigward tal-kontenut u tal-għan tal-ITA 2010.

96 Konsegwentement, għandhom jiġu eżaminati, fl-ewwel lok, l-argumenti tar-rikorrenti intiżi li jikkontestaw l-interpretazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-kontenut u tal-għan tar-regoli normali ta' tassazzjoni tad-dħul tal-kumpanniji f'Ġibiltà li jikkostitwixxu l-qafas ta' riferiment qabel ma jiġu eżaminati suċċessivament, fit-tieni lok, id-diversi motivi intiżi li jikkontestaw l-analiżi tal-vantaġġ selettiv imwettqa mill-Kummissjoni.

***b) Fuq l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-qafas ta' riferiment u r-regoli normali ta' tassazzjoni f'Ġibiltà***

97 Hekk kif jirriżulta mill-premessi 28 sa 30 tad-deċiżjoni kkontestata, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ITA 2010 f'dak li kien jirrigwarda s-sistema ta' tassazzjoni tad-dħul tal-kumpanniji f'Ġibiltà kienu, prinċipalment, l-Artikoli 11, 16 u 74.

98 Il-Parti II tal-ITA 2010, bit-titolu "Issuġġettar għat-taxxa" ("Charge to Tax"), kienet tinkludi, b'mod partikolari, l-Artikolu 11 tal-ITA 2010, bit-titolu "L-issuġġettar għat-taxxa" ("The Charge to Taxation"), li kien jipprovdi li:

"1. It-taxxa għandha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-[ITA 2010] u tar-regoli, tkun dovuta bir-rata stabbilita perjodikament għal kull sena ta' tassazzjoni jew għal kull perijodu ta' kontabbiltà fuq id-dħul ta' kull persuna speċifikata fit-Tabelli A sa C […] tal-Anness 1 u ġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà.

[…]"

99 Fil-verżjoni applikabbli bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013, l-Anness 1, bit-titolu "Head of charges", li għalih jirreferi direttament l-Artikolu 11(1) tal-ITA 2010, kien jidentifika tliet kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà, jiġifieri:

– il-kategorija A, li kienet tinkludi, minn naħa, il-profitti u l-qligħ ta' impriża jew ta' trust li jirriżultaw minn kull negozju, minn kull kummerċ jew minn kull professjoni (trade, business, profession or vocation) u, min-naħa l-oħra, id-dħul minn proprjetà immobbli (real property);

– il-kategorija B li kienet tkopri d-dħul tal-persuni impjegati u tal-persuni li jaħdmu għal rashom;

– il-kategorija C, li kienet tirrigwarda "Dħul ieħor" (other income), li kien jinkludi, b'mod partikolari, id-dividendi u d-dħul miksub minn fondi u minn skemi ta' pensjoni.

100 Barra minn hekk, l-Artikolu 74 tal-ITA 2010 kien jiddefinixxi l-kunċett ta' "ġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà", użat fl-Artikolu 11 tal-ITA 2010, kif ġej:

"(a) bla ħsara għal (b), jiġi ddefinit b'riferiment għall-post li fih jitwettqu l-attivitajiet (jew il-prevalenza tal-attivitajiet) li jagħtu lok għall-profitti.

(b) għall-finijiet ta' (a), il-prevalenza tal-attivitajiet li jagħtu lok għall-profitti tal-impriża [għandha titqies] li seħħet f'Ġibiltà fil-każ ta':
(i) impriża li l-attività sottostanti tagħha li tiġġenera d-dħul hija suġġetta għal liċenzja u għal regolamentazzjoni taħt il-liġi ta' Ġibiltà jew;
(ii) impriża li tista' legalment tagħmel tranżazzjonijiet f'Ġibiltà, permezz ta' fergħa jew ta' kwalunkwe forma ta' stabbiliment permanenti, minħabba l-fatt li hija detentriċi ta' liċenzja f'ġurisdizzjoni oħra li tgawdi minn drittijiet ta' passaġġ f'Ġibiltà u li, fin-nuqqas ta' dan, tkun teżiġi tali liċenzja u tkun irregolata f'Ġibiltà;

(c) il-punt (b) ma għandu japplika għal ebda fergħa jew stabbiliment permanenti ta' kumpannija ta' Ġibiltà li teżerċita attivitajiet barra Ġibiltà sal-limitu tal-attivitajiet hekk eżerċitati barra Ġibiltà."

101 Il-Parti III tal-ITA 2010, bit-titolu "Kalkolu tat-taxxa" ("computation of assessment"), kienet tinkludi l-Artikolu 16(1) bit-titolu "Bażi taxxabbli" ("basis of assessment"), li kien jipprovdi li:

"1. Bla ħsara għal dispożizzjoni kuntrarja, il-profitti jew il-qligħ kapitali taxxabbli ta' impriża għandhom jikkorrispondu għall-ammont totali tal-profitti jew tal-qligħ kapitali rreġistrati mill-kumpannija għal perijodu ta' kontabbiltà."

102 Minn naħa, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni qieset b'mod żbaljat, bi ksur tan-natura "ċedulari" tas-sistema ta' tassazzjoni tad-dħul tal-kumpanniji f'Ġibiltà, li l-għan tal-ITA 2010 kien li jiġi ntaxxat il-profitt ta' kontabbiltà u b'hekk id-dħul kollu tal-kumpanniji kontribwenti. Min-naħa l-oħra, huma jsostnu li l-Kummissjoni qieset b'mod żbaljat li, bis-saħħa tal-prinċipju ta' territorjalità, id-dħul iġġenerat minn royalties rċevut minn kumpaniji ta' Ġibiltà kien meqjus bħala li kien iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà.

103 Sa fejn il-partijiet ma jaqblux fir-rigward tal-oneru tal-prova kif ukoll fir-rigward tal-portata tal-istħarriġ li għandu jitwettaq mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kontenut u l-portata tad-dritt fiskali ta' Ġibiltà, għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, il-konstatazzjoni tad-dritt nazzjonali hija kwistjoni ta' fatt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, A2A vs Il-Kummissjoni, C-318/09 P, EU:C:2011:856, punt 125 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, il-kwistjoni dwar jekk u sa fejn il-Kummissjoni interpretat b'mod korrett il-kontenut u l-portata ta' regola nazzjonali taqa' taħt evalwazzjoni fattwali tal-qorti tal-Unjoni u hija suġġetta għar-regoli dwar il-produzzjoni tal-prova u dwar it-tqassim tal-oneru tal-prova (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Novembru 2015, Comunidad Autónoma del País Vasco u Itelazpi vs Il-Kummissjoni, T-462/13, EU:T:2015:902, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

104 Għandu jitfakkar, f'dan ir-rigward, li, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-għajnuna mill-Istat, bħala prinċipju, huwa l-kompitu tal-Kummissjoni li tipproduċi, fid-deċiżjoni kkontestata, il-prova tal-eżistenza ta' tali għajnuna (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Settembru 2007, Olympiaki Aeroporia Ypiresies vs Il-Kummissjoni, T-68/03, EU:T:2007:253, punt 34, u tal-25 ta' Ġunju 2015, SACE u Sace BT vs Il-Kummissjoni, T-305/13, EU:T:2015:435, punt 95). F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha twettaq il-proċedura ta' investigazzjoni tal-miżuri inkwistjoni b'mod diliġenti u imparzjali, sabiex ikollha, meta tiġi adottata deċiżjoni finali li tistabbilixxi l-eżistenza u, jekk ikun il-każ, l-inkompatibbiltà jew l-illegalità tal-għajnuna, l-informazzjoni l-iktar kompleta u affidabbli possibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Scott, C-290/07 P, EU:C:2010:480, punt 90, u tat-3 ta' April 2014, Franza vs Il-Kummissjoni, C-559/12 P, EU:C:2014:217, punt 63).

105 Barra minn hekk, fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, it-tqassim tal-oneru tal-prova huwa suġġett għall-osservanza tal-obbligi proċedurali rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru kkonċernat, fil-kuntest tal-eżerċizzju, minn din l-istituzzjoni, tas-setgħa li hija għandha sabiex twassal lill-Istat Membru jipprovdilha l-informazzjoni kollha neċessarja (ara s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2008, Hotel Cipriani *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/00, T-270/00 u T-277/00, EU:T:2008:537, punt 232 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'mod partikolari, huwa l-Istat Membru kkonċernat, abbażi tad-dmir tiegħu ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni, u l-partijiet interessati debitament mitluba jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom b'mod konformi mal-Artikolu 108(2) TFUE, li għandhom iressqu l-argumenti tagħhom u jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha li tista' tipprovdi kjarifika dwar il-fatti kollha tal-kawża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Novembru 2008, Hotel Cipriani *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/00, T-270/00 u T-277/00, EU:T:2008:537, punt 233).

106 Fil-fatt, il-Kummissjoni ma għandhiex obbligu li teżamina *ex officio* u b'mod preżuntiv liema huma l-punti ta' fatt jew ta' liġi li setgħu jiġu ppreżentati lilha matul il-proċedura amministrattiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, C-367/95 P, EU:C:1998:154, punt 60, u tal-14 ta' Jannar 2004, Fleuren Compost vs Il-Kummissjoni, T-109/01, EU:T:2004:4, punt 49).

107 Fl-aħħar, għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest ta' rikors għal annullament ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, il-legalità ta' deċiżjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat għandha tiġi evalwata abbażi tal-informazzjoni, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-kuntest ġuridiku nazzjonali, li l-Kummissjoni seta' kellha għad-dispożizzjoni tagħha meta hija adottatha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2014, Zweckverband Tierkörperbeseitigung vs Il-Kummissjoni, T-309/12, mhux ippubblikata, EU:T:2014:676, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata).

108 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandhom jiġu eżaminati l-iżbalji differenti invokati mir-rikorrenti fir-rigward tal-evalwazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-kontenut u tal-portata tal-ITA tal-2010.

*1) Fuq l-għan tal-ITA 2010 u fuq l-identifikazzjoni tad-dħul taxxabbli taħt din il-liġi*

109 Permezz tal-ewwel serje ta' argumenti, ir-rikorrenti essenzjalment iridu jikkontestaw l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni li l-ITA 2010 kienet intiża li tintaxxa l-profitt ta' kontabbiltà kollu u b'hekk id-dħul kollu ġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà. Huma, b'mod partikolari, jilmentaw li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li ċerti kategoriji ta' dħul biss, elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010, kienu taxxabbli f'Ġibiltà.

110 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni qieset b'mod żbaljat, b'mod partikolari fil-premessa 90 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-profitt ta' kontabbiltà kien jikkostitwixxi l-bażi taxxabbli tal-kumpanniji stabbiliti f'Ġibiltà u li l-għan tal-ITA 2010 kien li jiġu ntaxxati l-"profitti kontabilistiċi" kollha tal-imsemmija kumpanniji, b'tali mod li d-dħul kollu tagħhom kien jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ITA 2010. Fil-fatt, id-dħul tal-kumpanniji kien taxxabbli f'Ġibiltà biss taħt il-kundizzjoni doppja li dan ikun jaqa' taħt il-"kategoriji ta' dħul taxxabbli" elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010 (Artikolu 11 tal-IT 2010) u li dan ikun iġġenerat jew joriġina f'Ġibiltà (Artikoli 11 u 74 tal-ITA 2010). F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu li s-sistema ta' tassazzjoni f'Ġibiltà kienet sistema "ċedulari", inkwantu din kienet tikkonsisti f'li jkunu suġġetti għat-taxxa biss ċerti kategoriji ta' dħul preċiżament iddefiniti mil-liġi. Fil-fatt, ma teżisti l-ebda regola ġenerali li abbażi tagħha d-dħul ta' kumpannija stabbilita f'Ġibiltà kien ġeneralment intaxxat fiha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma ħaditx biżżejjed inkunsiderazzjoni l-Artikolu 11 tal-ITA 2010, li kien id-dispożizzjoni fundamentali sabiex jiġi ddeterminat id-dħul li kien taxxabbli f'Ġibiltà, u li fid-dawl tagħha kellhom jinqraw id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-ITA 2010, fosthom l-Artikolu 16.

111 B'mod partikolari, ir-rikorrenti jinsistu fuq il-fatt li d-dħul passiv iġġenerat minn royalties ma kienx inkluż fil-bażi fiskali u għalhekk ma kienx jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ITA 2010. L-għan tal-ITA 2010 ma kienx li l-kumpanniji jiġu ntaxxati fuq il-profitt kontabbli kollu tagħhom, iżda biss fuq il-kategoriji ta' dħul elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010.

112 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni affermat b'mod żbaljat, b'mod partikolari fil-premessa 28 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kumpanniji abitwalment residenti f'Ġibiltà kienu, bħala prinċipju, taxxabbli f'Ġibiltà. Is-sistema ta' tassazzjoni f'Ġibiltà kienet "ibbażata fuq

l-oriġini" jew "fuq is-sors" tad-dħul rċevut u mhux "fuq ir-residenza" tal-kumpannija li kienet tirċievih u t-taxxa kienet dovuta f'Ġibiltà biss għad-dħul li "[kien] ġie ġġenerat jew li [kien] joriġina f'Ġibiltà".

113 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

114 B'mod preliminari, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, il-Kummissjoni ma affermatx, fil-premessa 28 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kumpanniji abitwalment residenti f'Ġibiltà kienu, bħala prinċipju, taxxabbli fiha, u lanqas li s-sistema ta' tassazzjoni f'Ġibiltà kienet ibbażata fuq l-oriġini tal-persuna taxxabbli. Fil-fatt, hija llimitat ruħha tafferma li l-kumpanniji li kienu abitwalment residenti f'Ġibiltà "[setgħu]" jkunu kontribwenti f'Ġibiltà. Barra minn hekk, il-Kummissjoni spjegat fil-premessi 28 u 30 tad-deċiżjoni kkontestata li l-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà kienu elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010 u li dan id-dħul seta' jiġi ntaxxat f'Ġibiltà biss bil-kundizzjoni li dan ikun ġie ġġenerat f'Ġibiltà jew li jkun oriġina f'Ġibiltà.

115 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, il-Kummissjoni effettivament ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Artikolu 11 tal-ITA 2010 kien jipprevedi li kien biss id-dħul inkluż fil-kategoriji ta' dħul elenkati fl-Anness 1 tal-imsemmija liġi li kien taxxabbli. Tali konstatazzjoni tirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 28 tad-deċiżjoni kkontestata, li fiha l-Kummissjoni rriproduċiet it-tliet kategoriji ta' dħul elenkati fit-Tabelli A, B u C tal-Anness 1 tal-ITA 2010, kif ukoll mill-premessa 93 ta' din l-istess deċiżjoni, li fiha hija kkonkludiet, abbażi tal-konstatazzjoni li r-royalties ma kinux inklużi fil-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010, li dawn kienu impliċitament eżentati mit-taxxa.

116 Bl-istess mod, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, il-Kummissjoni ma qisitx, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-għan tal-ITA 2010 kien li jiġu ntaxxati l-kontribwenti fuq il-profitt ta' kontabbiltà kollu tagħhom. Fil-fatt, fil-premessa 93 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li l-għan tal-ITA 2010 kien li "jinġabar dħul minn kontribwenti taxxabbli f'Ġibiltà (jiġifieri kontribwenti li jirċievu introjtu derivat minn Ġibiltà jew li seħħ fiha)". Barra minn hekk, mill-premessa 82 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni bbażat l-analiżi tagħha tan-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties fuq il-konstatazzjoni li l-ITA 2010 kienet ibbażata fuq il-"prinċipju ġenerali li t-taxxa fuq l-introjtu korporattiv [kienet] tinġabar mill-persuni kollha taxxabbli li [kienu] jirċievu introjtu derivat minn Ġibiltà jew li jseħħ fiha".

117 Fid-dawl ta' dawn l-elementi u sa fejn ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Kummissjoni li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li s-sistema fiskali ta' Ġibiltà kienet sistema ċedulari li l-għan tagħha kien li jiġu ntaxxati biss il-kumpanniji fuq il-kategoriji ta' dħul elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010, għandu jiġi analizzat jekk il-Kummissjoni kinitx iġġustifikata tqis li l-għan tal-ITA 2010 kien li jiġi ntaxxat id-dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà.

118 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-kunċett ta' għan jew ta' natura tas-sistema normali ta' tassazzjoni li tikkostitwixxi l-qafas ta' riferiment jirreferi għall-prinċipji bażiċi jew gwida ta' din is-sistema u ma jirreferi la għal politiki li jistgħu, skont il-każ, jiġu ffinanzjati permezz tar-riżorsi li din tipprovdi u lanqas għall-iskopijiet li jistgħu jiġu mfittxija permezz tal-introduzzjoni ta' derogi minn din is-sistema (sentenza tas-16 ta' Mejju 2019, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, T-836/16 u T-624/17, EU:T:2019:338, punt 62).

119 L-ewwel, ma huwiex ikkontestat li mill-Artikolu 11 tal-ITA 2010, bit-titolu "Issuġġettar għat-taxxa", kif riprodott fil-punt 98 iktar 'il fuq, jirriżulta li s-sistema ta' tassazzjoni ta' Ġibiltà hija bbażata fuq il-prinċipju ta' territorjalità, li abbażi tiegħu huwa taxxabbli d-dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tar-Renju Unit ippreċiżaw diversi drabi, b'mod partikolari fl-osservazzjonijiet tagħhom tal-14 ta' Settembru 2012, li l-bażi territorjali ta' tassazzjoni kienet tikkostitwixxi l-karatteristika ċentrali jew ir-regola ġenerali ("general norm") tas-sistema ta' tassazzjoni ta' Ġibiltà.

120 It-tieni, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 16 tal-ITA 2010, bit-titolu "Bażi taxxabbli", jipprovdi li d-dħul taxxabbli ta' kumpannija jikkorrispondi għall-ammont totali tal-profitti ta' kontabbiltà fuq perijodu ta' kontabbiltà. Issa, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, u hekk kif issostni b'mod korrett il-Kummissjoni, mit-titolu u mill-formulazzjoni tal-Artikolu 16 tal-ITA 2010 (ara l-punt 101 iktar 'il fuq) jirriżulta li dan jirrigwarda l-identifikazzjoni, bħala tali, tal-bażi taxxabbli u mhux biss il-perijodu ta' riferiment li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-imsemmija bażi.

121 Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li d-dħul ta' kontabbiltà kollu rċevut mill-kontribwent jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tat-tassazzjoni f'Ġibiltà. Madankollu, għandu jiġi rrilevat, hekk kif jirriżulta mill-premessi 30, 90 u 91 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kalkolu tal-bażi taxxabbli tal-kumpanniji jsir fuq bażi territorjali, hekk kif indikat fl-Artikolu 11 tal-ITA 2010, b'tali mod li d-dħul ta' kontabbiltà jista' jiġi ntaxxat biss jekk dan "iseħħ f'Ġibiltà jew ikun derivat minnha".

122 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li, fl-osservazzjonijiet tagħhom tat-3 ta' Diċembru 2012, l-awtoritajiet tar-Renju Unit ippreċiżaw li l-kumpanniji kollha li kienu jirċievu dħul li kien iġġenerat jew li kien joriġina f'Ġibiltà kienu suġġetti għat-taxxa taħt l-ITA 2010. Huma żiedu li l-prinċipju ta' territorjalità kien japplika b'mod ġenerali għall-kumpanniji kollha u għal kull tip ta' dħul ta' dawn tal-aħħar. Bl-istess mod, fl-osservazzjonijiet tagħhom tat-18 ta' April 2013, l-awtoritajiet tar-Renju Unit għal darba oħra ppreċiżaw li s-sistema territorjali ta' tassazzjoni prevista mill-ITA 2010 kienet tapplika għall-impriżi kollha tas-setturi kollha tal-industrija, tal-finanzi u tal-kummerċ, u li tali prinċipju kien universali fl-applikazzjoni tiegħu.

123 Għaldaqstant, mill-qari tal-Artikoli 11 u 16 tal-ITA 2010, hekk kif iċċitati fil-punti 98 sa 101 iktar 'il fuq, kif ukoll mill-osservazzjonijiet ippreżentati mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, matul il-proċedura amministrattiva, jirriżulta li dawn id-dispożizzjonijiet kellhom jiġu interpretati fis-sens li s-sistema ta' tassazzjoni stabbilita mill-ITA 2010 kienet ibbażata fuq żewġ prinċipji gwida, jiġifieri l-prinċipju ta' territorjalità, li abbażi tiegħu d-dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà kien suġġett għat-taxxa, u l-prinċipju li abbażi tiegħu d-dħul kollu ta' kontabbiltà tal-kontribwenti kien taxxabbli. Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni qieset b'mod korrett li s-sistema ta' tassazzjoni ta' Ġibiltà, hekk kif introdotta mill-ITA 2010, kienet ibbażata fuq l-għan li jiġu ntaxxati l-persuni taxxabbli kollha fuq id-dħul tagħhom iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà.

124 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li la l-awtoritajiet tar-Renju Unit u lanqas l-awtoritajiet ta' Ġibiltà ma kkontestaw, fl-osservazzjonijiet rispettivi tagħhom dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, il-qari tal-Kummissjoni li l-għan tal-ITA 2010 kien li l-persuni taxxabbli kollha jiġu ntaxxati fuq id-dħul tagħhom iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà. Fil-fatt, l-awtoritajiet tar-Renju Unit u ta' Ġibiltà sempliċement sostnew li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties ma kienx jikkostitwixxi miżura selettiva, inkwantu din kienet miżura ġenerali, li tapplika għas-setturi kollha tal-industrija, tal-kummerċ u tal-finanzi, u disponibbli għall-impriżi kollha. Huma ma għamlu ebda osservazzjoni dwar il-premessa 32 tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, li fiha l-Kummissjoni affermat espressament li l-prinċipju gwida tas-sistema ta'

tassazzjoni ta' Ġibiltà kien jikkonsisti fit-tassazzjoni tal-kumpanniji kollha li jirċievu dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà, u b'hekk tiġi evitata t-tassazzjoni doppja u tkun permessa simplifikazzjoni. Bl-istess mod, l-awtoritajiet tar-Renju Unit u ta' Ġibiltà ma kkontestawx il-kontenut tal-premessa 35 tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, li fiha l-Kummissjoni esponiet b'mod ċar li l-għan tas-sistema ta' tassazzjoni ta' Ġibiltà kien li jiġu ntaxxati l-kumpanniji kollha li jirċievu dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà.

125 F'dan ir-rigward, sa fejn ir-rikorrenti jikkontestaw ir-rilevanza tal-osservazzjonijiet tar-Renju Unit u jsostnu li l-fatt li la l-awtoritajiet tar-Renju Unit u lanqas dawk ta' Ġibiltà ma kkontestaw l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ITA 2010, magħmula mill-Kummissjoni matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, ma jipprekludix li huma jikkontestaw din l-interpretazzjoni, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif jirriżulta mill-punti 103 sa 107 iktar 'il fuq, fil-kuntest tal-eżami ta' miżura fiskali skont l-Artikolu 107 TFUE, l-istħarriġ tal-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali adottata mill-Kummissjoni, li tikkostitwixxi kwistjoni ta' fatt, għandu jsir fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli fil-jum tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u b'teħid inkunsiderazzjoni tal-informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru kkonċernat u mill-partijiet interessati. F'dan il-kuntest, għandu, b'mod partikolari, jiġi rrilevat li, fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, huma l-Istat Membru u l-benefiċjarju potenzjali tal-miżura li tkun is-suġġett tal-imsemmija proċedura li għandhom jipprovdu kjarifika lill-Kummissjoni dwar il-fatti kollha tal-kawża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Novembru 2004, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni, T-176/01, EU:T:2004:336, punt 93).

126 Issa, peress li l-informazzjoni li fuqha l-Kummissjoni bbażat ruħha sabiex tinterpreta d-dritt nazzjonali kienet toriġina direttament mill-awtoritajiet tal-Istat Membru u tat-territorju kkonċernati mill-proċedura u kienet ġiet irrepetuta f'diversi skambji u peress li l-fehim mill-Kummissjoni tal-informazzjoni kkomunikata minn dawn l-awtoritajiet kienet impliċitament ġiet ikkonfermata fi tmiem id-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata talli qieset li din l-informazzjoni kienet suffiċjentement affidabbli u kredibbli. Barra minn hekk, sa fejn l-osservazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet tar-Renju Unit u ta' Ġibiltà ma kinux jikkontradixxu l-kontenut tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ITA 2010 u sa fejn il-Kummissjoni ma kellhiex informazzjoni ta' natura li tikkontesta dawn l-osservazzjonijiet, hija setgħet, fil-jum tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, tibbaża ruħha fuqhom sabiex tinterpreta d-dritt fiskali ta' Ġibiltà.

127 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti, għalkemm kienu ngħataw l-opportunità li jagħmlu osservazzjonijiet fuq id-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura u għalkemm kien jirriżulta b'mod ċar minnha li s-suġġett tal-proċedura kien jirrigwarda d-dħul, iġġenerat minn royalties, rċevut minn kumpanniji ta' Ġibiltà bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013, ma qisux li kien neċessarju li jagħmlu dan. La r-rapport ta' perizja prodott mir-rikorrenti anness mar-replika (iktar 'il quddiem ir-"rapport ta' perizja"), u lanqas l-informazzjoni li dan kien jinkludi dwar in-natura allegatament ċedulari tas-sistema ta' tassazzjoni ta' Ġibiltà, ma kienu ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni mill-partijiet qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Issa, hekk kif jirriżulta mill-punt 106 iktar' il fuq, fl-assenza ta' informazzjoni ta' natura li tqiegħed inkwistjoni l-interpretazzjoni tad-dritt fiskali nazzjonali adottata fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni ma setgħetx teżamina b'mod preżuntiv l-argumenti kollha li setgħu potenzjalment jikkontestaw l-interpretazzjoni tagħha tad-dritt nazzjonali, li, barra minn hekk, kienet ġiet ikkonfermata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru u tat-territorju kkonċernati. Barra minn hekk, hekk kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-rikorrenti ma rnexxilhomx jistabbilixxu li l-informazzjoni li fuqha l-Kummissjoni bbażat ruħha kienet żbaljata jew nieqsa minn affidabbiltà u kredibbiltà.

128 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li kien b'mod korrett li l-Kummissjoni qieset li s-sistema ta' tassazzjoni ta' Ġibiltà kienet sistema ta' tassazzjoni territorjali, li taħtha d-dħul kollu ġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà kellu jiġi ntaxxat hemmhekk.

129 Din il-konstatazzjoni ma hijiex kkontestata mill-argumenti l-oħra tar-rikorrenti.

130 B'mod partikolari, sa fejn ir-rikorrenti jsostnu li s-sistema ta' tassazzjoni ta' Ġibiltà kienet sistema ċedulari li l-għan tagħha kien li jiġu ntaxxati l-kategoriji ta' dħul elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010, għandu, ċertament, jiġi rrilevat li, hekk kif isostnu r-rikorrenti, l-Artikolu 11 tal-ITA 2010 jimplika li, sabiex ikun taxxabbli, id-dħul tal-kumpanniji għandu jkun jaqa' taħt waħda mill-kategoriji ta' dħul elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010. Għalhekk, fl-assenza ta' tali inklużjoni, bħal fil-każ tad-dħul iġġenerat minn royalties, ċertu tip ta' dħul seta' teknikament jevita kull tassazzjoni taħt l-ITA 2010.

131 Madankollu, huwa importanti, qabel kollox, li jiġi enfasizzat li la l-awtoritajiet ta' Ġibiltà u lanqas dawk tar-Renju Unit qatt ma affermaw li s-sistema ta' tassazzjoni ta' Ġibiltà kienet sistema ċedulari. Għall-kuntrarju, fl-osservazzjonijiet tagħhom tal-14 ta' Novembru 2013, huma ppreċiżaw li l-ITA 2010 kienet tipprevedi sistema waħda ta' tassazzjoni, indipendentement mill-kategoriji ta' dħul taxxabbli elenkati fit-Tabelli A sa C tal-Anness 1 tal-ITA 2010. Barra minn hekk, fid-diversi osservazzjonijiet ippreżentati matul il-proċedura amministrattiva, l-awtoritajiet tar-Renju Unit iddefinixxew biss is-sistema ta' tassazzjoni ta' Ġibiltà bħala sistema ta' tassazzjoni territorjali.

132 Sussegwentement, għandu jiġi rrilevat li r-regoli normali ta' tassazzjoni jew, fi kliem ieħor, ir-regoli li jikkostitwixxu l-qafas ta' riferiment, għandhom jiġu eżaminati fit-totalità tagħhom u fid-dawl tal-prinċipji gwida tas-sistema ta' tassazzjoni nazzjonali. Fil-fatt, miżura fiskali ma tistax tiġi preċiżament evalwata fuq il-bażi ta' ċerti dispożizzjonijiet li ġew estrapolati b'mod artifiċjali minn kuntest leġiżlattiv usa' (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2018, Andres (falliment Heitkamp BauHolding) vs Il-Kummissjoni, C-203/16 P, EU:C:2018:505, punt 103).

133 Issa, il-fatt li jitqies, hekk kif isostnu r-rikorrenti, li s-sistema ta' tassazzjoni ta' Ġibiltà stabbilita mill-ITA 2010 hija sistema ċedulari li l-għan tagħha huwa li jiġu ntaxxati l-kategoriji ta' dħul elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010 jkun jammonta sabiex jiġu injorati d-dispożizzjonijiet l-oħra tal-ITA 2010 u, għalhekk, il-loġika tal-prinċipji gwida ta' din is-sistema ta' tassazzjoni. Fil-fatt, hekk kif ġie osservat fil-punt 121 iktar 'il fuq, l-ITA 2010 hija bbażata mhux biss fuq il-prinċipju ta' territorjalità, hekk kif stabbilit fl-Artikolu 11 tagħha, iżda wkoll fuq il-prinċipju li d-dħul ta' kontabbiltà kollu tal-kontribwenti huwa suġġett għat-taxxa, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 16 tagħha. Huma dawn iż-żewġ prinċipji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-eżami tal-għan segwit mill-ITA 2010.

134 Fl-aħħar, skont il-ġurisprudenza, l-użu ta' teknika leġiżlattiva partikolari ma jistax jippermetti li regoli fiskali nazzjonali *a priori* l-istħarriġ previst mit-Trattat FUE fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Bl-istess mod, ħlief sabiex tipprevali b'mod deċiżiv il-forma tal-interventi Statali fuq l-effetti tagħhom, it-teknika leġiżlattiva użata ma tistax tkun fattur deċiżiv għall-finijiet tal-eżami tal-kontenut u tal-portata tar-regoli li jikkostitwixxu l-qafas ta' riferiment (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2018, Andres (falliment Heitkamp BauHolding) vs Il-Kummissjoni (C-203/16 P, EU:C:2018:505, punt 92).

135 Issa, f'dan il-każ, il-fatt li l-Artikolu 11 tal-ITA 2010, moqri flimkien mal-Anness 1 tal-ITA 2010, jipprevedi li l-issuġġettar għat-taxxa huwa ddefinit pożittivament, b'mod li biss il-kategoriji ta' dħul elenkati espressament fl-imsemmi Anness 1 huma suġġetti għat-taxxa, jipproduċi, fil-prattika, l-istess effetti bħal eżenzjoni espliċita mit-tassazzjoni jew bħal sitwazzjoni li fiha n-nuqqas ta' ssuġġettar għat-taxxa huwa ddefinit b'mod negattiv, b'mod li d-dħul kollu huwa suġġett għat-taxxa u ċerti kategoriji ta' dħul biss huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ITA 2010. Fil-fatt, hekk kif ġie indikat fil-punt 81 iktar 'il fuq, in-"nuqqas ta' ssuġġettar" u l "eżenzjoni" jipproduċu l-istess effetti, jiġifieri n-nuqqas ta' tassazzjoni. Għaldaqstant, dak li r-rikorrenti jikklassifikaw bħala "sistema ċedulari" kien jikkostitwixxi biss, fir-realtà, l-għażla ta' teknika leġiżlattiva u mhux ta' regola ta' tassazzjoni speċifika għall-finijiet tal-analiżi tas-sistema ta' tassazzjoni ta' Ġibiltà.

136 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif enfasizzat il-Kummissjoni fil-premessa 27 tad-deċiżjoni kkontestata, l-ITA 2010 stabbilixxiet rata ġenerali ta' tassazzjoni tal-kumpanniji ta' 10 %, applikabbli għall-impriżi tal-ekonomija kollha ta' Ġibiltà, bl-eċċezzjoni ta' ċerti fornituri ta' servizzi. Minn dan jirriżulta li l-kategoriji differenti ta' dħul taxxabbli kienu suġġetti għal rata unika ta' 10 % u ma kinux jaqgħu taħt sistema ta' tassazzjoni separata. Tali analiżi tirriżulta barra minn hekk mill-osservazzjonijiet tal-14 ta' Novembru 2013, li fihom l-awtoritajiet tar-Renju Unit spjegaw li l-leġiżlazzjoni ta' Ġibiltà ma kinitx tipprevedi li t-taxxa tiġi imposta fir-rigward ta' kategorija ta' dħul. Huma ppreċiżaw li s-sistema ta' tassazzjoni ta' Ġibiltà ma kinitx teżiġi li tiġi ddeterminata, minn qabel, il-kategorija li taħtha jaqa' d-dħul rċevut, sabiex tkun tista' tiġi applikata fir-rigward tiegħu taxxa li kienet speċifika għal kategorija ta' dħul partikolari, iżda li din is-sistema ta' tassazzjoni kienet tipprevedi biss sistema ta' tassazzjoni ġenerali tad-dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà.

137 Għaldaqstant, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 11 u l-Anness 1 tal-ITA 2010, inkwantu dawn jipprevedu kategoriji ta' dħul taxxabbli, jikkostitwixxu sempliċi modalitajiet ta' tassazzjoni, u li dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu estrapolati b'mod artifiċjali mill-kuntest tagħhom, għall-finijiet tad-definizzjoni tal-għan tal-ITA 2010. B'hekk, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, mill-Artikolu 11 tal-ITA 2010 ma jistax jiġi dedott li l-għan tas-sistema ta' tassazzjoni ta' Ġibiltà kien li jiġu ntaxxati l-kategoriji ta' dħul elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010.

138 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ilmenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball fl-identifikazzjoni tal-għan tal-ITA 2010 għandhom jiġu miċħuda.

*2) Fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità għar-royalties*

139 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta sostniet, fil-premessi 42, 82, 94 u 106 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità kienet tfisser li d-dħul iġġenerat minn royalties kien iġġenerat jew kien joriġina f'Ġibiltà minħabba s-sempliċi fatt li dan kien ġie rċevut minn kumpannija ta' Ġibiltà. Ir-rikorrenti jsostnu li d-dikjarazzjoni inkluża fil-komunikazzjoni tar-Renju Unit tal-14 ta' Settembru 2012, li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuqha sabiex tagħmel l-imsemmija evalwazzjonijiet, hija inkoerenti u żbaljata. Skont ir-rikorrenti, id-dħul li kumpannija ta' Ġibiltà tagħmel minn attivitajiet eżerċitati barra minn dan it-territorju, inkluż fil-każ ta' dħul iġġenerat minn royalties, ma kienx taxxabbli f'Ġibiltà. F'sitwazzjoni fejn ebda wieħed mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ma jkun iġġestit f'Ġibiltà, fejn la dawn id-drittijiet u lanqas il-konċessjonarju ta' liċenzja ma jkunu jinsabu f'Ġibiltà u fejn ir-royalties ma jitħallsux f'Ġibiltà, id-dħul iġġenerat minn dawn tal-aħħar ma jistax jitqies li ġie ġġenerat jew li oriġina f'Ġibiltà.

140 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

141 Hekk kif ġie kkonstatat fil-punt 125 iktar ’il fuq, fil-kuntest tal-eżami ta’ miżura fiskali taħt l-Artikolu 107 TFUE, l-istħarriġ tal-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali adottata mill-Kummissjoni, li tikkostitwixxi kwistjoni ta’ fatt, għandu jsir fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli fil-jum tal-adozzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni, u b’teħid inkunsiderazzjoni tal-informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru kkonċernat u mill-partijiet interessati.

142 F’dan il-każ, ċertament, l-ITA 2010, fil-verżjoni tagħha applikabbli bejn l-1 ta’ Jannar 2010 u l-31 ta’ Diċembru 2013, ma kinitx tinkludi dispożizzjoni li tipprevedi espressament li d-dħul iġġenerat minn royalties, rċevut minn kumpanniji ta’ Ġibiltà, kien meqjus bħala ġġenerat jew li joriġina f’Ġibiltà. Fil-fatt, tali regola ġiet espressament inkorporata fl-ITA 2010 biss wara l-emenda tal-2013 għall-ITA 2010, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2014.

143 Madankollu, hekk kif ġie indikat fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 49 tad-deċiżjoni kkontestata, l-affermazzjoni li d-dħul iġġenerat minn royalties rċevut minn kumpanniji ta’ Ġibiltà kien neċessarjament meqjus bħala ġġenerat jew li joriġina f’dan it-territorju hija bbażata fuq informazzjoni li toriġina direttament mill-Istat Membru kkonċernat. Fil-fatt, fl-osservazzjonijiet tagħhom tal-14 ta’ Settembru 2012, l-awtoritajiet tar-Renju Unit affermaw espressament li l-prinċipju ta’ territorjalità kien jimplika li “kull dħul iġġenerat minn royalites rċevut minn kumpannija ta’ Ġibiltà [kien] iġġenerat jew [kien] joriġina f’Ġibiltà”.

144 F’dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat, l-ewwel, li l-affermazzjoni li d-dħul iġġenerat minn royalties rċevut minn kumpanniji ta’ Ġibiltà kien iġġenerat jew kien joriġina f’Ġibiltà kienet kompatibbli mal-kontenut tal-Artikolu 74 tal-ITA 2010 u li din setgħet b’hekk tirriżulta minn sempliċi applikazzjoni tal-prinċipju ta’ territorjalità u tar-regola li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni l-post tal-attività li minnha joriġina d-dħul.

145 Fil-fatt, l-Artikolu 74 tal-ITA 2010 kien jiddefinixxi l-kunċett ta’ “ġġenerat jew li joriġina f’Ġibiltà” abbażi tal-“post li fih [kienu] jitwettqu l-attivitajiet […] li jagħtu lok għall-profitti.”

146 Issa, sa fejn in-nuqqas ta’ tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jirrigwarda dħul passiv, jiġifieri, fi kliem ieħor, dħul rċevut minn entitajiet li sempliċement kellhom id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, kien koerenti li jitqies li “l-attività li minnha joriġina d-dħul”, fis-sens tal-Artikolu 74 tal-ITA 2010, kienet tinsab fil-post ta’ residenza tal-kumpanniji li kellhom id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jagħtu dritt għal dawn ir-royalties. B’hekk, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, l-affermazzjoni li d-dħul iġġenerat minn royalties rċevut minn kumpannija ta’ Ġibiltà kien meqjus bħala li kien iġġenerat jew li joriġina f’Ġibiltà kienet timplika effettivament l-eżistenza ta’ element li jippermetti li dan id-dħul jiġi marbut mat-territorju ta’ Ġibiltà.

147 Barra minn hekk, l-affermazzjoni tal-awtoritajiet tar-Renju Unit lanqas ma hija inkompatibbli mal-ġurisprudenza tal-Judicial Committee of the Privy Council (il-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat, ir-Renju Unit, iktar ’il quddiem il-“JCPC”) invokata matul il-proċedura amministrattiva, li, għalkemm mhux vinkolanti, kienet rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 74 tal-ITA 2010. Fil-fatt, fid-deċiżjoni adottata mill-JCPC, fir-rigward ta’ Ħong Kong, fil-każ Commissioner of Inland Revenue v HK-TVB International Ltd (1992) 2 AC 397, il-JCPC kien indika li d-dħul rċevut minn kumpannija ta’ Ħong Kong li kienet tagħti b’sottoliċenzja films lil kumpanniji stabbiliti barra mill-pajjiż u li kienu jisfruttawhom barra mill-pajjiż kien iġġenerat u kien joriġina f’Ħong Kong. Ċertament, l-istess bħar-rikorrenti, għandu

jiġi rrilevat li, f'dak il-każ, il-JCPC kien ħa inkunsiderazzjoni ċertu numru ta' futturi speċifiċi għall-każ inkwistjoni, fosthom il-fatt li l-kuntratti ta' sottoliċenzja kienet ġew redatti f'Ħong Kong u li ċerti servizzi addizzjonali kienu xi drabi pprovduti minn Ħong Kong. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li l-JCPC ħa inkunsiderazzjoni wkoll il-fatt li royalty fissa kienet titħallas lill-kontribwent li jinsab f'Ħong Kong. Barra minn hekk, hekk kif enfasizzaw l-awtoritajiet tar-Renju Unit fl-osservazzjonijiet tagħhom tal-14 ta' Novembru 2013, l-imsemmija deċiżjoni adottata mill-JCPC kienet tikkonferma b'mod ċar li dħul iġġenerat minn royalties rċevut minn kumpannija ta' Ġibiltà seta' jiġi ġġenerat jew joriġina f'dan it-territorju, anki jekk id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kienu sfruttati biss barra minnu.

148 It-tieni, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, l-affermazzjoni inkluża fl-osservazzjonijiet tal-14 ta' Settembru 2012 la kienet iżolata u lanqas inkompatibbli mal-informazzjoni l-oħra inkluża f'dak id-dokument.

149 Fil-fatt, din l-affermazzjoni kienet sostnuta minn graff, inkluża fil-paġna 22 tal-osservazzjonijiet tal-14 ta' Settembru 2012, intiża li turi l-impatt tan-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties taħt l-ITA 2010. L-imsemmija graff kienet tenfasizza l-ammonti rrappreżentati mid-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties rċevut mill-kontribwenti għall-perijodu sussegwenti għall-1 ta' Jannar 2010, filwaqt li tagħmel distinzjoni bejn id-dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà u dak iġġenerat jew li joriġina barra minn dan it-territorju. Issa, il-fatt li d-dħul kollu ġġenerat minn royalties kien indikat bħala li joriġina f'Ġibiltà kien effettivament jikkonferma li dan kien normalment meqjus bħala dħul li joriġina f'Ġibiltà.

150 Barra minn hekk, sa fejn ir-rikorrenti jsostnu li d-dikjarazzjoni tal-awtoritajiet tar-Renju Unit, imsemmija fil-punt 143 iktar 'il fuq, kienet kontradittorja mal-affermazzjoni, li tinsab fil-paġna 10 tal-osservazzjonijiet tal-14 ta' Settembru 2012, li skontha "[i]s-785 'exempt companies' (kumpanniji eżenti) il-qodma li [kellhom] dħul taxxabbli mhux iġġenerat jew li ma joriġinax f'Ġibiltà [kienu] ġeneralment jew proprjetarji ta' proprjetajiet immobbli kummerċjali barra minn Ġibiltà (u [kienu] għalhekk suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul mill-kiri fil-pajjiż li fih [kienet] tinsab il-proprjetà) jew [kienu] jirċievu [dħul iġġenerat minn] dividendi, minn interessi jew minn royalties", għandu jiġi rrilevat li, ċertament, dan l-estratt jista' jagħti x'jinftiehem li, skont l-awtoritajiet tar-Renju Unit, id-dħul iġġenerat minn royalties kien jikkostitwixxi dħul taxxabbli li ma joriġinax f'Ġibiltà.

151 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-imsemmi estratt fih żball tal-pinna. Fil-fatt, hekk kif jirrilevaw ir-rikorrenti, din il-frażi kienet tirrigwarda s-sitwazzjoni taħt l-ITA 2010, kif kienet fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2013. Issa, l-awtoritajiet tar-Renju Unit spjegaw diversi drabi, fid-dokument inkwistjoni, li d-dħul iġġenerat minn royalties ma kienx jikkostitwixxi dħul taxxabbli f'dak il-perijodu. B'mod partikolari, mill-paġna 10 tal-osservazzjonijiet tal-14 ta' Settembru 2012 jirriżulta li l-awtoritajiet tar-Renju Unit kienu effettivament jiddistingwu, fost l-impriżi li ma kinux suġġetti għat-taxxa f'Ġibiltà, bejn l-impriżi li ma kellhomx dħul taxxabbli (jiġifieri dawk li [kienu] jirċievu dħul passiv) u dawk li d-dħul tagħhom ma kienx iġġenerat jew ma kienx joriġina f'Ġibiltà.

152 B'hekk, il-kontradizzjoni rrilevata mir-rikorrenti ma hijiex ta' natura li tikkontesta l-kredibbiltà tad-dikjarazzjoni tal-awtoritajiet tar-Renju Unit li d-dħul iġġenerat minn royalties ta' proprjetà intellettwali huwa meqjus bħala li huwa ġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà.

153 It-tielet, fil-premessa 45 tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni ppreċiżat espressament li l-awtoritajiet tar-Renju Unit kienu indikawlha li l-prinċipju ta' territorjalità kien jimplika li kull dħul iġġenerat minn royalties, rċevut minn kumpannija ta' Ġibiltà, kien iġġenerat jew kien joriġina f'Ġibiltà. Issa, il-fatt li l-awtoritajiet tar-Renju Unit u ta' Ġibiltà ma kkontestawx din l-affermazzjoni fl-osservazzjonijiet tagħhom dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura jikkonferma espressament il-fehim tajjeb, mill-Kummissjoni, tal-informazzjoni li kienet ġiet ikkomunikata lilha matul il-proċedura amministrattiva kif ukoll tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità f'dak li kien jirrigwarda d-dħul iġġenerat minn royalties.

154 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, fl-osservazzjonijiet tagħhom dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, l-awtoritajiet tar-Renju Unit u ta' Ġibiltà għamlu distinzjoni bejn, minn naħa, l-interessi b'sors barra mill-pajjiż (foreign-source interest) u, min-naħa l-oħra, id-dħul iġġenerat minn interessi passivi b'sors f'Ġibiltà u minn royalties. Il-fatt li l-awtoritajiet tar-Renju Unit u ta' Ġibiltà ma għamlux distinzjoni, għad-dħul iġġenerat minn royalties, bejn dawk li joriġinaw f'Ġibiltà u dawk li joriġinaw barra mill-pajjiż kien jikkonferma l-affermazzjoni li dan id-dħul kien meqjus bħala ġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà.

155 Ir-raba', għandu jiġi enfasizzat li la r-rapport ta' perizja u lanqas ebda informazzjoni intiża li tikkontesta l-affermazzjoni tar-Renju Unit dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità għar-royalties ma ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni matul il-proċedura amministrattiva. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma qisux li kien utli li jagħmlu osservazzjonijiet dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, minkejja li huma kienu ġew mistiedna jagħmlu dan u kienu f'pożizzjoni li jifhmu, fid-dawl tal-kontenut tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, li MJN GibCo kienet benefiċjarja potenzjali tal-iskema ta' għajnuna kif identifikata mill-Kummissjoni fl-imsemmija deċiżjoni. Issa, hekk kif jirriżulta mill-punt 106 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma setgħetx teżamina b'mod preżuntiv l-argumenti kollha li setgħu potenzjalment jikkontestaw l-interpretazzjoni tad-dritt fiskali nazzjonali magħmula fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, li kienet, barra minn hekk, ġiet ikkonfermata mill-Istat Membru kkonċernat.

156 Mill-kunsiderazzjonijiet indikati fil-punti 141 sa 155 iktar 'il fuq jirriżulta li l-affermazzjoni tar-Renju Unit dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità għad-dħul iġġenerat minn royalties, li tirriżulta direttament mill-Istat Membru kkonċernat, setgħet titqies mill-Kummissjoni bħala informazzjoni suffiċjentement affidabbli u kredibbli. Għaldaqstant, billi rriproduċiet l-interpretazzjoni tad-dritt fiskali ta' Ġibiltà pprovduta mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, il-Kummissjoni ma wettqet ebda żball ta' evalwazzjoni.

157 Barra minn hekk, ebda wieħed mill-argumenti l-oħra mressqa mir-rikorrenti ma huwa ta' natura li jistabbilixxi li l-affermazzjoni tal-awtoritajiet tar-Renju Unit dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità għar-royalties kienet żbaljata.

158 Qabel kollox, is-sempliċi fatt li fir-rapport ta' perizja huwa sostnut li l-affermazzjoni tal-awtoritajiet tar-Renju Unit hija stramba ħafna u li l-awtur tal-imsemmi rapport jispjega, inkwantu espert tad-dritt fiskali ta' Ġibiltà, li huwa qatt ma kien jaf bl-eżistenza, qabel id-dħul fis-seħħ tal-emenda tal-2013, ta' preżunzjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità għar-royalties, ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li l-affermazzjoni f'dan is-sens li tirriżulta direttament mill-Istat Membru kkonċernat u dwar l-applikazzjoni tad-dritt tiegħu stess kienet ineżatta.

159 Sussegwentement, sa fejn ir-rikorrenti jenfasizzaw li ma kienx loġiku li, bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013, kien hemm preżunzjoni li d-dħul iġġenerat minn royalties rċevut minn kumpanniji ta' Ġibiltà kien iġġenerat hemmhekk, meta din il-kategorija ta' dħul ma kinitx taxxabbli f'Ġibiltà, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li mill-affermazzjoni tal-awtoritajiet tar-Renju Unit ma jirriżultax li huma kienu sostnew li kienet teżisti regola bil-miktub li tipprevedi sistema speċifika għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità għad-dħul iġġenerat minn royalties. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-punti 144 sa 146 iktar' il fuq, l-affermazzjoni tal-awtoritajiet tar-Renju Unit kienet tirrifletti sempliċi applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità, kif kien jirriżulta mill-Artikoli 11 u 74 tal-ITA 2010.

160 Barra minn hekk, sa fejn ir-rikorrenti jirreferu, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, għall-komunikazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq id-Dħul ta' Ġibiltà bit-titolu "Gwida 2018 dwar id-dħul iġġenerat jew li joriġina", ippubblikata fil-25 ta' Ottubru 2018, għandu jiġi rrilevat li dik il-komunikazzjoni, li kienet sussegwenti għall-emenda tal-ITA 2010 li saret fl-1013, ma kinitx rilevanti għall-interpretazzjoni tal-ITA 2010, fil-verżjoni tagħha applikabbli bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013.

161 Fl-aħħar, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, il-fatt li jitqies li d-dħul passiv kien iġġenerat fil-post li fih kienet tinsab il-kumpannija li kienet tirċievih, minkejja li jimplika li jittieħed inkunsiderazzjoni l-post li fih l-imsemmija kumpannija kienet stabbilita jew irreġistrata, xorta waħda kien jikkostitwixxi applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità u ma setax jiġi assimilat ma' ssuġġettar ibbażat fuq il-kriterju tar-residenza. Fil-fatt, hekk kif ġie indikat fil-punt 146 iktar 'il fuq, fil-każ tar-royalties, li jikkostitwixxu dħul passiv, jiġifieri, fi kliem ieħor, dħul rċevut minn entitajiet li sempliċement kellhom id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, kien koerenti li jitqies li "l-attività li minnha joriġina d-dħul", fis-sens tal-Artikolu 74 tal-ITA 2010, kienet tinsab fil-post ta' residenza tal-kumpanniji li kellhom id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jagħtu dritt għal dawn ir-royalties.

162 Għaldaqstant mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li kien b'mod korrett li l-Kummissjoni kkonstatat li d-dħul iġġenerat minn royalties rċevut minn kumpanniji ta' Ġibiltà kien jitqies bħala ġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà.

***c) Fuq l-eżami tal-kriterju tal-vantaġġ (it-tieni motiv, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata)***

163 Permezz tat-tieni motiv tagħhom, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u kisret l-Artikolu 107(1) TFUE, sa fejn hija ma rnexxilhiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku.

164 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet konfużjoni, fil-premessa 82 tad-deċiżjoni kkontestata, bejn il-kunċett ta' vantaġġ ekonomiku u dak ta' selettività. Minn naħa, hija ma spjegatx kif in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien ta vantaġġ ekonomiku, filwaqt li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija kienet meħtieġa tidentifika, qabel kollox, l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku, imbagħad tipproċedi għall-analiżi tas-selettività. Min-naħa l-oħra, l-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni kienet relatata mal-evalwazzjoni tas-selettività u mhux ma' dik tal-vantaġġ ekonomiku.

165 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta affermat, fil-premessa 83 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-"eżenzjoni" mit-taxxa tad-dħul iġġenerat minn royalties kienet introduċiet tnaqqis ta' taxxa u b'hekk tat vantaġġ lill-benefiċjarji tagħha. Fil-fatt,

peress li d-dħul iġġenerat minn royalties ma kienx jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ITA 2010, in-nuqqas ta' tassazzjoni tiegħu ma setax jikkonsisti f'eżenzjoni, u lanqas f'rinunzja mill-awtoritajiet tat-taxxa ta' Ġibiltà għal dħul li huma setgħu jiġbru. F'dan il-kuntest, huma jsostnu li l-Kummissjoni wettqet diversi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni f'dak li jirrigwarda l-kontenut u l-għan tal-ITA 2010 u, b'mod partikolari, l-evalwazzjoni li d-dħul iġġenerat minn royalties rċevut minn kumpanniji ta' Ġibiltà kien meqjus bħala ġġenerat

166 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li t-trattament fiskali trasparenti tal-profitti ta' CV kien previst biss mill-Artikolu 18 tal-ITA 2010 u bil-kundizzjoni li attività tan-negozju, kummerċjali jew professjonali tkun eżerċitata permezz ta' din iċ-CV. Huma jżidu li, f'dan il-każ, jekk id-dħul ta' MJT CV seta' jaqa' taħt il-kategorija tal-profitti tan-negozju u jiġi attribwit lil MJN GibCo, b'applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-ITA 2010, dan ma kienx ikun taxxabbli f'Ġibiltà, inkwantu dan ma kienx iġġenerat, u lanqas ma kien joriġina f'dan it-territorju.

167 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

*1) Fuq l-ewwel ilment tat-tieni motiv, ibbażat fuq konfużjoni bejn il-kriterji tal-vantaġġ u tas-selettività*

168 Permezz tal-ewwel ilment tagħhom, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni wettqet konfużjoni bejn il-kriterju tal-vantaġġ u dak tas-selettività. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, bħala prinċipju, is-selettività u l-vantaġġ jikkostitwixxu żewġ kriterji separati. Fir-rigward tal-vantaġġ, il-Kummissjoni għandha turi li l-miżura ttejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tal-benefiċjarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Lulju 1974, L-Italja vs Il-Kummissjoni, 173/73, EU:C:1974:71, punt 33). Għall-kuntrarju, fir-rigward tas-selettività, il-Kummissjoni għandha turi li l-vantaġġ ma jibbenefikax lil impriżi oħra f'sitwazzjoni legali u fattwali paragunabbli ma' dik tal-benefiċjarju fid-dawl tal-għan tal-qafas ta' riferiment (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2011, Paint Graphos *et*, C-78/08 sa C-80/08, EU:C:2011:550, punt 49).

169 Madankollu għandu jiġi ppreċiżat li, fil-qasam fiskali, l-eżami tal-vantaġġ u dak tas-selettività jikkoinċidu, sa fejn dawn iż-żewġ kriterji jimplikaw li jiġi muri li l-miżura fiskali kkontestata twassal għal tnaqqis tal-ammont tat-taxxa normalment pagabbli mill-benefiċjarju tal-miżura, b'applikazzjoni tas-sistema fiskali normali, u, għaldaqstant, tas-sistema applikabbli għall-kontribwenti l-oħra li jinsabu fl-istess sitwazzjoni. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li dawn iż-żewġ kriterji jistgħu jiġu eżaminati flimkien, inkwantu "tielet kundizzjoni", prevista mill-Artikolu 107(1) TFUE, dwar l-eżistenza ta' "vantaġġ selettiv" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-270/15 P, EU:C:2016:489, punt 32).

170 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat, fir-rigward tan-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties, li l-Kummissjoni eżaminat separatament il-kriterju tal-vantaġġ u dak tas-selettività f'żewġ taqsimiet separati tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri t-Taqsima 7.1.2, bit-titolu "Vantaġġ", u t-Taqsima 7.1.3, bit-titolu "Selettività".

171 Fir-rigward tal-eżami tal-kriterju tal-vantaġġ, mill-premessa 83 tad-deċiżjoni kkontestata, li taqa' taħt it-Taqsima 7.1.2 tal-imsemmija deċiżjoni, jirriżulta li l-Kummissjoni effettivament eżaminat l-effett tal-miżura inkwistjoni fuq is-sitwazzjoni tal-benefiċjarji. Fil-fatt, hija indikat, f'din il-premessa, li l-eżenzjoni kienet tintroduċi tnaqqis fit-taxxa li l-impriżi li jibbenefikaw minn nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien ikollhom normalment iħallsu. Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni, fi kwalunkwe każ, ma wettqitx konfużjoni bejn il-kriterju

tal-vantaġġ u dak tas-selettività, iżda pprovat tistabbilixxi li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien itejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tal-benefiċjarji ta' din il-miżura fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 168 iktar 'il fuq.

172 Il-fatt li l-Kummissjoni ppreċiżat, fil-premessa 83 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-benefiċjarji tan-nuqqas ta' tassazzjoni kienu b'hekk igawdu minn pożizzjoni finanzjarja iktar favorevoli mill-kontribwenti l-oħra ma huwiex ta' natura li jirribatti din il-konstatazzjoni. Fil-fatt, il-fatt li l-Kummissjoni rreferiet ukoll għal evalwazzjonijiet li jirrigwardaw iktar l-eżami tal-kriterju tas-selettività milli dak tal-kriterju tal-vantaġġ ma għandu ebda effett fuq il-fatt li hija effettivament eżaminat jekk il-miżura inkwistjoni kinitx tagħti vantaġġ lill-benefiċjarji tagħha.

173 Konsegwentement, l-ewwel ilment tat-tieni motiv, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi miċħud.

*2) Fuq it-tieni lment tat-tieni motiv, intiż li jikkontesta l-eżistenza ta' tnaqqis fiskali*

174 Permezz tat-tieni lment tagħhom, ir-rikorrenti jikkontestaw li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

175 Skont ġurisprudenza stabbilita, għandhom jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat l-interventi li, taħt kwalunkwe forma, jistgħu jiffavorixxu direttament jew indirettament lil impriżi, jew li għandhom jitqiesu bħala vantaġġ ekonomiku li l-impriża benefiċjarja ma kinitx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq (ara s-sentenza tat-2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Deutsche Post, C-399/08 P, EU:C:2010:481, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, Ministerio de Defensa u Navantia, C-522/13, EU:C:2014:2262, punt 21).

176 Hekk kif ġie indikat fil-punt 91 iktar 'il fuq, l-eżistenza nnifisha ta' vantaġġ tista' tiġi stabbilita biss fir-rigward ta' tassazzjoni msejħa "normali" (sentenza tas-6 ta' Settembru 2006, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-88/03, EU:C:2006:511, punt 56). Għaldaqstant, tali miżura tagħti vantaġġ ekonomiku lill-benefiċjarju tagħha inkwantu din tnaqqas il-piż li normalment jaqa' fuq il-finanzi ta' impriża u, minħabba dan, mingħajr ma hija sussidju fis-sens strett tal-kelma, hija tal-istess natura u għandha effetti identiċi (sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, Ministerio de Defensa u Navantia, C-522/13, EU:C:2014:2262, punt 22). Għalhekk, miżura li permezz tagħha l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu lil ċerti impriżi trattament fiskali vantaġġuż li, għalkemm ma jinvolvix trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, iqiegħed lill-benefiċjarji f'sitwazzjoni finanzjarja iktar favorevoli minn dik ta' kontribwenti oħra tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Marzu 1994, Banco Exterior de España, C-387/92, EU:C:1994:100, punt 14, u tat-8 ta' Settembru 2011, Paint Graphos *et*, C-78/08 sa C-80/08, EU:C:2011:550, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

177 Konsegwentement, sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' vantaġġ fiskali, is-sitwazzjoni tal-benefiċjarju li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-miżura inkwistjoni għandha titqabbel mas-sitwazzjoni tiegħu fl-assenza tal-miżura inkwistjoni u b'applikazzjoni tar-regoli normali ta' tassazzjoni (ara s-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, Il-Pajjiżi l-Baxxi *et* vs Il-Kummissjoni, T-760/15 u T-636/16, EU:T:2019:669, punt 147 u l-ġurisprudenza ċċitata).

178 F'dan il-każ, il-Kummissjoni qieset, fil-premessa 82 tad-deċiżjoni kkontestata, li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jikkostitwixxi vantaġġ, minħabba li din il-miżura kienet kuntrarja għall-prinċipju li t-taxxa fuq id-dħul kellha tinġabar mingħand il-persuni kollha taxxabbli li kienu jirċievu dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà. Hija żiedet li

d-dħul iġġenerat minn royalties rċevut minn impriża f'Ġibiltà normalment kellu jkun suġġett għat-taxxa, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità, inkwantu dan jitqies bħala li ġie ġġenerat jew bħala li joriġina f'dan it-territorju. Fil-premessa 83 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonkludiet li, l-"eżenzjoni" tad-dħul iġġenerat minn royalties kienet tintroduċi tnaqqis ta' taxxa li l-impriżi kien ikollhom normalment iħallsu. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-raġunament tal-Kummissjoni, inkluż fil-premessi 81 sa 83 tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jinqara fid-dawl ta' din id-deċiżjoni meħuda fl-intier tagħha u, b'mod partikolari, tal-konstatazzjoni, imsemmija fil-premessa 93 tal-imsemmija deċiżjoni, li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien ir-riżultat tan-nuqqas ta' inklużjoni ta' dawn il-kategoriji ta' dħul fl-Anness 1 tal-ITA 2010.

179 Minn naħa, hekk kif jirriżulta mill-punti 116 sa 128 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni qieset b'mod korrett, fil-premessa 82 tad-deċiżjoni kkontestata, li kien jeżisti prinċipju li abbażi tiegħu t-taxxa fuq id-dħul kellha tinġabar mingħand il-persuni taxxabbli kollha li kienu jirċievu dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà u li tali prinċipju kien jagħmel parti mir-regoli normali ta' tassazzjoni li fid-dawl tagħhom hija kellha teżamina n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties. Fil-fatt, hekk kif ġie kkonstatat fil-punt 123 iktar 'il fuq, is-sistema ta' tassazzjoni introdotta mill-ITA 2010 kienet ibbażata fuq żewġ prinċipji gwida, jiġifieri l-prinċipju ta' territorjalità, li abbażi tiegħu d-dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà kien suġġett għat-taxxa, u l-prinċipju li abbażi tiegħu d-dħul ta' kontabbiltà kollu tal-persuni taxxabbli kellu jkun suġġett għat-taxxa.

180 Bl-istess mod, hekk kif jirriżulta mill-punti 141 sa 156 iktar 'il fuq, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità, id-dħul iġġenerat minn royalties miġbura minn kumpannija f'Ġibiltà kien meqjus bħala ġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà.

181 Minn dawn il-konstatazzjonijiet jirriżulta li n-nuqqas ta' inklużjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties fost il-kategoriji ta' dħul elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010 kien jippermetti li dan id-dħul jevita t-taxxa fuq id-dħul f'Ġibiltà, filwaqt li, skont il-prinċipji identifikati mill-Kummissjoni fil-premessa 82 tad-deċiżjoni kkontestata, tali dħul, li kien iġġenerat jew kien joriġina f'Ġibiltà, normalment kellu jkun suġġett għaliha.

182 Għaldaqstant, kien b'mod korrett li l-Kummissjoni kkonstatat li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jintroduċi tnaqqis tat-taxxa li l-impriżi li jirċievu tali dħul normalment kien ikollhom iħallsu b'applikazzjoni tar-regoli ta' tassazzjoni normali u kkonkludiet li kien jeżisti vantaġġ ekonomiku favur dawn l-impriżi.

183 Ebda wieħed mill-argumenti l-oħra tar-rikorrenti ma huwa ta' natura li jirribatti din il-konstatazzjoni.

184 L-ewwel, sa fejn ir-rikorrenti jsostnu li l-miżura ma setgħetx tikkostitwixxi vantaġġ, inkwantu l-awtoritajiet tat-taxxa, peress li ma kinux jibbenefikaw minn bażi li tawtorizzahom jintaxxaw dan id-dħul, ma setgħux jirrinunzjaw għat-tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li n-nuqqas ta' inklużjoni ta' din il-kategorija ta' dħul fl-Anness 1 tal-ITA 2010 jikkostitwixxi rinunzja tal-leġiżlatur ta' Ġibiltà u, għaldaqstant, tal-awtoritajiet kompetenti tat-territorju kkonċernat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li injorat is-sovranità fiskali tal-Istati Membri fid-determinazzjoni tal-bażi fiskali għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul, peress li, hekk kif jirriżulta mill-punti 178 u 181 iktar 'il fuq, hija effettivament eżaminat l-imsemmija miżura fid-dawl tal-kontenut u tal-għan tal-ITA 2010 u, għalhekk, tar-regoli ta' tassazzjoni normali.

185 It-tieni, sa fejn ir-rikorrenti jsostnu li ma kienet teżisti ebda regola espliċita li tipprevedi t-tassazzjoni tar-royalties, b'mod li din il-kategorija ta' dħul ma kinitx taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ITA 2010, għandu jitfakkar li l-fatt li miżura fiskali tkun maħsuba skont ċerta teknika leġiżlattiva huwa irrilevanti għall-finijiet tal-analiżi tal-imsemmija miżura fid-dawl tal-Artikolu 107 TFUE, bir-riskju li regoli fiskali nazzjonali jevitaw *a priori* l-istħarriġ fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat minħabba s-sempliċi fatt li dawn jaqgħu taħt teknika leġiżlattiva oħra minkejja li dawn jipproduċu fid-dritt jew fil-fatt, permezz tal-aġġustament u tal-għaqda ta' diversi regoli fiskali, l-istess effetti. Kull interpretazzjoni oħra tkun tmur kontra l-ġurisprudenza stabbilita li abbażi tagħha l-Artikolu 107(1) TFUE ma jagħmilx distinzjoni skont il-kawżi u l-għanijiet tal-interventi tal-Istat, iżda jiddefinixxihom skont l-effetti tagħhom, u għaldaqstant, indipendentement mit-tekniki użati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2018, Andres (falliment Heitkamp BauHolding) vs Il-Kummissjoni, C-203/16 P, EU:C:2018:505, punt 91 u l-ġurisprudenza ċċitata).

186 Issa, hekk kif ġie indikat fil-punt 81 iktar 'il fuq, in-nuqqas ta' inklużjoni ta' kategorija ta' dħul fil-bażi fiskali u l-eżenzjoni mit-taxxa formali ta' kategorija ta' dħul li normalment tagħmel parti mill-bażi fiskali jipproduċu l-istess effetti. Għalhekk, il-fatt li fl-ITA 2010 ma kinitx teżisti regola espliċita li tipprevedi t-tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties ma kienx jipprekludi li tali miżura tagħti vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.

187 It-tielet, sa fejn ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma wrietx li l-benefiċjarji potenzjali tal-għajnuna, jiġifieri l-għaxar impriżi li sar riferiment għalihom fil-punt 98 tad-deċiżjoni kkontestata, kienu effettivament ibbenefikaw min-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties, huwa biżżejjed li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest ta' deċiżjoni li tirrigwarda skema ta' għajnuna, il-Kummissjoni tista' tillimita ruħha teżamina biss il-karatteristiċi tal-iskema inkwistjoni sabiex tevalwa, fil-motivi tad-deċiżjoni inkwistjoni, jekk, minħabba l-modalitajiet previsti minn din l-iskema, din tiżgurax vantaġġ notevoli lill-benefiċjarji meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom u hijiex ta' natura li essenzjalment tibbenefika lil impriżi li jipparteċipaw fil-kummerċ bejn Stati Membri. B'hekk, il-Kummissjoni ma hijiex meħtieġa twettaq analiżi tal-għajnuna mogħtija f'kull każ individwali fuq il-bażi ta' tali skema. Huwa biss fl-istadju tal-irkupru tal-għajnuna li jkun neċessarju li tiġi vverifikata s-sitwazzjoni individwali ta' kull impriża kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2011, Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P, EU:C:2011:368, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

188 Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa turi li l-għaxar benefiċjarji potenzjali kienu effettivament ibbenefikaw mill-miżura fiskali. Tali argumenti ma humiex ta' natura li jwasslu għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata u għandhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi.

189 Għall-istess motivi, hemm lok li jiġu miċħuda bħala ineffettivi l-argumenti li jirrigwardaw is-sitwazzjoni speċifika ta' MJN GibCo għall-finijiet tal-analiżi tal-legalità tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata. B'mod partikolari, fir-rigward tal-argumenti dwar it-trasparenza fiskali taċ-CV, għandu jiġi rrilevat li, peress li l-Kummissjoni bl-ebda mod ma bbażat l-evalwazzjoni tagħha tal-iskema ta' għajnuna li tirriżulta min-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties fuq il-kwistjoni tat-trasparenza fiskali, dawn huma irrilevanti għall-finijiet tal-eżami ta' jekk il-Kummissjoni qisitx b'mod korrett li din il-miżura kienet tagħti vantaġġ fiskali lill-benefiċjarji tagħha.

190 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tieni lment tat-tieni motiv intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi miċħud u, għaldaqstant, dan il-motiv kollu kemm hu.

### *d) Fuq l-eżami tas-selettività (it-tielet motiv intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata)*

191 Permezz tat-tielet motiv tagħhom intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u kisret l-Artikolu 107(1) TFUE meta qieset li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien miżura selettiva.

192 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball fid-determinazzjoni tal-qafas ta' riferiment. Huma jippreċiżaw li, fil-qasam fiskali, l-evalwazzjoni tal-kriterju tas-selettività tista' ssir biss fir-rigward tat-tassazzjoni msejjħa "normali", li d-definizzjoni tagħha, bħall-għażla tal-bażi taxxabbli, taqa' taħt is-sovranità tal-Istati Membri. Għalkemm ir-rikorrenti jikkonfermaw li l-ITA 2010 tikkostitwixxi l-qafas ta' riferiment adattat, huma jsostnu li l-Kummissjoni wettqet diversi żbalji fir-rigward tal-kontenut u tal-għan ta' din il-liġi.

193 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni identifikat b'mod żbaljat deroga mill-qafas ta' riferiment.

194 Qabel kollox, in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties ma jikkostitwixxix eżenzjoni, deroga jew "deroga impliċita", iżda jirriżulta biss mill-fatt li dan id-dħul ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ITA 2010.

195 Sussegwentement, il-Kummissjoni fehmet ħażin il-portata tal-prinċipju li miżura li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat għandha tiġi ddefinita mill-effetti tagħha. Ċertament, fis-sentenzi tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit (C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732), u tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li miżura tista' tkun selettiva meta din ikollha l-effett li teskludi lil ċerti impriżi mill-ammont taxxabbli. Madankollu, dawk il-kawżi kienu rrigwardaw ċirkustanzi eċċezzjonali u ma kinux iġġustifikaw li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat iddefinit mill-effetti tiegħu jkun estiż wisq. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkjarifikat, fis-sentenza tas-16 ta' Mejju 2019, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-836/16 u T-624/17, EU:T:2019:338), li miżura fiskali tista' tipprevedi differenzi fit-trattament mingħajr madankollu ma tiġi kklassifikata bħala selettiva, bil-kundizzjoni li dawn id-differenzi ma jkunux arbitrarji, jiġu applikati b'mod nondiskriminatorju u jibqgħu konformi mal-għan tat-taxxa kkonċernata.

196 Fl-aħħar, ir-rikorrenti jsostnu li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties ma kienx jiddifferenzja bejn operaturi ekonomiċi fl-istess sitwazzjoni legali u fattwali. Huma jsostnu, f'dan ir-rigward, li ebda kundizzjoni għan-nuqqas ta' tassazzjoni ma kienet applikabbli biss għall-impriżi multinazzjonali u li l-fatt li din il-miżura kienet tibbenefika essenzjalment lill-gruppi multinazzjonali kien biss ċirkustanza każwali u mhux "effett [tagħha]".

197 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

198 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-evalwazzjoni tas-selettività teħtieġ li jiġi ddeterminat jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, il-miżura nazzjonali inkwistjoni hijiex ta' natura li tiffavorixxi lil "ċerti impriżi jew ċerti produzzjonijiet" meta mqabbla ma' oħrajn li jkunu jinsabu, fid-dawl tal-għan imfittex minn din is-sistema, f'sitwazzjoni fattwali u legali paragunabbli u li, għalhekk, jirċievu trattament iddifferenzjat li essenzjalment jista' jiġi kklassifikat bħala diskriminatorju (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

199 Meta l-miżura inkwistjoni tkun maħsuba bħala skema ta' għajnuna u mhux bħala għajnuna individwali, hija l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi li din il-miżura, minkejja li din tipprevedi vantaġġ ta' portata ġenerali, tagħti l-benefiċċju esklużiv tiegħu lil ċerti impriżi jew lil ċerti setturi ta' attività (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, miżura ġenerali applikabbli mingħajr distinzjoni għall-operaturi ekonomiċi kollha ma tikkostitwixxix miżura ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-156/98, EU:C:2000:467, punt 22).

200 Fil-qasam fiskali, klassikament, il-ġurisprudenza teħtieġ analiżi tas-selettività fi tliet stadji. Din l-analiżi timplika, l-ewwel, li tiġi identifikata s-sistema fiskali komuni jew "normali" applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat, li tikkostitwixxi l-qafas ta' riferiment, u, it-tieni, li jiġi muri li l-miżura fiskali inkwistjoni tidderoga mill-imsemmi qafas ta' riferiment, inkwantu din tiddifferenzja bejn operaturi li jkunu jinsabu, fid-dawl tal-għan imfittex minn dan il-qafas ta' riferiment, f'sitwazzjoni legali u fattwali paragunabbli (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 57). It-tielet, huwa l-Istat Membru li għandu juri li d-differenzazzjoni introdotta mill-miżura inkwistjoni, li hija "*a priori* selettiva", hija ġġustifikata, peress li din tirriżulta min-natura jew mill-istruttura tal-qafas li taħtu din il-miżura taqa' (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 58).

201 Il-kundizzjoni tas-selettività hija għaldaqstant issodisfatta meta l-Kummissjoni tasal turi li l-miżura tidderoga mis-sistema fiskali komuni jew "normali" applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat, u b'hekk tintroduċi, permezz tal-effetti konkreti tagħha, trattament iddifferenzjat bejn operaturi, minkejja li l-operaturi li jibbenefikaw mill-vantaġġ fiskali u dawk esklużi minnu jkunu jinsabu, fid-dawl tal-għan imfittex mill-imsemmija sistema fiskali ta' dan l-Istat Membru, f'sitwazzjoni legali u fattwali paragunabbli (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 67).

202 Fis-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et* (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 74), il-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, għamlet distinzjoni bejn, minn naħa, il-każ fejn il-miżura kienet fil-forma ta' vantaġġ fiskali li jidderoga minn sistema fiskali komuni u, min-naħa l-oħra, dak fejn il-miżura kienet fil-forma tal-applikazzjoni ta' sistema fiskali "ġenerali" bbażata fuq kriterji huma stess ukoll ta' natura ġenerali, iżda li fil-fatt iwettqu diskriminazzjoni bejn ċerti impriżi, fatt li jimplika, għaldaqstant, "selettività *de facto*". Tali distinzjoni hija bbażata direttament fuq is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit (C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732), li fiha l-miżuri li kienu s-suġġett tal-eżami abbażi tal-Artikolu 107(1) TFUE kienu r-regoli dwar id-determinazzjoni tal-bażi fiskali għall-finijiet tat-taxxa fuq il-kumpanniji. F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet qieset li s-sistema ta' tassazzjoni li tikkonsisti f'taxxa fuq in-numru

ta' impjegati u f'taxxa fuq id-daqs tal-bini kellha l-effett, hekk kif kienet maħsuba, li teskludi *a priori* kull tassazzjoni tal-kumpanniji "offshore", minħabba li huma ma kellhomx impjegati u lanqas bini tan-negozju.

203 F'tali każ, il-miżura tista' tkun selettiva, minkejja li din tkun ta' natura ġenerali u ma tikkostitwixxix deroga mis-sistema fiskali komuni, iżda tifforma parti integrali minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit (C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punti 91 u 92). Għalhekk hija l-Kummissjoni li għandha turi li s-sistema fiskali hija, fiha nnifisha, manifestament diskriminatorja fid-dawl tal-għan li hija intiża li tilħaq u, b'hekk, li l-miżuri inkwistjoni, li jifformaw parti integrali mis-sistema fiskali, imorru kontra l-għan imfittex minnha, inkwantu dawn ixejnu mis-sustanza tiegħu l-għan tat-taxxa (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-562/19 P, punti 42 u 43, u tas-16 ta' Mejju 2019, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, T-836/16 u T-624/17, EU:T:2019:338, punti 70, 79 u 94). Dan huwa l-każ meta l-Kummissjoni turi li s-sistema, permezz tal-effetti tagħha, tiffavorixxi lil ċerti impriżi minħabba l-karatteristiċi proprji u speċifiċi tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punti 87 u 88, u tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punti 74 sa 76).

204 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni eżaminat in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties mhux biss fid-dawl tal-analiżi fi tliet stadji tas-selettività ta' miżuri fiskali li huma ta' natura derogatorja, iżda wkoll billi applikat l-analiżi tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit (C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732).

205 Fil-fatt, minn naħa, mill-premessi 87, 90 sa 94, 100, 103 u 105 sa 110 tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll mit-titolu tat-Taqsimiet 7.1.3.1, 7.1.3.2 u 7.1.3.3 ta' din l-istess deċiżjoni jirriżulta b'mod ċar li l-Kummissjoni qieset li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jikkostitwixxi miżura derogatorja u applikat l-analiżi fi tliet stadji tas-selettività.

206 B'mod iktar preċiż, il-Kummissjoni, qabelxejn, qieset li l-qafas ta' riferiment kien l-ITA 2010 li l-għan tagħha kien li tinġabar it-taxxa fuq id-dħul mingħand il-kontribwenti li jirċievu dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà (premessi 90 sa 93 u 100 tad-deċiżjoni kkontestata) u qieset li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jikkostitwixxi "eżenzjoni impliċita" mit-taxxa fuq id-dħul. Sussegwentement, il-Kummissjoni qieset, fid-dawl tal-għan tal-ITA 2010, li l-impriżi li jibbenefikaw min-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties, jiġifieri kumpanniji li jappartjenu lil gruppi multinazzjonali li jagħtu liċenzji fuq drittijiet tal-proprjetà intellettwali, kienu f'sitwazzjoni legali u fattwali simili għal dik tal-impriżi l-oħra kollha stabbiliti f'Ġibiltà li jirċievu dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà (premessi 100 u 103 tad-deċiżjoni kkontestata). Sabiex tistabbilixxi li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien iwassal għall-applikazzjoni ta' trattament fiskali differenti lil dawn l-impriżi, anki jekk dawn kienu jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli, il-Kummissjoni rrilevat li, fl-assenza tal-"eżenzjoni" tad-dħul iġġenerat minn royalties, is-sistema ta' tassazzjoni territorjali tkun tqis li d-dħul iġġenerat minn royalties miġbura minn impriża stabbilita f'Ġibiltà joriġina f'Ġibiltà (premessa 94 tad-deċiżjoni kkontestata). Fl-aħħar, il-Kummissjoni ċaħdet il-ġustifikazzjonijiet allegati mill-awtoritajiet tar-Renju Unit (premessi 105 sa 108 tad-deċiżjoni kkontestata).

207 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ppreċiżat ukoll li, "fejn il-miżura ma [kinitx tirriżulta] minn deroga formali mis-sistema tat-taxxa [...] [kien] partikolarment rilevanti li jitqiesu l-effetti tal-miżura sabiex ikun valutat jekk il-miżura [kinitx tiffavorixxi] b'mod sinifikanti grupp partikolari ta' intrapriżi" (premessa 97 tad-deċiżjoni kkontestata). Hija għalhekk indikat li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien ibbenefika biss lil għaxar impriżi li lkoll jifformaw parti minn gruppi ta' impriżi multinazzjonali u li ebda impriża indipendenti ma kienet rċeviet dħul iġġenerat minn royalties f'Ġibiltà (premessa 98). Barra minn hekk, il-Kummissjoni affermat, fil-premessa 104 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-fatt li l-"eżenzjoni" tad-dħul iġġenerat minn royalties kienet essenzjalment tibbenefika lill-gruppi multinazzjonali ma kienx konsegwenza każwali tas-sistema u li din ir-regola kienet maħsuba sabiex tattira jew tiffavorixxi lill-impriżi ta' grupp u, b'mod iktar partikolari, lill-gruppi multinazzjonali li jeżerċitaw ċerti attivitajiet (għoti ta' liċenzji fuq drittijiet tal-proprjetà intellettwali), u b'hekk irriproduċiet it-terminoloġija użata fis-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit (C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732).

208 Għaldaqstant, mill-premessi 90 sa 104 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni, hekk kif hija kkonfermat bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, qieset, prinċipalment, li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jikkostitwixxi miżura derogatorja li kienet selettiva, inkwantu dan kien jiffavorixxi lill-impriżi li jirċievu dħul iġġenerat minn royalties meta mqabbla mal-impriżi l-oħra kollha li jirċievu dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà u li, sussidjarjament, hija eżaminat ukoll is-selettività "*de facto*" tan-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties.

209 Għalhekk, fl-ewwel lok, għandu jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni kinitx fondata, sabiex tistabbilixxi n-natura selettiva tan-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties, tqis, prinċipalment, li dan kien jikkostitwixxi deroga fir-rigward tal-ITA 2010, inkwantu dan kellu bħala konsegwenza li jiġi applikat għall-impriżi ta' Ġibiltà li jirċievu dħul iġġenerat minn royalties trattament fiskali differenti minn dak applikat għall-impriżi taxxabbli f'Ġibiltà li jirċievu dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà, anki jekk dawn iż-żewġ kategoriji ta' impriżi kienu jinsabu f'sitwazzjonijiet paragunabbli, fid-dawl tal-għan imfittex mill-ITA 2010.

210 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif jirriżulta mill-punti 118 sa 128 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni kkonstatat b'mod korrett li l-għan tal-ITA 2010 kien li tinġabar it-taxxa fuq id-dħul mingħand il-kontribwenti li jirċievu dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà. Bl-istess mod, hekk kif jirriżulta mill-punti 141 sa 156 iktar 'il fuq, hija qieset, b'mod korrett, li d-dħul iġġenerat minn royalties rċevut minn kumpanniji f'Ġibiltà kien meqjus bħala ġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni qieset b'mod korrett li l-impriżi ta' Ġibiltà li jirċievu dħul iġġenerat minn royalties normalment kellhom ikunu suġġetti għat-taxxa f'Ġibiltà u li huma kienu f'sitwazzjoni legali u fattwali simili għal dawk tal-impriżi l-oħra li jirċievu dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà.

211 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta kkonstatat li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jiffavorixxi lill-impriżi li jirċievu dħul iġġenerat minn royalties meta mqabbla mal-impriżi l-oħra li jirċievu dħul iġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà. Minn dan jirriżulta li kien b'mod korrett li hija qieset li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jikkostitwixxi deroga mill-ITA 2010 u mill-għan tagħha.

212 Dawn il-kunsiderazzjonijiet waħedhom huma biżżejjed sabiex tiġi stabbilita n-natura *a priori* selettiva tan-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi vverifikat jekk il-Kummissjoni qisitx b'mod korrett li l-miżura kienet tibbenefika

speċifikament lill-impriżi multinazzjonali li jeżerċitaw ċerti attivitajiet, bħall-għoti ta' liċenzji fuq drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Fil-fatt, ma huwiex neċessarju, għall-finijiet tal-istabbiliment tas-selettività ta' miżura fiskali derogatorja, li l-Kummissjoni tidentifika ċerti karatteristiċi proprji u speċifiċi, komuni għall-impriżi li jibbenefikaw mill-vantaġġ fiskali, li jippermettu li dawn jiġu distinti minn dawk li huma esklużi minnu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punti 71, 76 u 78). Fil-fatt, għalkemm sabiex tiġi stabbilita s-selettività ta' miżura fiskali, ma huwiex dejjem neċessarju li din tidderoga minn sistema fiskali komuni, il-fatt li din tkun tidderoga huwa għal kollox rilevanti għal dawn l-iskopijiet meta minn dan jirriżulta li ssir distinzjoni bejn żewġ kategoriji ta' operaturi u *a priori* dawn huma suġġetti għal trattament iddifferenzjat, jiġifieri dawk li jaqgħu taħt il-miżura derogatorja u dawk li jibqgħu jaqgħu taħt is-sistema fiskali komuni, minkejja li dawn iż-żewġ kategoriji jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli fir-rigward tal-għan imfittex mill-imsemmija sistema (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punti 77 u 78).

213 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma jikkontestawx il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties ma kienx iġġustifikat min-natura jew mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali ta' Ġibiltà. Għaldaqstant, kien b'mod korrett li l-Kummissjoni kkonkludiet li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien ta' natura selettiva u qieset li dan in-nuqqas ta' tassazzjoni, minħabba n-nuqqas ta' inklużjoni, bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013, tad-dħul iġġenerat minn royalties fil-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010, kien jikkostitwixxi skema ta' għajnuna. Sa fejn l-analiżi fi tliet stadji tas-selettività hija biżżejjed sabiex issostni din il-konklużjoni, ma huwiex neċessarju li jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti intiżi li jikkontestaw ir-raġunament sussidjarju tal-Kummissjoni, li skontu n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien *de facto* selettiv. Fil-fatt, sa fejn ċerti motivi ta' deċiżjoni huma, waħedhom, ta' natura li jiġġustifikawha b'mod suffiċjenti fid-dritt, il-vizzji li jistgħu jkunu relatati ma' motivi oħra tal-att, fi kwalunkwe każ, ma jaffettwawx id-dispożittiv tagħha. Barra minn hekk, meta d-dispożittiv ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni jkun ibbażat fuq diversi elementi ta' raġunament li kull wieħed minnhom ikun waħdu suffiċjenti sabiex jifforma l-bażi għal dan id-dispożittiv, dan l-att jista', bħala prinċipju, jiġi annullat biss jekk kull wieħed minn dawn l-elementi jkun ivvizzjat b'illegalità. F'dak il-każ, żball jew illegalità oħra li jaffettwaw biss wieħed mill-elementi ta' raġunament ma jistgħux ikunu biżżejjed sabiex jiġġustifikaw l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, peress li dan l-iżball ma setax kellu effett deċiżiv fir-rigward tad-dispożittiv adottat mill-istituzzjoni awtriċi ta' dik id-deċiżjoni (ara s-sentenza tal-1 ta' Marzu 2018, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, T-316/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:106, punt 91 u l-ġurisprudenza ċċitata).

214 B'mod partikolari, għandu jiġi rrilevat li l-argumenti tar-rikorrenti dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu, fil-każ inkwistjoni, mis-sentenzi tas-16 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-562/19 P, EU:C:2021:201), u tas-16 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-596/19 P, EU:C:2021:202), kif ukoll mis-sentenzi tas-16 ta' Mejju 2019, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-836/16 u T-624/17, EU:T:2019:338), u tas-27 ta' Ġunju 2019, L-Ungerija vs Il-Kummissjoni (T-20/17, EU:T:2019:448), huma ineffettivi, inkwantu dawn jirrigwardaw l-analiżi tas-selettività *de facto* u mhux l-analiżi fi tliet stadji tas-selettività.

215 Barra minn hekk, sa fejn ir-rikorrenti jikkontestaw, fil-kuntest tal-argumenti tagħhom dwar l-analiżi tas-selettività, l-affermazzjoni tal-Kummissjoni, fil-punt 95 tar-risposta, li hija ma kinitx meħtieġa tispjega fid-dettall ir-raġunijiet li kienu wassluha, fid-deċiżjoni kkontestata, tikkonkludi

li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jikkostitwixxi skema ta' għajnuna sempliċement minħabba l-fatt li hija kienet diġà eżaminat dawn l-elementi, fid-dettall, fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet li d-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura formali kienet tifforma parti mill-kuntest tad-deċiżjoni li ttemm dik il-proċedura u li l-ewwel waħda setgħet tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami tal-motivazzjoni tat-tieni waħda (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2018, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni, T-356/15, EU:T:2018:439, punt 535). Min-naħa l-oħra u fi kwalunkwe każ, hekk kif jirriżulta mill-punti 204 sa 208 iktar 'il fuq, id-deċiżjoni kkontestata kienet tindika fid-dettall l-elementi li kienu wasslu lill-Kummissjoni tqis li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jikkostitwixxi miżura selettiva.

216 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tielet motiv intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi miċħud.

***e) Fuq il-portata tal-vantaġġ selettiv (ir-raba' motiv, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata)***

217 Permezz tar-raba' motiv tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li, fi kwalunkwe każ u anki jekk jiġi preżunt li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties effettivament ta vantaġġ selettiv, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u żball ta' liġi meta qieset li dan il-vantaġġ selettiv kien jestendi għar-royalties iġġenerati minn attivitajiet u drittijiet tal-proprjetà intellettwali li ma jinsabux f'Ġibiltà, peress li dan id-dħul ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-ITA 2010.

218 Skont ir-rikorrenti, id-dħul li kumpannija ta' Ġibiltà kienet tikseb minn attivitajiet eżerċitati barra minn dan it-territorju, inkluż fil-każ ta' dħul iġġenerat minn royalties, ma kienx taxxabbli f'Ġibiltà. Huma jsostnu li, fis-sitwazzjoni tagħhom fejn ebda wieħed mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ma huwa mnissel f'Ġibiltà, fejn dawn id-drittijiet ma jinsabux f'Ġibiltà, fejn il-konċessjonarji ta' liċenzja ma jinsabux f'Ġibiltà u fejn id-dħul iġġenerat minn royalties ma jitħallasx f'Ġibiltà, dan tal-aħħar ma huwiex iġġenerat, u lanqas ma joriġina f'Ġibiltà. Għalhekk, ir-rikorrenti jsostnu li, f'dan il-każ, minkejja t-trasparenza fiskali, is-sehem ta' MJN GibCo fid-dħul ta' MJT CV ma kienx taxxabbli inkwantu dan id-dħul ma kienx iġġenerat jew ma kienx joriġina f'Ġibiltà.

219 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

220 Sa fejn, hekk kif ġie kkonstatat fil-punti 141 sa 162 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta kkonstatat li d-dħul iġġenerat minn royalties irċevut minn kumpanniji ta' Ġibiltà kien meqjus bħala ġġenerat jew li joriġina f'Ġibiltà, hemm lok li jiġu miċħuda l-argumenti tar-rikorrenti li skonthom id-dħul iġġenerat minn royalties relatat ma' attivitajiet u drittijiet tal-proprjetà intellettwali li ma jinsabux f'Ġibiltà ma kienx jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-ITA 2010, u li skonthom il-Kummissjoni kienet b'hekk wettqet żball meta qieset li l-vantaġġ selettiv mogħti min-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jestendi għar-royalties imsemmija iktar 'il fuq.

221 Barra minn hekk, sa fejn ir-rikorrenti jsostnu li, fil-każ ta' MJN GibCo, id-dħul iġġenerat minn royalties ma kienx iġġenerat jew ma kienx joriġina f'Ġibiltà, tali argument ma huwiex ta' natura li jikkontesta l-analiżi tal-Kummissjoni li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jikkostitwixxi skema ta' għajnuna, u lanqas il-legalità tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, u għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv. Fil-fatt, anki jekk jitqies li huwa fondat, dan l-argument jippermetti, l-iktar l-iktar, li tiġi kkontestata l-kwalità ta' benefiċjarja tal-għajnuna ta'

MJN GibCo. Issa, l-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata sempliċement jikkonstata li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties jikkostitwixxi skema ta' għajnuna, mingħajr ma jidentifika l-benefiċjarji potenzjali tal-imsemmija skema. Barra minn hekk, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza indikata fil-punt 187 iktar 'il fuq, f'deċiżjoni li tirrigwarda skema ta' għajnuna, il-Kummissjoni ma hijiex meħtieġa twettaq analiżi tal-għajnuna mogħtija, f'kull każ individwali, abbażi ta' tali skema.

222 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-raba' motiv intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi miċħud.

### *3. Fuq il-motiv ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 659/1999 (il-ħames motiv intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata)*

223 Permezz tal-ħames motiv tagħhom intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti jikkontestaw il-konklużjoni li tirriżulta mit-Taqsima 7.2 tad-deċiżjoni kkontestata, li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jikkostitwixxi għajnuna ġdida fis-sens tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 659/1999.

224 Minn naħa, ir-rikorrenti jallegaw li d-deċiżjoni kkontestata ma tinkludix analiżi tal-klassifikazzjoni bħala għajnuna ġdida tal-miżura li tikkonsisti fin-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties. Huma jsostnu li, għalkemm il-Kummissjoni kienet effettivament affermat, fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, li d-dħul iġġenerat minn royalties kien ġie eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tat-taxxa fuq id-dħul għall-ewwel darba fl-ITA 2010, id-deċiżjoni kkontestata ma kinitx tinkludi tali konstatazzjoni.

225 Min-naħa l-oħra, huma jsostnu li, anki jekk in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien ikkostitwixxa għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, kien hemm lok li dan jitqies bħala għajnuna eżistenti, inkwantu d-dħul passiv iġġenerat minn royalties ma kienx intaxxat f'Ġibiltà taħt l-ITA 1952, fis-seħħ qabel l-adozzjoni tal-ITA 2010, b'tali mod li din ir-regola kienet diġà applikabbli fl-1 ta' Jannar 1973, data li fiha r-Renju Unit kien sar Stat Membru. B'mod partikolari, ir-rikorrenti jsostnu li, għalkemm l-Artikolu 6(1) tal-ITA 1952 kien jelenka, fost is-sitt kategoriji ta' dħul taxxabbli, il-kategorija "Kirjiet, royalties, primjums u profitti oħra li jirriżultaw minn drittijiet tal-proprjetà", tali kategorija kienet tkopri biss, fir-realtà, id-drittijiet tal-proprjetà immobbli. Il-kelma "royalties" kienet tkopri biss ir-royalties li jirriżultaw mill-estrazzjoni minerarja.

226 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

227 Essenzjalment, ir-rikorrenti jressqu żewġ ilmenti, ibbażati, minn naħa, fuq nuqqas ta' motivazzjoni, bi ksur tal-Artikolu 296 TFUE, inkwantu l-Kummissjoni ma spjegatx, fid-deċiżjoni kkontestata, kif in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien ikkostitwixxa għajnuna ġdida, u, min-naħa l-oħra, fuq ksur tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 659/1999, inkwantu l-Kummissjoni qieset b'mod żbaljat li l-imsemmija miżura kienet tikkostitwixxi miżura ta' għajnuna eżistenti.

228 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-obbligu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 296 TFUE jikkostitwixxi rekwiżit proċedurali essenzjali li għandu jiġi distint mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivi, li taqa' taħt il-legalità fuq il-mertu tal-att kontenzjuż (ara, is-sentenzi tad-29 ta' Settembru 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P, EU:C:2011:620,

punt 146 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-14 ta' Mejju 2014, Donau Chemie vs Il-Kummissjoni, T-406/09, EU:T:2014:254, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għaldaqstant, fl-ewwel lok, għandu jiġi ttrattat l-ilment ibbażat, essenzjalment, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, previst fl-Artikolu 296 TFUE, u sussegwentement, fit-tieni lok, l-ilment ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 1(c) tar-Regolament Nru 659/1999.

*a) Fuq l-ewwel ilment ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni fis-sens tal-Artikolu 296 TFUE*

229 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, l-atti legali għandhom ikunu motivati. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni meħtieġa għandha tkun adegwata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni li tkun adottat l-att b'mod li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet għall-miżura adottata u l-qorti kompetenti tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet individwali, l-għan tal-obbligu ta' motivazzjoni ta' tali deċiżjonijiet għalhekk huwa, minbarra li jippermetti li jsir stħarriġ ġudizzjarju, li jipprovdi lill-persuna kkonċernata indikazzjoni suffiċjenti sabiex tkun taf jekk id-deċiżjoni hijiex possibbilment ivvizzjata b'difett li jippermetti li tiġi kkontestata l-validità tagħha (ara s-sentenzi tad-29 ta' Settembru 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P, EU:C:2011:620, punti 146 sa 148 u l-ġurisprudenza ċċitata; tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni, C-439/11 P, EU:C:2013:513, punti 114 u 115; u tat-13 ta' Diċembru 2016, Printeos *et* vs Il-Kummissjoni, T-95/15, EU:T:2016:722, punt 44).

230 Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti kollha, inkwantu l-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE ma għandhiex tiġi evalwata biss fid-dawl tal-formulazzjoni tagħha iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest tagħha kif ukoll tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (sentenzi tad-29 ta' Settembru 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P, EU:C:2011:620, punt 150; tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni, C-439/11 P, EU:C:2013:513, punt 116; u tat-13 ta' Diċembru 2016, Printeos *et* vs Il-Kummissjoni, T-95/15, EU:T:2016:722, punt 45).

231 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm il-Kummissjoni qieset li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jikkostitwixxi għajnuna illegali (premessi 216 u 217 tad-deċiżjoni kkontestata), id-deċiżjoni kkontestata ma tinkludi ebda element, inkluż fit-Taqsima bit-titolu "In-natura ġdida ta' għajnuna [ta' għajnuna ġdida] tal-miżura" (premessi 118 sa 121 tad-deċiżjoni kkontestata), intiż li jispjega kif l-imsemmija miżura kienet tikkostitwixxi għajnuna ġdida. Fil-fatt, l-elementi inklużi f'din it-taqsima jirrigwardaw biss l-iskema ta' għajnuna relatata man-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi.

232 Madankollu, hekk kif jirriżulta mill-punt 230 iktar 'il fuq, l-osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-kontenut tal-att, iżda wkoll tal-kuntest tiegħu u tar-regoli ġuridiċi applikabbli. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-proċedura ta' stħarriġ tal-għajnuna mill-Istat, id-deċiżjoni finali, meħuda fi tmiem il-proċedura ta' investigazzjoni formali, tikkostitwixxi att li t-tfassil tiegħu jitwettaq f'diversi fażijiet. Il-Qorti Ġenerali għalhekk diġà ddeċidiet li d-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura formali kienet tagħmel parti mill-kuntest tad-deċiżjoni li ttemm il-proċedura formali u li l-ewwel waħda setgħet tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami tal-motivazzjoni tat-tieni waħda (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2018, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni, T-356/15, EU:T:2018:439, punt 535).

233 Issa, minn naħa, mill-premessi 217 u 221 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien miżura ta' għajnuna illegali li kellha tiġi rkuprata, b'mod li l-Kummissjoni kienet neċessarjament qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-imsemmija miżura kienet miżura ta' għajnuna ġdida. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 108(1) u (3) TFUE kif ukoll mill-Artikolu 1(f) tar-Regolament Nru 659/1999, biss miżura ta' għajnuna ġdida, implimentata mingħajr awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni, tista' tiġi kklassifikata bħala miżura ta' għajnuna illegali. L-iskemi ta' għajnuna eżistenti huma, minn naħa tagħhom, suġġetti għal eżami permanenti, li fil-kuntest tiegħu l-Kummissjoni tipproponi l-miżuri utli meħtieġa mill-iżvilupp progressiv jew mill-funzjonament tas-suq intern.

234 Min-naħa l-oħra, mill-premessi 45, 66 u 67 tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura jirriżulta li l-Kummissjoni kienet ikklassifikat in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties bħala għajnuna ġdida minħabba li d-dħul iġġenerat minn royalties kien suġġett għat-taxxa f'Ġibiltà taħt l-ITA 1952, u dan sad-dħul fis-seħħ tal-ITA 2010.

235 Għalhekk, sa fejn il-konstatazzjoni, magħmula fid-deċiżjoni kkontestata, li l-miżura inkwistjoni kienet miżura ta' għajnuna illegali kienet kompatibbli mal-analiżi li tinsab fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura u sa fejn din id-deċiżjoni u d-deċiżjoni kkontestata ma kinux jinkludu elementi li jistgħu jissuġġerixxu li l-Kummissjoni kienet immodifikat il-pożizzjoni tagħha fuq dan il-punt speċifiku, hemm lok li jitqies li, f'dan il-każ, id-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura kienet tagħmel parti mill-kuntest li fih id-deċiżjoni kkontestata kienet ġiet adottata u kellha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-analiżi tal-motivazzjoni ta' din tal-aħħar, f'dak li kien jirrigwarda l-klassifikazzjoni tan-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties bħala miżura ta' għajnuna ġdida.

236 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti jikkontestaw l-analiżi li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien għajnuna ġdida u, b'mod partikolari, il-fatt li dan id-dħul kien suġġett għat-taxxa fuq id-dħul taħt l-ITA 1952. Dan juri b'mod ċar li huma kienu f'pożizzjoni li jkunu jafu r-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni kienet qieset li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jikkostitwixxi miżura ta' għajnuna ġdida illegali.

237 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi miċħud.

### *b) Fuq it-tieni lment ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 659/1999*

238 Skont l-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 659/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 TFUE, għajnuna ġdida hija kull għajnuna, jiġifieri kull skema ta' għajnuna jew kull għajnuna individwali, li ma hijiex għajnuna eżistenti, inkluża kull modifika fir-rigward ta' għajnuna eżistenti.

239 Issa, skont l-Artikolu 1(b)(i), (ii) u (v) tar-Regolament Nru 659/1999, tikkostitwixxi għajnuna eżistenti, kull għajnuna awtorizzata, jiġifieri l-iskemi ta' għajnuna u l-għajnuna individwali awtorizzati mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kull għajnuna eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat fl-Istat Membru kkonċernat, jiġifieri l-iskemi ta' għajnuna u l-għajnuna individwali implimentati qabel, u dejjem applikabbli wara l-imsemmi dħul fis-seħħ, kif ukoll kull għajnuna li titqies eżistenti, għaliex jista' jiġi stabbilit li din ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna fil-mument tad-dħul fis-seħħ tagħha, iżda li saret għajnuna sussegwentement, minħabba l-evoluzzjoni tas-suq komuni, u mingħajr ma ġiet immodifikata mill-Istat Membru kkonċernat.

240 Għaldaqstant, għandhom jiġu jitqiesu bħala għajnuna ġdida, il-miżuri adottati wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat fl-Istat Membru kkonċernat li huma intiżi li jistabbilixxu jew jimmodifikaw għajnuna (ara s-sentenza tal-20 ta' Mejju 2010, Todaro Nunziatina & C., C-138/09 EU:C:2010:291, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

241 Huwa b'riferiment għad-dispożizzjonijiet li jippreveduha, għall-modalitajiet tagħhom u għal-limiti tagħhom li għajnuna tista' tiġi kklassifikata bħala ġdida jew bħala modifika tal-iskema eżistenti (ara, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Il-Pajjiżi l-Baxxi u NOS vs Il-Kummissjoni, T-231/06 u T-237/06, EU:T:2010:525, punt 180 u l-ġurisprudenza ċċitata).

242 F'dan il-każ, ir-rikorrenti sempliċement jikkontestaw il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li d-dħul iġġenerat minn royalties kien intaxxat taħt l-ITA 1952 u kien ġie eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tat-taxxa fuq id-dħul f'Ġibiltà biss bl-adozzjoni tal-ITA 2010.

243 Issa, f'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif osservat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, l-Artikolu 6(1)(e) tal-ITA 1952, li tħassar mill-ITA 2010, kien jelenka espressament id-dħul iġġenerat minn royalties fost il-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà. Dan id-dħul kien għalhekk suġġett għat-taxxa fuq id-dħul f'Ġibiltà sad-dħul fis-seħħ tal-ITA 2010, fl-1 ta' Jannar 2011.

244 L-argumenti tar-rikorrenti li l-kelma "royalties", imsemmija fl-Artikolu 6(1)(e) tal-ITA 1952, kienet tkopri esklużivament id-dħul iġġenerat minn royalties rċevut minn proprjetajiet immobbli u kienet tirreferi għar-royalties li jirriżultaw mill-estrazzjoni minerarja ma jistgħux jintlaqgħu.

245 Minn naħa, l-analiżi tar-rikorrenti tikkontradixxi l-informazzjoni kkomunikata mill-awtoritajiet tar-Renju Unit waqt il-proċedura amministrattiva. Fil-fatt, huma espressament affermaw, diversi drabi u, b'mod partikolari, fl-osservazzjonijiet tagħhom tal-14 ta' Settembru u tat-3 ta' Diċembru 2012, li, "qabel l-adozzjoni tal-[ITA 2010], id-[dħul iġġenerat minn royalties] kien taxxabbli u ma kienx jagħti lok għal dħul fiskali sinjifikattiv", raġuni li għaliha dan kien ġie eskluż mit-tassazzjoni permezz tal-Liġi tal-2010. Mill-kuntest ta' dawn l-osservazzjonijiet jirriżulta li l-awtoritajiet tar-Renju Unit tassew kienu qegħdin jirreferu għar-royalties ta' proprjetà intellettwali u mhux għar-royalties marbuta mal-estrazzjoni minerarja.

246 Barra minn hekk, hekk kif issostni l-Kummissjoni, l-awtoritajiet tar-Renju Unit u ta' Ġibiltà ma kkontestawx l-analiżi tagħha tal-ITA 1952 inkluża fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura. Issa, hekk kif jirriżulta mill-punt 106 iktar 'il fuq, fl-assenza ta' informazzjoni ta' natura li tikkontesta l-interpretazzjoni tad-dritt fiskali nazzjonali mogħtija fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni ma setgħetx teżamina, b'mod preżuntiv, l-argumenti kollha li setgħu potenzjalment jikkontestaw l-imsemmija interpretazzjoni, li, barra minn hekk, kienet ibbażata direttament fuq informazzjoni li toriġina mill-Istat Membru kkonċernat, li setgħet titqies bħala suffiċjentement affidabbli u kredibbli.

247 Min-naħa l-oħra, l-argumenti li jinsabu fir-rapport ta' perizja, anness mar-replika, ma jippermettux li tiġi kkontestata l-konstatazzjoni li d-dħul iġġenerat minn royalties ta' proprjetà intellettwali kien suġġett għat-taxxa fuq id-dħul taħt l-Artikolu 6(1)(e) tal-ITA 1952. Fil-fatt, għalkemm il-kelma "royalties" kienet iddaħħlet, fl-Artikolu 6(1)(e) tal-ITA 1952, bejn il-kliem "kirjiet" (rents), "primjums" (premium) u "profitti oħra li jirriżultaw minn proprjetajiet", mill-formulazzjoni ta' dan l-artikolu ma jirriżultax li dawn il-kategoriji kollha ta' dħul kienu relatati ma' proprjetajiet immobbli. Fil-fatt, il-kelma "proprjetà" (property) setgħet tirreferi kemm għal proprjetajiet immobbli kif ukoll għal kull forma oħra ta' proprjetà, inkluż intellettwali.

248 Barra minn hekk, sa fejn ir-rapport ta' perizja huwa bbażat fuq il-ġurisprudenza tal-JCPC dwar l-interpretazzjoni tad-dritt applikabbli f'ex kolonji kkaratterizzati mir-rikkezza minerali tagħhom, għandu jiġi rrilevat, hekk kif għamlet il-Kummissjoni, li huwa inkoerenti li tiġi applikata tali ġurisprudenza, b'analoġija, għas-sitwazzjoni ta' Ġibiltà, li t-territorju tagħha huwa nieqes minn tali karatteristiċi, sabiex jiġi konkluż li l-kelma "royalties", fis-sens tal-Artikolu 6(1)(e) tal-ITA 1952 tirreferi biss għar-royalties ta' estrazzjonijiet minerarji.

249 Għaldaqstant, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni qieset b'mod korrett li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien ġie introdott bl-adozzjoni tal-ITA 2010. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta kklassifikat dan in-nuqqas ta' tassazzjoni bħala miżura ta' għajnuna ġdida u illegali.

250 Konsegwentement, it-tieni lment għandu jiġi miċħud u, għaldaqstant, il-ħames motiv intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi miċħud.

251 Għaldaqstant ir-rikors għandu jiġi miċħud inkwantu dan huwa intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata dwar in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kif ukoll tal-ordni ta' rkupru marbuta ma' din il-miżura.

## C. Fuq it-tieni parti tar-rikors, intiża għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat individwali mogħtija lil MJN GibCo kif ukoll tal-ordni ta' rkupru marbuta ma' din il-miżura

252 It-tieni parti tar-rikors hija intiża għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, li skontu l-Kummissjoni kkonstatat li l-għajnuna mill-Istat individwali mogħtija abbażi ta' ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati, mogħtija lil ħames kumpanniji stabbiliti f'Ġibiltà, li għandhom sehem f'CV Olandiżi u li jirċievu dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties ta' proprjetà intellettwali, kienet illegali u inkompatibbli mas-suq intern. Id-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 tagħmel parti mill-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati msemmija fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata.

253 Hekk kif jirriżulta mill-punt 40 iktar 'il fuq, dan ir-rikors huwa intiż għall-annullament tal-Artikoli 2 u 5 tad-deċiżjoni kkontestata biss inkwantu dawn jirrigwardaw is-sitwazzjoni ta' MJN GibCo.

254 Insostenn tat-talbiet tagħhom għall-annullament tal-Artikolu 2 kif ukoll tal-Artikolu 5(1) u (2) tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti jqajmu erba' motivi.

– l-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 108(2) TFUE u tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 659/1999, inkwantu l-Kummissjoni naqset milli tagħti biżżejjed informazzjoni fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar is-suġġett ta' din il-proċedura (Taqsima A tat-tieni parti tar-rikors];

– it-tieni u t-tielet motiv huma bbażati fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE u fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fir-rigward tat-tifsira u tal-effetti tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 kif ukoll fir-rigward tal-klassifikazzjoni tagħha bħala miżura ta' għajnuna individwali (Taqsima B u Taqsima C tat-tieni parti tar-rikors);

– ir-raba' motiv huwa bbażat fuq użu ħażin ta' poter, inkwantu l-Kummissjoni rrikorriet għall-proċedura ta' stħarriġ tal-għajnuna mill-Istat sabiex tikkontesta l-użu ta' CV fl-istrutturi

tal-gruppi multinazzjonali flimkien mal-prinċipju territorjali ta' tassazzjoni [Taqsima D) tar-raba' parti tar-rikors).

### *1. Kunsiderazzjonijiet preliminari dwar il-portata tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata*

255 L-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata jipprovdi li "[l]-għajnuniet mill-Istat individwali mogħtija mill-Gvern ta' Ġibiltà, fuq il-bażi ta[l-ħames] deċiżjonijiet tat-taxxa lil ħames kumpaniji f'Ġibiltà b'interessi [f'CV] Netherlandiżi [...] li jirċievu introjtu [ġġenerat] minn royalties u [minn] imgħax passiv, li ddaħħlu fis-seħħ mir-Renju Unit fi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, huma inkompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat". F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 hija waħda mill-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati inkwistjoni.

256 Permezz tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, inkwantu din iddeċidiet li d-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 kienet tikkostitwixxi għajnuna individwali mogħtija lil MJN GibCo, kemm għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2013 kif ukoll għall-perijodu sussegwenti għal din id-data. B'mod partikolari, mit-tweġibiet tar-rikorrenti għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li huma qiesu li l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata kien jipprovdi li, għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2013, kienet ingħatatilhom għajnuna individwali abbażi tal-iskema ta' għajnuna identifikata fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija deċiżjoni. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni ppreċiżat, bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, li l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata kien jirrigwarda biss il-perijodu sussegwenti għall-31 ta' Diċembru 2013.

257 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata jirreferix biss għall-miżura ta' għajnuna individwali *ad hoc* mogħtija abbażi tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 għall-perijodu sussegwenti għall-31 ta' Diċembr 2013 jew jekk din il-parti tad-dispożittiv għandhiex tiġi interpretata bħala li tikkonstata wkoll li, għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2013, MJN GibCo bbenefikat minn miżura ta' għajnuna individwali, b'applikazzjoni tal-iskema ta' għajnuna prevista fl-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata.

258 L-ewwel, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 1(e) tar-Regolament Nru 659/1999, għajnuna li ma tingħatax fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna, jew li tingħata fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna iżda li għandha tiġi nnotifikata, tikkostitwixxi "għajnuna individwali".

259 Għalhekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat ma tistax tiġi interpretata bħala li tirrigwarda kemm skema ta' għajnuna kif ukoll id-deċiżjonijiet individwali li jimplimentaw din l-iskema, u dan minkejja l-fatt li l-Kummissjoni tkun iddeċidiet, fil-motivi u fid-dispożittiv tal-imsemmija deċiżjoni, dwar l-għajnuna individwalment mogħtija lil ċerti benefiċjarji, imsemmija b'isimhom, filwaqt li tindika li din l-għajnuna kellha titqies bħala illegali u inkompatibbli mas-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Futbol Club Barcelona, C-362/19 P, EU:C:2021:169, punti 70 sa 77).

260 F'dan il-każ, minn naħa, mill-premessi 183 u 196 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni ppreċiżat li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties mogħtija lill-benefiċjarji tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 kien jikkostitwixxi, għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2013, għajnuna mill-Istat mogħtija abbażi tal-iskema ta' għajnuna li kienet ġiet eżaminata fit-Taqsima 7 tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, id-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 kienet tirrigwarda "skema ta' għajnuna" fis-sens tal-Artikolu 1(d) tar-Regolament Nru 659/1999,

u mhux miżura individwali, peress li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties seta' jibbenefika, minħabba s-sempliċi nuqqas ta' inklużjoni ta' dan id-dħul fost il-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010, kull impriża f'Ġibiltà li tirċievi tali dħul, iddefinit b'mod ġenerali u astratt, għal perijodu u ammont indeterminati, u dan mingħajr il-ħtieġa li jittieħdu miżuri ta' applikazzjoni addizzjonali u mingħajr ma dawn id-dispożizzjonijiet ikunu marbuta mat-twettiq ta' proġett speċifiku. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li d-dispożizzjonijiet fiskali li jippermettu lill-kumpanniji li jirċievu dħul iġġenerat minn royalties jibbenefikaw min-nuqqas ta' tassazzjoni tal-imsemmi dħul kienu inklużi f'miżura ta' portata ġenerali, jiġifieri l-ITA 2010, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2013.

261 Min-naħa l-oħra, fil-premessa 183 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ppreċiżat li, fir-rigward tal-perijodu sat-30 ta' Ġunju 2013 u sal-31 ta' Diċembru 2013 rispettivament, il-parti tal-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati li tirrigwarda l-eżenzjoni tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties kienet biss tikkonferma l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fiskali applikabbli dak iż-żmien, jiġifieri li dan id-dħul ma kienx taxxabbli f'Ġibiltà Issa, f'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li miżuri individwali li sempliċement jimplimentaw skema ta' għajnuna li, bħala tali, kellha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni mill-Istat Membru kkonċernat jikkostitwixxu sempliċi miżuri ta' implimentazzjoni tal-iskema ġenerali, li ma għandhomx, bħala prinċipju, jiġu nnotifikati lil din l-istituzzjoni. B'hekk tali miżura ma tikkostitwixxix "għajnuna individwali", fis-sens tal-Artikolu 1(e) tar-Regolament Nru 659/1999.

262 It-tieni, għandu jitfakkar li, fil-każ ta' skema ta' għajnuna, għandha ssir distinzjoni bejn l-adozzjoni tal-iskema, minn naħa, u l-għoti ta' għajnuna abbażi tal-imsemmija skema, min-naħa l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Club Barcelona, C-362/19 P, EU:C:2021:169, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

263 Fil-fatt, fil-każ speċifiku ta' skema ta' għajnuna, il-Kummissjoni tista' tillimita ruħha teżamina l-karatteristiċi tal-iskema inkwistjoni sabiex tevalwa, fil-motivi tad-deċiżjoni, jekk, minħabba l-modalitajiet previsti minn din l-iskema, din tal-aħħar tagħtix vantaġġ lill-benefiċjarji tal-għajnuna mogħtija fil-kuntest tagħha meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom u jekk hijiex ta' natura li tagħti vantaġġ lil impriżi li jipparteċipaw fil-kummerċ bejn l-Istati Membri. Għaldaqstant, il-Kummissjoni, f'deċiżjoni li tirrigwarda tali skema, ma hijiex meħtieġa twettaq analiżi tal-għajnuna mogħtija f'kull każ individwali abbażi ta' tali skema. Huwa biss fl-istadju tal-irkupru tal-għajnuna li jkun neċessarju li tiġi vverifikata s-sitwazzjoni individwali ta' kull impriża kkonċernata (sentenzi tad-9 ta' Ġunju 2011, Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P, EU:C:2011:368, punt 63; tat-13 ta' Ġunju 2013, HGA *et* vs Il-Kummissjoni, C-630/11 P sa C-633/11 P, EU:C:2013:387, punt 114; u tad-29 ta' Lulju 2019, Azienda Napoletana Mobilità, C-659/17, EU:C:2019:633, punt 27).

264 Minn dan isegwi li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-eżistenza tal-vantaġġ, il-Kummissjoni kellha teżamina esklużivament, fid-deċiżjoni kkontestata, l-"iskema ta' għajnuna", fis-sens tal-Artikolu 1(d) tar-Regolament 659/1999, kif identifikata fl-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, u mhux l-għajnuna mogħtija abbażi u b'applikazzjoni awtomatika ta' din l-iskema. F'dan il-kuntest, ġie deċiż li l-fatt li l-motivi u d-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata kienu identifikaw direttament destinatarji potenzjali tad-deċiżjoni kkontestata kien irrilevanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Fútbol Club Barcelona, C-362/19 P, EU:C:2021:169, punti 70, 71, 74, 75 u 86).

265 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx tinkludi analiżi ddettaljata tas-sitwazzjoni ta' MJN GibCo, sabiex jiġi vverifikat jekk din kinitx effettivament ibbenefikat minn vantaġġ b'applikazzjoni tal-iskema ta' għajnuna prevista fl-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, iżda llimitat ruħha, fil-premessi 183 u 196 tagħha, tirreferi għall-analiżi tal-iskema ta' għajnuna li kienet saret fit-Taqsima 7 tagħha.

266 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, peress li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kien jikkostitwixxi skema ta' għajnuna inkompatibbli u illegali, l-Artikolu 2 tagħha ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jikkonstata, għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2013, li miżura ta' għajnuna individwali kienet ingħatat lil MJN GibCo b'applikazzjoni ta' din l-iskema, u dan indipendentement mill-fatt li l-motivi tad-deċiżjoni kkontestata kienu jidentifikaw lil MJN GibCo bħala benefiċjarja potenzjali tal-iskema inkwistjoni. Fil-fatt, il-kwistjoni tal-identifikazzjoni ta' MJN GibCo u tar-rikorrenti bħala benefiċjarji effettivi tal-iskema ta' għajnuna kienet tirrigwarda biss l-istadju tal-irkupru tal-għajnuna.

267 Konsegwentement, għandu jitqies li l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata jirreferi biss għall-miżuri ta' għajnuna mogħtija abbażi tal-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati, u mhux għall-għajnuna implimentata abbażi tal-iskema ta' għajnuna prevista fl-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, u għalhekk ikopri biss il-perijodu sussegwenti għall-31 ta' Diċembru 2013.

268 Għaldaqstant, l-argumenti tar-rikorrenti intiżi li jikkontestaw l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata inkwantu dan kien jirrigwarda miżuri ta' għajnuna individwali mogħtija abbażi tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2013, għandhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi.

### *2. Fuq il-motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 108(2) TFUE u tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 659/1999 (l-ewwel motiv intiż għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata)*

269 Permezz tal-ewwel motiv tagħhom intiż għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni ma ssodisfatx, fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, ir-rekwiżit, li jirriżulta mill-Artikolu 108(2) TFUE u mill-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 659/1999, li tiġbor fil-qosor il-punti rilevanti ta' fatt u ta' liġi kif ukoll li tinkludi evalwazzjoni provviżorja intiża li tiddetermina jekk il-miżura eżaminata fl-imsemmija deċiżjoni kellhiex in-natura ta' għajnuna u li tindika r-raġunijiet li wassluha sabiex tiddubita l-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern. Huma jfakkru li deċiżjoni ta' ftuħ, jew ta' estensjoni, tal-proċedura ta' investigazzjoni formali għandha tippermetti lill-partijiet interessati jipparteċipaw b'mod utli fil-proċedura u jwieġbu għall-konklużjonijiet preliminari tal-Kummissjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni hija meħtieġa tiddefinixxi b'mod suffiċjenti l-kuntest tal-investigazzjoni tagħha sabiex id-dritt tal-partijiet interessati li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom ma jiġix miċħud mill-kontenut tiegħu u ma tistax tadotta deċiżjoni finali fuq kwistjonijiet li ma jkunux ġew indirizzati fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura. Issa, f'dan il-każ, id-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura ma kinitx inkludiet informazzjoni li tippermettilhom jantiċipaw l-evalwazzjonijiet, inklużi fid-deċiżjoni kkontestata, li d-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat individwali għall-perijodu sussegwenti għall-31 ta' Diċembru 2013.

270 L-ewwel, ir-rikorrenti jsostnu li r-raġunament adottat mill-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, dwar il-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati, fosthom id-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, kien ibbażat fuq bażi totalment differenti minn dik identifikata fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura. Fil-fehma tagħhom, il-Kummissjoni kienet indirizzat il-kwistjoni tal-ħlas tad-dħul iġġenerat minn royalties permezz ta' strutturi bbażati fuq gruppi ta' kumpanniji li jinkludu CV, kif ukoll l-istruttura tal-grupp MJN, għall-ewwel darba fid-deċiżjoni kkontestata, u xejn ma kien jippermettilhom jipprevedu, mill-qari tad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, li l-Kummissjoni kienet ser teżamina dawn il-kwistjonijiet. L-uniku tħassib relatat mat-tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties, identifikat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, kien jinsab fil-fatt li deċiżjonijiet fiskali antiċipati kienu ngħataw lil kumpanniji ta' Ġibiltà mingħajr ma l-awtoritajiet tat-taxxa ta' dan it-territorju kienu vverifikaw il-post li fih kien jinsab l-utent tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Issa, sa fejn mit-talba tagħhom għal deċiżjoni fiskali antiċipata kien ċar li l-utent tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kien jinsab barra minn Ġibiltà, ir-rikorrenti ma qisux li kien utli li jippreżentaw osservazzjonijiet lill-Kummissjoni, u dan minkejja li d-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 kienet annessa mad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura.

271 It-tieni, skont ir-rikorrenti, mid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura ma kienx jirriżulta b'mod ċar li l-investigazzjoni tal-Kummissjoni kien jirrigwarda mhux biss il-prattika tad-deċiżjonijiet fiskali antiċipati, bħala skema ta' għajnuna, iżda wkoll deċiżjonijiet fiskali antiċipati meħuda individwalment, barra mill-applikazzjoni ta' din l-iskema. Il-fatt li l-Kummissjoni kienet identifikat, fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, ċerti aspetti tal-prattika tad-deċiżjonijiet fiskali antiċipati ma tahiex id-dritt li teżamina l-aspetti kollha tal-165 deċiżjoni fiskali antiċipata kollha sabiex tivverifika l-konformità tagħhom mad-dritt fiskali ta' Ġibiltà. Ir-rikorrenti jżidu li, mill-qari tad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, l-unika raġuni li għaliha l-Kummissjoni setgħet teżamina l-kwistjoni tat-tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties fil-kuntest ta' strutturi ta' CV kienet il-kwistjoni tal-post ta' stabbiliment tal-utenti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

272 It-tielet, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni ma indikatx li hija kienet qiegħda testendi l-investigazzjoni tagħha għal għajnuna individwali li kienet potenzjalment ingħatat wara l-31 ta' Diċembru 2013. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jenfasizzaw li d-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 ma kinitx baqgħet fis-seħħ wara dik id-data, sa fejn din kienet ġiet issostitwita bid-deċiżjoni fiskali antiċipata tal-2014.

273 Ir-raba', ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni kienet immodifikat l-analiżi tagħha tas-selettività bejn l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura u dik tad-deċiżjoni kkontestata. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qabblet il-benefiċjarji tal-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati mhux biss mal-impriżi multinazzjonali, iżda wkoll mal-kumpanniji kontribwenti l-oħra kollha f'Ġibiltà, inklużi l-kumpanniji li jappartjenu lil gruppi multinazzjonali, il-benefiċjarji tad-deċiżjonijiet fiskali antiċipati l-oħra u l-kumpanniji nazzjonali.

274 Skont ir-rikorrenti, dawn in-nuqqasijiet ċaħduhom mill-possibbiltà li jippreżentaw b'mod effettiv l-osservazzjonijiet tagħhom matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżistenza tad-DFA tal-2014 li ssostitwixxiet lil dik tal-2012.

275 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

276 Essenzjalment, hija ssostni li d-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura kien fiha biżżejjed informazzjoni dwar l-għan tal-proċedura ta' investigazzjoni u kienet tiddefinixxi b'mod suffiċjenti l-miżura ta' għajnuna individwali li tirriżulta mid-DFA ta' MJN GibCo tal-2012.

277 L-ewwel, il-Kummissjoni tindika li d-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura kienet tirreferi espressament għad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, li kienet tinkludi deskrizzjoni tal-istruttura tal-grupp u kienet tirreferi espressament għal MJN US, MJ BV u Mead Johnson Nutrition (Asia Pacific). MJN GibCo u r-rikorrenti kienu għalhekk neċessarjament informati bil-fatt li hija kienet fetħet proċedura ta' investigazzjoni fir-rigward tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 u li din il-proċedura kienet tirrigwarda entitajiet oħra tal-grupp MJN minbarra MJN GibCo. Barra minn hekk, fir-rigward tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2014, il-Kummissjoni tenfasizza li din ma ġietx sottomessa lilha mill-awtoritajiet tar-Renju Unit u li, fi kwalunkwe każ, din id-DFA ma kienitx tikkontradixxi d-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, u lanqas ma kienet tipprevali fuqha, inkwantu din kienet tittratta s-sitwazzjoni fiskali ta' entità differenti, jiġifieri MJT CV. Il-Kummissjoni żżid li r-rapport ta' awditu tas-16 ta' Diċembru 2015, redatt mid-Dipartiment tat-Taxxa ta' Ġibiltà wara awditu eżawrjenti tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, kien effettivament jikkonferma li l-imsemmija DFA kienet għadha applikabbli fl-2015.

278 It-tieni, il-Kummissjoni tqis li d-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura kienet ċara u preċiża fir-rigward tan-natura u s-sors tal-għajnuna potenzjali, jiġifieri s-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-awtoritajiet tat-taxxa ta' Ġibiltà u l-eventwali applikazzjoni żbaljata tad-dispożizzjonijiet fiskali minnhom. Hija tippreċiża li l-portata tad-dubji tagħha u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' investigazzjoni kienu jirriżultaw b'mod ċar mill-premessa 52 tad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proċedura ma kienx limitat għall-eżempji identifikati fil-premessi 32 u 53 ta' din l-aħħar deċiżjoni. Il-Kummissjoni tispjega li, fid-dawl tal-għan tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, ir-rikorrenti ma kellu jkollhom ebda dubju dwar il-fatt li hija kienet imħassba mid-dħul iġġenerat minn royalties u rċevut minn MJN GibCo minħabba l-parteċipazzjoni tagħha f'MJT CV.

279 It-tielet, il-Kummissjoni ssostni li xejn fid-deċiżjoni kkontestata ma kien jindika li l-għan tal-proċedura ta' investigazzjoni formali kien limitat għall-perijodu preċedenti għad-dħul fis-seħħ tal-emendi tal-2013.

280 Ir-raba', hija tqis li mill-premessa 68 tad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura kien jirriżulta b'mod ċar li l-proċedura ta' investigazzjoni formali ma kienitx tirrigwarda biss l-eventwali skema ta' għajnuna li tirriżulta minn prattika rikorrenti, iżda wkoll il-165 każ individwali ta' deċiżjonijiet fiskali antiċipati.

281 Il-ħames, bi tweġiba għall-argumenti li hija mmodifikat l-evalwazzjoni tagħha tas-selettività bejn l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura u dik tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tallega li hija libera li tevolvi l-evalwazzjoni tagħha bejn id-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura u d-deċiżjoni finali.

282 Essenzjalment, permezz tal-ewwel motiv, intiż għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 659/1999 kif ukoll id-dritt tagħhom li jiġu assoċjati mal-proċedura ta' investigazzjoni formali, billi adottat, fid-deċiżjoni kkontestata, analiżi tad-DFA ta' MJN GibCo

tal-2012 differenti minn dik inkluża fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura. Għaldaqstant, huma ma kinux f'pożizzjoni li jsostnu b'mod utli l-osservazzjonijiet tagħhom matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali.

283 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) TFUE, meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, hija meħtieġa ssejjaħ lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

284 Hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) TFUE huwa intiż, minn naħa, li jobbliga lill-Kummissjoni tiżgura li l-persuni kollha li jkunu potenzjalment interessati jiġu avżati u jingħataw l-opportunità li jsostnu l-argumenti tagħhom u, min-naħa l-oħra, li jippermetti li l-Kummissjoni tkun kompletament informata bil-fatti kollha tal-każ qabel ma tieħu d-deċiżjoni tagħha (sentenza tal-25 ta' Ġunju 1998, British Airways *et* vs Il-Kummissjoni, T-371/94 u T-394/94, EU:T:1998:140, punt 58).

285 L-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999, bit-titolu "Proċedura ta' investigazzjoni formali", jipprevedi li d-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali għandha tiġbor fil-qosor il-punti rilevanti ta' fatt u ta' liġi, għandha tinkludi evalwazzjoni preliminari mill-Kummissjoni tal-miżura proposta intiża li jiġi ddeterminat jekk din tikkostitwixxix għajnuna, għandha tindika r-raġunijiet li jwasslu sabiex tiġi ddubitata l-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern u għandha tistieden lill-Istat Membru kkonċernat u lill-partijiet interessati l-oħra jissottomettu l-kummenti tagħhom f'terminu determinat.

286 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li l-ġurisprudenza tirrikonoxxi lill-partijiet interessati essenzjalment ir-rwol ta' sorsi ta' informazzjoni għall-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva mibdija skont l-Artikolu 108(2) TFUE. Minn dan isegwi li l-partijiet interessati, mhux talli ma jistgħux jinvokaw id-drittijiet tad-difiża rrikonoxxuti lill-persuni li fil-konfront tagħhom tkun qiegħda tinfetaħ proċedura, iżda għandhom biss id-dritt li jiġu assoċjati mal-proċedura amministrattiva sa fejn dan ikun xieraq fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni (sentenzi tal-25 ta' Ġunju 1998, British Airways *et* vs Il-Kummissjoni, T-371/94 u T-394/94, EU:T:1998:140, punti 59 u 60, u tat-30 ta' Novembru 2009, Franza u France Télécom vs Il-Kummissjoni, T-427/04 u T-17/05, EU:T:2009:474, punt 147). B'mod partikolari, id-dritt għal informazzjoni tal-partijiet interessati ma jistax jiġi estiż għad-dritt ġenerali ta' espressjoni fuq il-punti kollha potenzjalment importanti mqajma matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali (sentenza tat-30 ta' Novembru 2009, Franza u France Télécom vs Il-Kummissjoni, T-427/04 u T-17/05, EU:T:2009:474, punt 149).

287 Għalkemm il-Kummissjoni ma tistax tkun meħtieġa tippreżenta analiżi definittiva fir-rigward tal-għajnuna inkwistjoni fil-kommunikazzjoni tagħha dwar il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, huwa neċessarju li hija tiddefinixxi b'mod suffiċjenti l-kuntest tal-investigazzjoni tagħha sabiex ma ttellifx is-sens tad-dritt tal-partijiet interessati li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom (ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2018, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni, T-356/15, EU:T:2018:439, punt 703 u l-ġurisprudenza ċċitata).

288 Għaldaqstant, id-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali għandha tippermetti lill-partijiet interessati jipparteċipaw b'mod effettiv fl-imsemmija proċedura li matulha huma jkollhom il-possibbiltà li jsostnu l-argumenti tagħhom. Għal dan il-għan, huwa biżżejjed li l-partijiet interessati jkunu jafu bir-raġunament li jkun wassal lill-Kummissjoni tqis b'mod

provviżorju li l-miżura inkwistjoni setgħet tikkostitwixxi għajnuna ġdida inkompatibbli mas-suq intern (ara s-sentenza tat-13 ta’ Diċembru 2018, Ryanair u Airport Marketing Services vs Il-Kummissjoni, T-165/15, EU:T:2018:953, punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

289 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li kull diverġenza bejn id-deċiżjoni ta’ ftuħ tal-proċedura ta’ investigazzjoni formali u d-deċiżjoni finali ma tistax titqies fiha nnifisha li tikkostitwixxi difett li jivvizzja l-legalità ta’ din tal-aħħar. Hija biss modifika li taffettwa n-natura tal-miżuri inkwistjoni li tista’ tiskatta obbligu għall-Kummissjoni li tinforma mill-ġdid lill-partijiet interessati (sentenza tat-12 ta’ Lulju 2018, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni, T-356/15, EU:T:2018:439, punt 727). Għaldaqstant, meta l-Kummissjoni timmodifika r-raġunament tagħha, wara d-deċiżjoni ta’ ftuħ tal-proċedura ta’ investigazzjoni formali, fuq fatti jew klassifikazzjoni ġuridika ta’ dawn il-fatti li jkunu deċiżivi fl-evalwazzjoni tagħha dwar l-eżistenza ta’ għajnuna jew dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, li hija għandha tirrettifika d-deċiżjoni ta’ ftuħ tal-imsemmija proċedura jew testendiha, sabiex tippermetti lill-partijiet interessati jippreżentaw b’mod effettiv l-osservazzjonijiet tagħhom (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta’ April 2019, UPF vs Il-Kummissjoni, T-747/17, EU:T:2019:271, punt 77).

290 F’dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li l-obbligu tal-Kummissjoni, fl-istadju tad-deċiżjoni ta’ ftuħ tal-proċedura, li tagħti lill-partijiet interessati l-opportunità li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom għandu n-natura ta’ formalità essenzjali (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta’ Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Freistaat Sachsen, C-334/07, EU:C:2008:709, punt 55). B’hekk, il-ksur ta’ tali formalità jwassal għall-annullament tal-att ivvizzjat, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dan il-ksur ikkawżax dannu lill-persuna li tinvokah jew jekk il-proċedura amministrattiva setgħetx twassal għal riżultat differenti (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta’ Frar 2006, Le Levant 001 *et* vs Il-Kummissjoni, T-34/02, EU:T:2006:59, punti 95 sa 99).

291 Konsegwentement, l-obbligu li tiġi rrettifikata jew estiża l-proċedura ta’ investigazzjoni formali, sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, ukoll għandu jkollu n-natura ta’ formalità essenzjali meta l-Kummissjoni tkun immodifikat ir-raġunament tagħha, bejn id-deċiżjoni ta’ ftuħ tal-proċedura u d-deċiżjoni finali, fuq il-bażi ta’ fatti jew ta’ klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti li jkunu deċiżivi fl-evalwazzjoni tagħha dwar l-eżistenza ta’ għajnuna u li jaffettwaw in-natura stess tal-miżura inkwistjoni.

292 Fil-fatt, f’ċirkustanza bħal din, il-modifika fil-pożizzjoni tal-Kummissjoni hija tali li timmodifika s-suġġett u l-portata tal-proċedura ta’ investigazzjoni formali. Issa, il-fatt li l-Kummissjoni tingħata l-possibbiltà li timmodifika, sussegwentement għad-deċiżjoni ta’ ftuħ tal-proċedura ta’ investigazzjoni formali jew, bħal f’dan il-każ, għad-deċiżjoni ta’ estensjoni tal-imsemmija deċiżjoni ta’ ftuħ tal-proċedura, is-suġġett tal-imsemmija proċedura kif ukoll l-elementi l-iktar sostanzjali li abbażi tagħhom hija qieset li l-miżura eżaminata potenzjalment kienet tikkostitwixxi miżura ta’ għajnuna, mingħajr ma tadotta deċiżjoni ta’ rettifika, ikun iċaħħad lill-partijiet interessati mill-possibbiltà li jifformulaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar is-suġġett immodifikat tal-proċedura ta’ investigazzjoni formali. Dan ikun jirrendi bla effett l-obbligu li l-Kummissjoni għandha li tiddefinixxi b’mod suffiċjentement preċiż il-kuntest tal-investigazzjoni tagħha sabiex tippermetti lill-partijiet interessati jipparteċipaw b’mod effettiv fl-imsemmija proċedura, meta huma jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom, u b’hekk li tiddefinixxi b’mod suffiċjenti l-kuntest tal-investigazzjoni tagħha. Hekk kif ġie indikat fil-punt 290 iktar ’il fuq, dan l-obbligu għandu n-natura ta’ formalità essenzjali.

293 Din l-evalwazzjoni ma hijiex ikkontestata mis-sentenza tal-11 ta' Marzu 2020, Il-Kummissjoni vs Gmina Miasto Gdynia u Port Lotniczy Gdynia Kosakowo (C-56/18 P, EU:C:2020:192, punti 76 sa 82), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkritikat lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li d-dritt tal-partijiet interessati li jippreżentaw osservazzjonijiet kellu n-natura ta' formalità sostanzjali mingħajr ma stabbilixxiet li l-proċedura amministrattiva setgħet twassal għal riżultat differenti. Fil-fatt, mill-punti 78 sa 82 tal-imsemmija sentenza jirriżulta li l-konstatazzjoni ta' dan l-iżball kienet iġġustifikata miċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ inkwistjoni, jiġifieri li, anki jekk il-partijiet interessati ma kinux ġew mistiedna jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq l-effett ta' bidla fis-sistema legali li seħħet wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, tali ċirkustanza ma kellhiex in-natura ta' formalità essenzjali, sa fejn l-imsemmija bidla ma setgħetx tibdel is-sens ta' din id-deċiżjoni.

294 Barra minn hekk, hekk kif jirriżulta mill-punt 85 tas-sentenza tal-11 ta' Marzu 2020, Il-Kummissjoni vs Gmina Miasto Gdynia u Port Lotniczy Gdynia Kosakowo (C-56/18 P, EU:C:2020:192), għalkemm, bħala prinċipju, il-modifiki sostanzjali fir-rigward ta' bażi legali li fuqha tkun ibbażata deċiżjoni tal-Kummissjoni jistgħu jinfluwenzaw din id-deċiżjoni, dan ma kien il-każ f'dan il-każ inkwantu d-deċiżjoni inkwistjoni kienet ibbażata, barra minn hekk, fuq bażi legali awtonoma li ma kinitx inbidlet u li kienet biżżejjed sabiex tkun il-bażi tal-imsemmija deċiżjoni. Minn dan jirriżulta li l-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 290 iktar 'il fuq, li skontha l-Kummissjoni għandha tagħti lill-partijiet interessati l-opportunità jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom meta hija tiddeċiedi li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali u li skontha dan l-obbligu għandu n-natura ta' formalità essenzjali, ma hijiex ikkontestata.

295 F'dan il-każ, sabiex tiġi analizzata l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 108(2) TFUE, tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 659/1999 u tal-obbligu, għall-Kummissjoni, li tagħti lill-partijiet interessati l-opportunità jippreżentaw b'mod utli l-osservazzjonijiet tagħhom, hemm lok li jiġi eżaminat jekk l-analiżi inkluża fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura kinitx tinkludi l-elementi deċiżivi li fuqhom il-Kummissjoni bbażat l-evalwazzjoni tagħha, fid-deċiżjoni kkontestata, li d-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, sussegwentement għall-31 ta' Diċembru 2013, kienet tikkostitwixxi miżura ta' għajnuna individwali mogħtija mill-Gvern ta' Ġibiltà u, b'hekk, jekk din kinitx tippermetti li tiġi identifikata n-natura tal-miżura li kienet is-suġġett tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata.

296 Għal dan il-għan, qabel kollox għandhom jiġu eżaminati l-elementi deċiżivi tar-raġunament li wassal lill-Kummissjoni tqis b'mod partikolari, fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, li, sussegwentement għall-31 ta' Diċembru 2013, l-effetti prodotti mid-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat individwali.

297 L-ewwel, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata kien jirrigwarda "[l]-għajnuniet mill-Istat individwali mogħtija mill-Gvern ta' Ġibiltà, fuq il-bażi ta[l-ħames] deċiżjonijiet tat-taxxa lil ħames kumpaniji f'Ġibiltà b'interessi [f'CV] Netherlandiżi [...] li jirċievu introjtu [ġġenerat] minn royalties u [minn] imgħax passiv". Barra minn hekk, fit-Taqsima 12, bit-titolu "Konklużjoni", u, b'mod iktar preċiż, fil-premessa 246 ta' din l-istess deċiżjoni, ġie ppreċiżat li kien "[i]t-trattament tat-taxxa mogħti mill-Gvern ta' Ġibiltà, fuq il-bażi ta]l-ħames] deċiżjonijiet tat-taxxa favur ħames kumpaniji f'Ġibiltà b'interessi f['CV] Netherlandiżi [...] li jirċievu introjtu minn royalties u imgħax passiv" li kien jikkostitwixxi miżuri ta' għajnuna individwali.

298 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni indikat, fil-premessa 152 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati, fosthom id-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, kienu "baqgħu fis-seħħ u ma [kinux ġew] revokati mill-awtoritajiet tat-taxxa la bħala riżultat tal-emendi għall-[ITA] tal-2010 fl-2013 li daħħlu [d-dħul iġġenerat mil]l-imgħax u [mi]r-royalties fil-kamp ta' applikazzjoni tat-taxxa, u lanqas bħala riżultat tal-awditi mwettqa fl-2015".

299 Bl-istess mod, fil-premessi 180, 182 u 184 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni spjegat li, għalkemm kien minnu li, fil-mument tal-għoti tal-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati u, għalhekk, tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, dawn kienu konformi mad-dispożizzjonijiet fiskali applikabbli, mill-1 ta' Lulju 2013 u mill-1 ta' Jannar 2014 rispettivament id-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties kien issa inkluż fil-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010. Għalhekk, hija kkonstatat li l-awtoritajiet tat-taxxa ta' Ġibiltà kienu estendew l-eżistenza tas-sistema ta' nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties billi awtorizzaw lill-benefiċjarji tal-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati, fosthom MJN GibCo, jibbenefikaw minn dawn id-deċiżjonijiet wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi tal-2013 tal-ITA 2010. Għandu jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni kkonstatat, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 92 u fil-premessa 152 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati kienu baqgħu fis-seħħ tal-inqas sal-2015, data li fiha twettaq awditu mill-awtoritajiet tat-taxxa ta' Ġibiltà.

300 Minn dawn l-elementi jirriżulta li ma kinitx id-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 bħala tali, u lanqas l-adozzjoni tagħha, iżda t-trattament fiskali mogħti lil MJN GibCo mill-awtoritajiet tat-taxxa ta' Ġibiltà "fuq il-bażi" ta' din id-deċiżjoni fiskali antiċipata li tikkonferma n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul mir-royalties u, b'mod iktar partikolari, iż-żamma ta' din id-deċiżjoni wara l-31 ta' Diċembru 2013 li kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat individwali, fatt li l-Kummissjoni kkonfermat waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali.

301 It-tieni, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni kkonċentrat l-analiżi tagħha tal-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati u, b'hekk, tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 fuq l-istruttura, imsemmija fit-talbiet għal deċiżjonijiet fiskali antiċipati, ikkaratterizzata mill-preżenza ta' CV Olandiża li għandha d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u minn kumpanniji msieħba stabbiliti f'Ġibiltà, li għandhom l-ishma fiċ-CV, kif ukoll fuq in-natura trasparenti taċ-CV Olandiżi għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-ITA 2010 (premessi 159 sa 153 tad-deċiżjoni kkontestata). B'mod partikolari, il-Kummissjoni qieset li, skont il-komunikazzjonijiet tal-awtoritajiet tar-Renju Unit, kien jidher li, fl-assenza ta' regoli speċifiċi fl-ITA 2010, Ġibiltà kienet tapplika l-prinċipji tal-common law u kienet tqis liċ-CV Olandiżi bħala entitajiet trasparenti, b'mod li s-sehem korrispondenti tad-dħul rċevut miċ-CV kellu jitqies bħala direttament rċevut mill-kumpanniji ta' Ġibiltà li għandhom is-sehem fiċ-CV (premessa 155 tad-deċiżjoni kkontestata). Hija kkonkludiet, fil-premessi 161 u 162 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ishma ta' kull waħda mill-ħames kumpanniji stabbiliti f'Ġibiltà li kienu benefiċjarji tal-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati, fosthom MJN GibCo, fl-ammont tal-profitti magħmula fil-livell taċ-CV Olandiżi kellhom jiġu integrati fil-bażi taxxabbli ta' dawn il-ħames impriżi u ntaxxati f'Ġibiltà.

302 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-raġunament li abbażi tiegħu l-Kummissjoni qieset li ż-żamma tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 kienet tikkostitwixxi miżura ta' għajnuna individwali kien essenzjalment ibbażat fuq il-fatt li din id-deċiżjoni fiskali antiċipata kienet tirrigwarda struttura ta' grupp li tinvolvi CV Olandiża, jiġifieri MJT CV, u sieħeb stabbilit f'Ġibiltà, jiġifieri MJN GibCo, kif ukoll fuq il-kwistjoni dwar jekk MJT CV kinitx tikkostitwixxi entità fiskalment trasparenti, b'tali mod li d-dħul iġġenerat minn royalties li hija kienet tirċievi

kellu jiġi direttament intaxxat fir-rigward ta' MJN GibCo, daqslikieku dan id-dħul kien rċevut direttament minn din tal-aħħar. Fil-fatt, il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' vantaġġ selettiv kienet ibbażata fuq il-konstatazzjoni li, skont id-dritt fiskali ta' Ġibiltà, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014, il-kumpanniji msieħba kellhom normalment ikunu suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul tal-kumpanniji f'Ġibiltà sas-sehem tagħhom fil-profitti taċ-CV Olandiża.

303 Dawn l-elementi differenti kienu għalhekk deċiżivi fl-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, li fuqha huwa bbażat l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, li skontha, sussegwentement għall-31 ta' Diċembru 2013, iż-żamma tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 kellha n-natura ta' għajnuna mill-Istat individwali mogħtija mill-Gvern ta' Ġibiltà.

304 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi eżaminat jekk id-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura kinitx tinkludi biżżejjed informazzjoni, dwar in-natura tal-għajnuna mill-Istat individwali mogħtija lil MJN GibCo, sussegwentement għall-31 ta' Diċembru 2013, permezz tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, kif imsemmija fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tadotta l-imsemmija deċiżjoni mingħajr ma tikser id-dritt tal-partijiet interessati li jissottomettu b'mod utli l-osservazzjonijiet tagħhom, skont l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 659/1999.

305 Ċertament, hekk kif issostni l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, hija identifikat id-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 bħala li potenzjalment tista' tikkostitwixxi miżura ta' għajnuna individwali. Bl-istess mod, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, il-Kummissjoni ma llimitatx il-proċedura ta' investigazzjoni formali għall-analiżi tal-prattika tad-deċiżjonijiet fiskali antiċipati bħala skema ta' għajnuna potenzjali.

306 Fil-fatt, mill-premessi 62 u 69 tad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura u mill-parti "Konklużjonijiet" ta' din id-deċiżjoni jirriżulta b'mod ċar li l-estensjoni tal-proċedura ta' investigazzjoni formali kienet tirrigwarda mhux biss il-prattika tad-deċiżjonijiet fiskali antiċipati, iżda wkoll il-165 deċiżjoni fiskali antiċipata meħuda individwalment, li setgħu, kull waħda minnhom potenzjalment, jikkostitwixxu miżura ta' għajnuna individwali. Peress li d-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 kienet inkluża fil-lista tal-165 deċiżjoni fiskali antiċipata, annessa mad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, din kienet tifforma parti mis-suġġett tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, inkwantu miżura potenzjali ta' għajnuna individwali.

307 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-elementi meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, sabiex tikkonkludi li għajnuna individwali kienet ingħatat abbażi tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, hekk kif identifikati fil-punti 297 sa 303 iktar 'il fuq, kienu differenti mill-evalwazzjoni provviżorja tal-effetti prodotti mid-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, sussegwentement għall-31 ta' Diċembru 2013, li tinsab fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura.

308 L-ewwel, l-analiżi inkluża fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura kienet prinċipalment tiffoka fuq l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet fiskali antiċipati u fuq l-assenza ta' verifika li l-kundizzjonijiet deskritti fit-talbiet għal deċiżjonijiet fiskali antiċipati kienu effettivament ġew issodisfatti.

309 Fil-fatt, fil-premessi 31, 32 u 53 tad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, il-Kummissjoni spjegat, fir-rigward tal-165 deċiżjoni fiskali antiċipata eżaminati fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni preliminari, fosthom id-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, li diversi talbiet għal deċiżjonijiet fiskali antiċipati kien imisshom qajmu dubji, mal-awtoritajiet fiskali ta' Ġibiltà, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-attivitajiet kinux realment eżenti mit-taxxa minħabba li dawn ma kinux ġew iġġenerati jew joriġinaw f'Ġibiltà. Il-Kummissjoni għaldaqstant ibbażat

l-analiżi preliminari tagħha tad-deċiżjonijiet fiskali antiċipati fuq il-fatt li l-awtoritajiet tat-taxxa ta' Ġibiltà kienu naqsu, b'mod ġenerali, milli jwettqu eżami veru tal-obbligi fiskali tal-impriżi fl-eżerċizzju tas-setgħat diskrezzjonali tagħhom.

310 Tali konstatazzjoni ġiet irrepetuta fil-premessa 62 tad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, li fiha l-Kummissjoni qieset li potenzjalment kien hemm għajnuna mill-Istat fil-"165 deċiżjoni fiskali antiċipata kollha", sa fejn "l-ebda waħda minnhom ma [kienet] ibbażata fuq informazzjoni suffiċjenti sabiex jiġi ggarantit li l-livell ta' tassazzjoni tal-attivitajiet ikkonċernati [kien] konformi mat-taxxa mħallsa minn impriżi oħra f'sitwazzjoni simili u mad-dispożizzjonijiet fiskali applikabbli".

311 It-tieni, għalkemm il-Kummissjoni affermat, fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, li d-deċiżjonijiet fiskali antiċipati eżaminati kienu jmorru lil hinn min-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul passiv, kif kienet tirriżulta mill-verżjoni tal-ITA 2010 applikabbli fil-mument tal-adozzjoni tagħhom, l-uniċi preokkupazzjonijiet identifikati mill-Kummissjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet fiskali antiċipati dwar dħul iġġenerat minn royalties, bħad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, kienu jirrigwardaw il-fatt li 22 deċiżjoni fiskali antiċipata kienu ngħataw lil kumpanniji ta' Ġibiltà li kienu jirċievu royalties mingħand kumpanniji li kienu jużaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u li kienu jinsabu barra minn Ġibiltà, mingħajr verifika ta' fejn kien jinsab l-utent tal-proprjetà intellettwali. Skont il-Kummissjoni, l-"eżenzjoni" tad-dħul iġġenerat minn royalties, mingħajr tali verifika, kienet twassal sabiex dan id-dħul ma jkun suġġett imkien għat-taxxa.

312 Hekk kif ikkonfermat il-Kummissjoni bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, id-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura ma kienx fiha osservazzjonijiet oħra fuq id-deċiżjonijiet fiskali antiċipati dwar in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties.

313 It-tielet, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm id-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura ġiet adottata fl-1 ta' Ottubru 2014, jiġifieri sussegwentement għad-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar tal-istess sena, tal-emendi tal-2013 tal-ITA 2010, u għalkemm din irreferiet espressament għal dawn l-emendi (ara, b'mod partikolari, il-premessa 32 tal-imsemmija deċiżjoni), minn din id-deċiżjoni ma jirriżultax li l-analiżi tal-Kummissjoni kienet tirrigwarda ż-żamma tal-applikazzjoni ta' deċiżjonijiet fiskali antiċipati li jikkonfermaw in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi tal-2013 tal-ITA 2010. Barra minn hekk, ebda element tad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura ma kien jippermetti li jinftiehem li, skont il-Kummissjoni, l-effetti prodotti mid-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 kienu nżammu wara l-31 ta' Diċembru 2013.

314 Ir-raba', id-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura ma kienet tinkludi ebda element f'dak li jirrigwarda r-regoli dwar it-trasparenza fiskali, is-sitwazzjoni fattwali tal-benefiċjarji tal-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati u, b'mod iktar speċifiku, id-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 jew l-użu ta' strutturi ta' grupp li jinkludu CV Olandiżi.

315 L-analiżi preliminari inkluża fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura kienet għalhekk tiddiverġi, fil-punti kollha, mir-raġunament adottat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata. Minn naħa, dan tal-aħħar kien jirrigwarda applikazzjoni żbaljata tal-ITA 2010, fil-verżjoni tagħha sussegwenti għall-31 ta' Diċembru 2013, u mhux il-fatt li, għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2013, id-dħul iġġenerat minn royalties ma kienx suġġett għat-taxxa f'ebda ġurisdizzjoni fiskali. Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni żbaljata tal-ITA 2010 mill-awtoritajiet ta' Ġibiltà, kif ġiet ikkonstatata fid-deċiżjoni kkontestata, kienet tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk id-dħul iġġenerat minn

royalties, li issa kien inkluż fil-kategoriji tad-dħul taxxabbli f'Ġibiltà, elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010, kienx iġġenerat jew joriġina f'dan it-territorju, minħabba t-trasparenza fiskali tal-kumpannija li rċevitu barra minn Ġibiltà, u mhux id-determinazzjoni tal-post li fih kien jinsab l-utent tal-proprjetà intellettwali.

316 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-evalwazzjonijiet, fattwali jew ġuridiċi, inklużi fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, ma kinux biżżejjed sabiex jippermettu li jinftiehem li l-proċedura ta' investigazzjoni formali kienet tirrigwarda mhux biss l-għoti tad-deċiżjonijiet fiskali antiċipati, iżda wkoll iż-żamma tal-effetti prodotti minn uħud minn dawn id-deċiżjonijiet, fosthom id-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, wara l-emenda tal-2013 tal-ITA 2010, minkejja l-inklużjoni tar-royalties fil-kategoriji ta' dħul taxxabbli f'Ġibiltà elenkati fl-Anness 1 tal-ITA 2010, kif ukoll il-konformità ta' dawn id-deċiżjonijiet ma' din l-aħħar liġi, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014. Issa, dawn l-elementi tal-aħħar kienu deċiżivi sabiex tiġi identifikata l-miżura eżaminata mill-Kummissjoni u sabiex jiġi kkonstatat, fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, li għajnuna mill-Istat individwali kienet ingħatat lil MJN GibCo, abbażi tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, wara l-31 ta' Diċembru 2013.

317 Ebda wieħed mill-argumenti tal-Kummissjoni ma jista' jikkontesta din il-konstatazzjoni.

318 L-ewwel, il-fatt li d-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura identifikat id-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 bħala li potenzjalment tista' tikkostitwixxi miżura ta' għajnuna individwali u l-fatt li ġie indikat, fil-premessi 32 u 53 tal-imsemmija deċiżjoni, li l-analiżi tal-kategoriji differenti ta' deċiżjonijiet fiskali antiċipati kienet saret b'mod illustrattiv jew bħala "eżempji" tal-aġir ikkritikat lill-awtoritajiet fiskali ta' Ġibiltà ma kinux suffiċjenti sabiex jitqies li l-Kummissjoni kienet osservat l-obbligu, li hija għandha taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 659/1999, li tagħti lill-partijiet interessati l-opportunità li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom b'mod utli. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza indikata fil-punti 287 sa 290 iktar 'il fuq, kienet il-Kummissjoni li kellha tiddetermina bi preċiżjoni suffiċjenti l-kuntest tal-investigazzjoni tagħha u ma kinux ir-rikorrenti, bħala partijiet interessati, li kellhom jantiċipaw il-motivi kollha li għalihom il-Kummissjoni tista' eventwalment tqis li għajnuna mill-Istat individwali kienet toriġina miż-żamma tal-effetti prodotti mid-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, wara l-31 ta' Diċembru 2013.

319 It-tieni, sa fejn il-Kummissjoni ssostni li mid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura kien jirriżulta b'mod ċar li s-suġġett tal-investigazzjoni tagħha kien jirrigwarda s-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li kellhom l-awtoritajiet ta' Ġibiltà, f'dak li kien jirrigwarda l-applikazzjoni laxka u, eventwalment, żbaljata tal-ITA 2010, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li dawn l-elementi ma kinux jippermettu li jinftiehem li l-proċedura ta' investigazzjoni formali kienet tirrigwarda ż-żamma tal-effetti prodotti minn ċerti deċiżjonijiet fiskali antiċipati, fosthom id-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, wara d-dħul fis-seħħ tal-emenda tal-2013 tal-ITA 2010, u l-konsegwenzi li għandhom jinstiltu mit-trasparenza fiskali taċ-CV Olandiżi, bħal MJT CV.

320 It-tielet, il-fatt, invokat mill-Kummissjoni, li t-talba għal deċiżjoni fiskali antiċipata ta' MJN, li għaliha sar riferiment fl-anness tad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, kienet tiddeskrivi l-istruttura tal-grupp MJN u kienet tirreferi għal MJT CV, ma kienx biżżejjed sabiex jitqies li din il-kwistjoni kif ukoll il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mit-trasparenza fiskali taċ-CV Olandiżi kienu preċiżament is-suġġett tal-proċedura ta' investigazzjoni formali. Fil-fatt, xejn ma kien jindika, fit-test tad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, li l-Kummissjoni kienet ser teżamina din il-kwistjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali. Hekk kif ġie indikat fil-punt 318

iktar 'il fuq, ma kienx il-kompitu tar-rikorrenti, bħala partijiet interessati, li jantiċipaw il-motivi kollha li għalihom il-Kummissjoni setgħet tqis li għajnuna mill-Istat individwali oriġinat miż-żamma tal-effetti prodotti mid-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 wara l-31 ta' Diċembru 2013.

321 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li d-diverġenzi bejn l-analiżi li tinsab fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura u d-deċiżjoni kkontestata, inkwantu dawn jirrigwardaw elementi ta' evalwazzjoni deċiżivi għall-finijiet tal-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat individwali tal-effetti prodotti mid-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 wara l-31 ta' Diċembru 2013, huma tali li l-Kummissjoni kien imissha adottat deċiżjoni ta' rettifika jew tieni deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura, sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċedura (ara l-punti 287 u 289 iktar 'il fuq).

322 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni rrikonoxxiet fil-premessi 212 sa 215 tad-deċiżjoni kkontestata li hija kienet qiegħda tabbanduna l-argument dwar is-selettività tal-165 deċiżjoni fiskali antiċipata, li hija kienet sostniet fil-kuntest tad-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura. Għaldaqstant, id-diverġenzi bejn l-analiżi li tinsab fid-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura u d-deċiżjoni finali jikkostitwixxu modifiki sostanzjali li jistgħu jibdlu s-sens tal-imsemmija deċiżjoni finali.

323 Issa, hekk kif jirriżulta mill-punti 287 sa 290 iktar 'il fuq, l-eżistenza ta' diverġenzi, bejn id-deċiżjoni ta' estensjoni tal-proċedura u d-deċiżjoni kkontestata, li jirrigwardaw elementi ta' evalwazzjoni deċiżivi għall-finijiet tal-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat individwali tal-effetti prodotti mid-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, wara l-31 ta' Diċembru 2013, hija biżżejjed sabiex twassal għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, fir-rigward tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012 kif ukoll tal-ordni ta' rkupru marbuta ma' din il-miżura.

324 Għaldaqstant, l-ewwel motiv intiż għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, inkwantu dan jirrigwarda l-għajnuna mill-Istat individwali mogħtija lil MJN GibCo u lir-rikorrenti abbażi tad-DFA ta' MJN GibCo tal-2012, għandu jiġi milqugħ, u għandu jiġi annullat l-imsemmi artikolu kif ukoll l-Artikolu 5(1) u (2) ta' din l-istess deċiżjoni, inkwantu dawn jirrigwardaw l-imsemmija għajnuna, mingħajr ma hemm lok li jiġu eżaminati l-motivi l-oħra mqajma mir-rikorrenti.

**D. Fuq it-tielet parti tar-rikors, intiża għall-annullament tal-Artikolu 5 tad-deċiżjoni kkontestata**

325 Fit-tielet parti tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li ċ-CV Olandiża, il-kumpanniji msieħba u l-kumpannija omm kienu jikkostitwixxu l-istess unità ekonomika waħda u meta ddeċidiet, fl-Artikolu 5(2) tad-deċiżjoni kkontestata, li l-għajnuna setgħet tiġi rkuprata mingħand l-entitajiet li jifformaw din l-unità ekonomika, fil-każ fejn din ma setgħetx tiġi rkuprata mingħand l-impriża kkonċernata stabbilita f'Ġibiltà, jiġifieri, f'dan il-każ, mingħand MJN GibCo.

326 Huma jikkritikaw lill-Kummissjoni li ma pprovatx tistabbilixxi l-eżerċizzju ta' kontroll effettiv minn MJN US jew Mead Johnson Nutrition (Asia Pacific) fuq MJN GibCo, hekk kif teżiġi l-ġurisprudenza, u lanqas il-fatt li MJN Global Holdings u MJ BV ibbenefikaw, direttament jew indirettament, mill-għajnuna allegatament mogħtija lil MJN GibCo.

327 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

328 Fid-dawl, l-ewwel, taċ-ċaħda tar-rikors inkwantu dan huwa intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, kif ukoll tal-ordni ta' rkupru marbuta ma' din il-miżura, it-tieni, tal-annullament tal-Artikolu 5(1) u (2) tad-deċiżjoni kkontestata, inkwantu dan jirrigwarda l-għajnuna individwali mogħtija lil MJN GibCo u lir-rikorrenti, u, it-tielet, tal-fatt li l-Artikolu 5(2) tad-deċiżjoni kkontestata jirrigwarda biss l-irkupru tal-miżura ta' għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni, ma hemmx iktar lok li jiġu eżaminati l-motivi preżenti, imqajma mir-rikorrenti, intiżi għall-annullament tal-Artikolu 5(2) ta' din l-istess deċiżjoni, inkwantu dawn jikkonċernawhom.

## IV. Fuq l-ispejjeż

329 Skont l-Artikolu 134(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha. F'dan il-każ, peress li r-rikorrenti u l-Kummissjoni tilfu, parzjalment, hemm lok li kull parti tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn ir-raġunijiet,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/700 tad-19 ta' Diċembru 2018, dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.34914 (2013/C) implimentata mir-Renju Unit rigward l-Iskema tat-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv f'Ġibiltà, hija annullata inkwantu huwa kkonstatat, fl-Artikolu 2, li l-għajnuna individwali mogħtija mill-Gvern ta' Ġibiltà abbażi taż-żamma, wara l-31 ta' Diċembru 2013, tad-deċiżjoni fiskali antiċipata mogħtija lil MJN Holdings (Gibraltar) Ltd hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern u inkwantu huwa ordnat, fl-Artikolu 5(1) u (2), l-irkupru ta' din l-għajnuna.**

2) **Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.**

3) **Mead Johnson Nutrition (Asia Pacific) Pte Ltd, MJN Global Holdings BV, Mead Johnson BV, Mead Johnson Nutrition Co. u l-Kummissjoni għandhom, kull waħda minnhom, ibatu l-ispejjeż tagħhom.**

Tomljenović Schalin Škvařilová-Pelzl

Nõmm Steinfatt

Mogħtija f'Qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu fis-6 ta' April 2022.

Firem

# Werrej

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . . . 2

A. L-adozzjoni tal-Income Tax Act tal-2010 u l-għoti tad-deċiżjoni fiskali antiċipata ta' MJN GibCo tal-2012 . . . . . 2

B. Il-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni . . . . . 3

C. Id-deċiżjoni kkontestata . . . . . 3

1. "Eżenzjoni" tad-dħul iġġenerat minn interessi passivi u minn royalties (skema ta' għajnuna) . . . . . 4

2. Il-ħames deċiżjonijiet fiskali antiċipati (miżuri ta' għajnuna individwali) . . . . . 5

D. Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata . . . . . 7

II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet . . . . . 8

III. Id-dritt . . . . . 9

A. Fuq l-istruttura tar-rikors . . . . . 9

B. Fuq l-ewwel parti tar-rikors, intiża għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata dwar in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat minn royalties kif ukoll tal-ordni ta' rkupru marbuta ma' din il-miżura . . . . . 10

1. Fuq il-motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, fuq ksur tal-Artikolu 5 TUE, fuq ksur tal-prinċipju ta' sovranità fiskali u fuq eċċess ta' poter (l-ewwel motiv, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata) . . . . . 11

2. Fuq il-motivi bbażati fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE (it-tieni, it-tielet u r-raba' motiv, intiżi għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata) . . . . . 15

a) Kunsiderazzjonijiet preliminari . . . . . 15

1) Fuq il-miżura ta' għajnuna li hija s-suġġett tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata . . . . . 15

2) Fuq l-eżami tal-kriterji tal-vantaġġ u tas-selettività . . . . . 17

b) Fuq l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-qafas ta' riferiment u r-regoli normali ta' tassazzjoni f'Ġibiltà . . . . . 19

1) Fuq l-għan tal-ITA 2010 u fuq l-identifikazzjoni tad-dħul taxxabbli taħt din il-liġi . . . . . 21

2) Fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' territorjalità għar-royalties . . . . . 26

c) Fuq l-eżami tal-kriterju tal-vantaġġ (it-tieni motiv, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata) . . . . . 30

1) Fuq l-ewwel ilment tat-tieni motiv, ibbażat fuq konfużjoni bejn il-kriterji tal-vantaġġ u tas-selettività . . . . . 31

2) Fuq it-tieni lment tat-tieni motiv, intiż li jikkontesta l-eżistenza ta' tnaqqis fiskali . . . . . 32

d) Fuq l-eżami tas-selettività (it-tielet motiv intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata) . . . . . 35

e) Fuq il-portata tal-vantaġġ selettiv (ir-raba' motiv, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata) . . . . . 40

3. Fuq il-motiv ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 659/1999 (il-ħames motiv intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata) . . . . . 41

a) Fuq l-ewwel ilment ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni fis-sens tal-Artikolu 296 TFUE . . . . . 42

b) Fuq it-tieni lment ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 659/1999. 43

C. Fuq it-tieni parti tar-rikors, intiża għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat individwali mogħtija lil MJN GibCo kif ukoll tal-ordni ta' rkupru marbuta ma' din il-miżura . . . . . 45

1. Kunsiderazzjonijiet preliminari dwar il-portata tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata 46

2. Fuq il-motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 108(2) TFUE u tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 659/1999 (l-ewwel motiv intiż għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata) . . . . . 48

D. Fuq it-tielet parti tar-rikors, intiża għall-annullament tal-Artikolu 5 tad-deċiżjoni kkontestata . . . . . 58

IV. Fuq l-ispejjeż . . . . . 59

[i] — Fit-tieni paġna ta' dan it-test saret modifika ta' natura lingwistika, wara li kien tqiegħed online għall-ewwel darba.